Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0196(NLE)

10477/21
ADD 1

ECOFIN 695
CADREFIN 359
UEM 193
FIN 565

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-Anness imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif rivedut u maqbul mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM (2021) 386.

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni ta' Riformi u Investimenti

A. KOMPONENT 1: SISTEMA TAS-SAĦĦA REŻILJENTI U VALIDA GĦALL-FUTUR

Il-komponent tal-pjan Litwan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi relatati mar-reżiljenza, il-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Dawn l-isfidi ġew aggravati b'mod partikolari mill-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

Il-komponent jinkludi sett ta' riformi u investimenti relatati ma': (1) it-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa u l-promozzjoni tal-innovazzjoni, (2) it-titjib tas-servizzi tal-kura fit-tul u (3) it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa biex tittratta l-emerġenzi. F'termini ta' riformi, huma jiffukaw fuq aktar bidla lejn il-kura outpatient, ir-riorganizzazzjoni tan-network tal-isptarijiet, id-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti tas-saħħa, in-nuqqas u l-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa, l-introduzzjoni ta' miżuri biex tittejjeb il-kwalità tal-kura tas-saħħa, iż-żieda fil-miżuri ta' prevenzjoni u t-titjib tal-aċċess għall-kura fit-tul, ir-riforma tal-modi ta' finanzjament tal-kura tas-saħħa biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-kontribuzzjonijiet relatati mal-impjieg. Fir-rigward tal-investimenti, il-pjan jinkludi miżuri mmirati biex jinħoloq ċentru għal terapiji avvanzati, tiġi stabbilita pjattaforma ta' kompetenza tal-professjonisti tas-saħħa, tiġi diġitalizzata s-sistema tas-saħħa, jiġi żviluppat mudell integrat ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa, jiġu stabbiliti ċentri tal-kura tas-saħħa fit-tul u timijiet mobbli. Biex jiżdied il-forniment effiċjenti tas-servizzi tas-saħħa f'emerġenzi tas-saħħa u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, huma previsti investimenti biex jimmodernizzaw l-infrastruttura tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa biex jadattaw ix-xogħol f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi.

Il-miżuri inklużi fil-komponent huma mistennija jindirizzaw xi sfidi enfasizzati mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u biex jitjiebu l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2020) kif ukoll jiżdiedu l-kwalità, l-affordabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

A.1.1. Riforma 1: "It-titjib tal-kwalità u tal-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa u l-promozzjoni tal-innovazzjoni"

L-objettiv tar-riforma huwa li jiżdiedu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa, b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-kura primarja, il-kura speċjalizzata tal-pazjenti esterni, id-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, il-miżuri previsti jiffukaw fuq it-tisħiħ tar-rwol tal-kura tas-saħħa primarja, l-iżvilupp ta' servizzi tas-saħħa pubbliċi innovattivi u bbażati fuq ix-xjenza, l-istabbiliment ta' network ta' ċentri ta' eċċellenza u network ta' faċilitajiet tas-saħħa personali bbażat fuq mudell ta' kooperazzjoni reġjonali li torjenta mill-ġdid is-sistema tal-kura tas-saħħa mill-kura fl-isptar għal pazjenti

ta' barra, it-titjib tal-ippjanar tar-riżorsi tas-saħħa u l-proċessi ta' żvilupp tal-ħiliet tal-ispeċjalisti, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa u t-titjib tal-mudell ta' finanzjament tas-sistema tas-saħħa.

Din ir-riforma hija akkumpanjata minn 11-il sottomiżura: (1) Qafas leġiżlattiv li jirregola l-organizzazzjoni, il-maniġment u l-għoti tas-servizzi ta' ambulanza (is-Sottomiżura 1); (2) Żvilupp tas-sistema tas-saħħa diġitali li tiffaċilita l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa (is-Sottomiżura 2); (3) Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja 2016–2025 (is-Sottomiżura 3); (4) Stabbiliment ta' mudell tal-implimentazzjoni bażiku għas-servizz tas-saħħa pubblika (is-Sottomiżura 4); (5) Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa. (is-Sottomiżura 5); (6) Stabbiliment ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali bbażat fuq il-mudell ta' kooperazzjoni reġjonali (is-Sottomiżura 6); (7) Ħolqien ta' ċentru għat-terapiji avvanzati (is-Sottomiżura 7); (8) Ħolqien ta' ġabra rappreżentattiva ta' *data* dwar il-ġenomi ta' referenza bħala parti mill-proġett tas-saħħa "1+ Million Genomes" (is-Sottomiżura 8); (9) Ħolqien ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa (is-Sottomiżura 9); (10) Żvilupp ta' mudell għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa (is-Sottomiżura 10); (11) Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa (is-Sottomiżura 11).

A.1.1.1. Sottomiżura 1: Qafas leġiżlattiv li jirregola l-organizzazzjoni, il-maniġment u l-għoti tas-servizzi ta' ambulanza

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar is-Servizzi Mediċi ta' Emerġenza u l-leġiżlazzjoni relatata li tistabbilixxi mudell ċentralizzat għall-organizzazzjoni tal-kura ta' emerġenza billi ċ-ċentri tad-dispaċċ tal-ambulanzi jiġu integrati f'sistema unika taċ-Ċentru ta' Reazzjoni għall-Emerġenza.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

A.1.1.2. Sottomiżura 2: Żvilupp tas-sistema tas-saħħa diġitali li tiffaċilita l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa. F'dan il-kuntest, għandu jitħejja mmappjar tar-riżorsi ta' informazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa u għandha titwettaq analiżi tal-maturità tas-sistemi ta' informazzjoni, li tivvaluta l-integrità tagħha ma' sistemi ta' informazzjoni oħrajn. Fuq il-bażi ta' dan, ir-riżorsi għandhom jiġu ottimizzati biex jikkontribwixxu għas-sistema tal-kura tas-saħħa tal-IT koordinata, ta' kwalità għolja u interoperabbli. Il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-Sistema tas-Saħħa Diġitali għandu jiġi implimentat.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

A.1.1.3. Sottomiżura 3: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja 2016–2025

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni aġġornat dwar l-iżvilupp tal-mediċina tal-familja għall-perjodu 2016–2025. Il-pjan ta' azzjoni li jrid jiġi adottat mill-Ministeru għas-Saħħa għandu jippermetti lill-prattikanti ġenerali biex jiffokaw b'mod aktar effettiv fuq il-pazjenti, u li l-pazjenti jaċċessaw firxa usa' ta' kura tas-saħħa. L-imsieħba soċjali għandhom jiġu kkonsultati.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

A.1.1.4. Sottomiżura 4: L-istabbiliment ta' mudell bażiku għat-twettiq tas-servizz tas-saħħa pubblika

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar mudell bażiku għall-għoti ta' servizz tas-saħħa pubblika li jistabbilixxi kundizzjonijiet ugwali biex il-gruppi kollha fis-soċjetà jirċievu s-servizzi meħtieġa u ta' kwalità għolja, speċjalment dawk vulnerabbli u soċjalment esklużi. Għandha ssir analiżi tal-inugwaljanzi tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa tal-popolazzjoni u għandha tkun immirata lejn gruppi speċifiċi identifikati. Għandhom jiġu vvalutati d-domanda u l-provvista tas-servizzi tas-saħħa pubblika għal kull grupp. Il-lista bażika tas-servizzi tas-saħħa pubblika, il-kriterji tal-kwalità, ir-responsabbiltajiet, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandha tiġi stabbilita u approvata bl-ordni tal-Ministru tas-Saħħa.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

A.1.1.5. Sottomiżura 5: Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa. Id-deċiżjonijiet dwar il-kapaċità finanzjarja tal-Istat li jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim għandhom jiġu vvalutati u adottati. Barra minn hekk, pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-istat psikoemozzjonali tat-tobba għandu jitħejja u jiġi approvat b'ordni tal-Ministru tas-Saħħa. Għandu jitwaqqaf grupp ta' ħidma biex jiżviluppa mekkaniżmu għat-taħriġ fis-servizz tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

A.1.1.6. Sottomiżura 6: Stabbiliment ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali bbażat fuq il-mudell ta' kooperazzjoni reġjonali

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment u r-regolamentazzjoni ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali bbażat fuq il-mudell ta' ċentri ta' eċċellenza u kooperazzjoni reġjonali. Il-prinċipji u l-kriterji għall-formazzjoni ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali għandhom jiġu żviluppati u għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali u ċ-ċentri ta' eċċellenza. Għandha tiġi adottata deċiżjoni tal-Gvern dwar l-azzjonijiet regolatorji, ta' investiment u ta' komunikazzjoni meħtieġa biex jiġi ffurmat network sostenibbli ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

A.1.1.7. Sottomiżura 7: Ħolqien ta' ċentru għat-terapiji avvanzati

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jinħoloq Ċentru għal Terapiji Avvanzati biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' terapiji avvanzati innovattivi u titjieb il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa. Il-proġett jipprevedi estensjoni tal-Isptar Universitarju f'Vilnius għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' Prodotti Mediċinali ta' Terapija Avvanzata. L-investimenti jinkludu estensjoni tal-infrastruttura, ix-xiri ta' tagħmir mediku, u l-iżvilupp professjonali. Iċ-Ċentru għat-Terapiji Avvanzati għandu jkun integrat bis-sħiħ mal-attivitajiet tal-Isptar Universitarju f'Vilnius.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

A.1.1.8. Sottomiżura 8: Ħolqien ta' ġabra rappreżentattiva ta' *data* dwar il-ġenomi ta' referenza bħala parti mill-proġett tas-saħħa "1+ Million Genomes"

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jitlestew it-testijiet ta' sekwenzar li jippermettu lil-Litwanja tipparteċipa fil-proġett tas-saħħa transfruntier tal-UE "1+ Million Genomes". B'mod partikolari, l-investimenti fil-proġett "Stħarriġ għas-sekwenzjar tal-ġenoma umana f'kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni totali tal-Litwanja" għandhom joħolqu ġabra rappreżentattiva ta' *data* tal-ġenoma ta' referenza taċ-ċittadini Litwani. Hija għandha l-għan li ssaħħaħ ir-riċerka ġenetika tal-Litwanja sabiex tiffaċilita t-tqabbil sigur u l-analiżi ta' din id-*data* fil-qafas tal-proġett.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

A.1.1.9. Sottomiżura 9: L-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ta' kompetenza għall-professjonisti tas-saħħa li għandha tintuża għall-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet tal-professjonisti tas-saħħa. Għandu jżomm rekord tal-liċenzji tal-professjonisti tas-saħħa f'konformità mal-qafas regolatorju rilevanti u marbut mar-Reġistru tal-Liċenzji tal-Kura tas-Saħħa u l-Prattiki Professjonali Farmaċewtiċi.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

A.1.1.10. Sottomiżura 10: Żvilupp ta' mudell għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jiġi żviluppat mudell integrat ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa u għodda ta' feedback għall-pazjenti. Il-mudell huwa li jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti mill-uffiċċji tas-saħħa pubblika, iċ-ċentri tal-kura primarja u l-isptarijiet u li jinħoloq qafas biex titqabbel il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

A.1.1.11. Sottomiżura 11: Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li tintegra diversi riżorsi ta' informazzjoni dwar is-saħħa f'sistema bbażata *fuq* prinċipji uniformi u li timmodernizza l-elementi tas-saħħa elettronika. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' rekords tas-saħħa elettronika tal-pazjenti u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa personali, l-iżvilupp tat-telemediċina u soluzzjonijiet diġitali għas-sorveljanza tal-mard li jittieħed u l-ipproċessar tad-*data* analitika, il-Big Data u l-Intelliġenza Artifiċjali kif ukoll l-iskambju ta' *data* dwar is-saħħa. L-investiment għandu jikkontribwixxi għal diversi proġetti multinazzjonali relatati mal-iskambju transfruntier tad-*data* dwar is-saħħa, il-preskrizzjonijiet elettroniċi u s-sommarju tal-pazjenti, in-Networks Ewropej ta' Referenza (ERNs) u strutturi internazzjonali oħra ta' networking, il-proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw pjattaforma transfruntiera effiċjenti, interoperabbli u sigura għall-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa għall-X-eHealth għat-tranżizzjoni lejn is-Sistema Komuni ta' Qsim tad-*Data* u l-ħolqien ta' spazju komuni Ewropew tad-*data* dwar is-saħħa. L-investiment għandu l-għan li jtejjeb l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-effiċjenza fir-riżorsi tas-servizzi tas-saħħa u li jippromwovi sistema tal-kura tas-saħħa integrata b'mod diġitali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

A.1.2. Riforma 2 "Forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul"

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb l-aċċessibbiltà tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa integrati billi tiżviluppa u timplimenta mudell ta' kura fit-tul sostenibbli. Għandu jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni għat-

taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-kura fit-tul u pjan biex tiġi żgurata l-infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul fil-livell ta' kull muniċipalità u reġjun għandu jiżgura l-aħjar użu tal-infrastruttura eżistenti għall-protezzjoni tas-saħħa u soċjali u r-riżorsi tal-organizzazzjonijiet muniċipali u mhux governattivi. Għal kull reġjun, għandha ssir l-analiżi tar-riżorsi għal kura fit-tul istituzzjonali, ibbażata fil-komunità u fid-dar u għandu jsir operattiv mudell ġdid għall-għoti ta' kura fit-tul.

Din ir-riforma hija akkumpanjata minn żewġ sottomiżuri: (1) Adozzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul (is-Sottomiżura 1); (2) Żieda tar-riżorsi umani u tal-kapaċità tal-infrastruttura għall-għoti ta' servizzi tal-kura fit-tul (is-Sottomiżura 2).

A.1.2.1. Sottomiżura 1: Adozzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi adottata leġiżlazzjoni li tirregola l-implimentazzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul. Għandu jiġi żviluppat il-mudell għall-forniment u l-finanzjament tal-kura tas-saħħa soċjali u personali, biex b'hekk jiġi stabbilit punt uniku ta' servizz għall-għoti ta' kura fit-tul. Għandha titwettaq analiżi fil-fond biex jiġi ddeterminat il-mudell għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

A.1.2.2. Sottomiżura 2: Żieda tar-riżorsi umani u tal-kapaċità infrastrutturali għall-għoti tas-servizzi tal-kura fit-tul

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li jiġu stabbiliti 10 ċentri speċjalizzati ta' kura fit-tul fejn il-pazjenti għandu jkollhom aċċess għal servizzi tas-saħħa u soċjali integrati u attivitajiet ibbażati fil-komunità. Għandhom jiġu pprovduti tagħmir u vetturi meħtieġa għall-iżvilupp ta' servizzi ta' kura fit-tul għal pazjenti esterni u r-riżorsi umani meħtieġa għal 90 tim mobbli. Mill-inqas 1000 professjonist għandhom jitħarrġu bħala persuni li jindukraw id-dar, li jinkludu persunal tat-tim mobbli u persunal fiċ-ċentri ta' ġurnata stabbiliti. Filwaqt li ċ-ċentri ta' ġurnata speċjalizzati għandhom ikunu jinsabu fl-ibliet, it-timijiet mobbli għandhom jiġu ffurmati fil-pajjiż kollu, b'attenzjoni speċjali għall-muniċipalitajiet rurali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

A.1.3. Riforma 3 "Titjib sistematiku tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa biex jiġu indirizzati l-emerġenzi"

L-għan tar-riforma huwa li jiġi żgurat twassil bilanċjat, sikur u effiċjenti ta' servizzi tas-saħħa f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u jadattaw l-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Din ir-riforma hija akkumpanjata minn tliet sottomiżuri: (1) pjan ta' azzjoni dwar it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. (is-Sottomiżura 1); (2) Modernizzazzjoni taċ-ċentri ta' għarfien espert fil-cluster ta' mard infettiv (is-Sottomiżura 2); (3) Modernizzazzjoni tad-dipartimenti tal-emerġenza u tal-unitajiet tar-rianimazzjoni fl-isptarijiet reġjonali (is-Sottomiżura 3).

A.1.3.1. SIs-sottomiżura 1: Pjan ta' azzjoni li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jiġi adottat pjan ta' azzjoni dwar it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Dan għandu jinkludi rekwiżiti għall-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa biex jiżguraw it-tħejjija tagħhom u l-effettività tar-rispons tas-sistema għall-emerġenzi. Il-prekondizzjonijiet għandhom jinħolqu għal kooperazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi umani disponibbli. Għandha titwettaq valutazzjoni tal-istat ta' tħejjija ta' emerġenza tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

A.1.3.2. Sottomiżura 2: Il-modernizzazzjoni taċ-ċentri ta' għarfien espert fil-cluster ta' mard infettiv

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li jiġu modernizzati u estiżi ċ-ċentri ta' eċċellenza tar-raggruppament ta' mard infettiv f'ħames sptarijiet li jinsabu fi bliet ewlenin, inklużi Vilnius, Kaunas, Klaipeda, Siauliai u Panevezys li jadattaw għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi. L-investimenti għandhom jinkludu r-rinnovazzjoni, l-adattament tal-bini, ir-rikostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini kif ukoll għall-akkwist tat-tagħmir mediku u tal-laboratorju biex jiġu żgurati servizzi ta' dijanjosi u trattament affordabbli, ta' kwalità għolja u sikuri għall-mard infettiv. B'mod ġenerali, l-investimenti fl-infrastruttura tal-isptarijiet għandhom jgħinu fl-organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizzi tal-ambulanzi biex jiġi żgurat li tingħata l-assistenza medika meħtieġa u f'waqtha lill-popolazzjoni. Hija għandha tiżgura wkoll il-kapaċità li jiġi ttrattat mard infettiv mingħajr ma jiżdied l-għadd totali ta' sodod għall-kura fit-tul u kurattivi fil-livell nazzjonali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

A.1.3.3. Sottomiżura 3: Il-modernizzazzjoni tad-dipartimenti tal-emerġenza u tal-unitajiet ta' rianimazzjoni fl-isptarijiet reġjonali

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jiġu modernizzati l-unitajiet mediċi ta' emerġenza, ta' risuxxitazzjoni u ta' kura intensiva f'seba' sptarijiet/ċentri ta' trawmi fi sptarijiet ta' Vilnius, Kaunas, Alytus, Marijampole, Utena, Telsiai u Taurage. L-investimenti għandhom jinkludu r-rikostruzzjoni u l-immodernizzar ta' unitajiet mediċi ta' emerġenza u l-provvista ta' tagħmir mediku meħtieġ.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
1	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.1. Qafas leġiżlattiv li jirregola l-organizzazzjoni, il-maniġment u l-għoti tas-servizzi ta' ambulanza	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar is-Servizzi Mediċi ta' Emerġenza u l-leġiżlazzjoni relatata	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2022	Il-Liġi dwar is-Servizzi Mediċi ta' Emerġenza u l-leġiżlazzjoni relatata, bħal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Kura tas-Saħħa, il-Liġi dwar iċ-Ċentru ta' Rispons ta' Emerġenza, il-liġi sekondarja li tistipula r-rekwiżiti għall-provvista ta' servizzi ta' ambulanza u l-proċeduri tal-pagamenti għandhom jirregolaw l-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-forniment tas-servizzi ta' ambulanza.
2	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2022	Il-leġiżlazzjoni dwar l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi għall-użu sekondarju tad-*data*, it-tħejjija tad-*data* dwar is-saħħa għall-użu sekondarju, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-forniment ta' *data* dwar is-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	A.1.1.2. Żvilupp tas-sistema tas-saħħa diġitali li tiffaċilita l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa									saħħa mill-kontrolluri tad-*data* dwar is-saħħa lil istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern għandhom (i) joħolqu kundizzjonijiet għall-użu sekondarju effiċjenti u sikur tad-*data* dwar is-saħħa għal finijiet ta' interess pubbliku (ir-riċerka, l-iżvilupp sperimentali u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ġestjoni tal-għarfien fis-saħħa, it-tfassil tal-politika tas-saħħa, l-istatistika), (ii) jiżguraw l-iżvilupp sostenibbli tas-saħħa diġitali u (iii) jirregolaw il-miżuri ta' organizzazzjoni u tekniċi meħtieġa għall-użu sekondarju armonizzat, ikkoordinat u ta' kwalità għolja waqt li tkun żgurata l-protezzjoni tad-*data* personali.
3	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.3. Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja	Ewlieni	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni aġġornat dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja għall-2016–2025	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2022	Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja għall-2016–2025 għandu jiġi żviluppat u approvat mill-Ministeru tas-Saħħa. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jiddefinixxi l-funzjonijiet ta' tabib tal-familja li mhumiex marbuta direttament mal-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa; u jqassam mill-ġdid ir-responsabbiltajiet bejn il-prattikanti ġenerali u membri oħra tal-professjoni medika (infermiera, qwiebel, assistenti tal-infermiera, professjonisti tal-istil tal-ħajja, assistenti soċjali jew fiżjoterapisti).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	2016–2025									
4	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.4. L-istabbiliment ta' mudell bażiku għat-twettiq tas-servizz tas-saħħa pubblika	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' mudell bażiku ta' għoti ta' servizz tas-saħħa pubblika li jistabbilixxi kundizzjonijiet ugwali biex wieħed jirċievi servizzi meħtieġa u ta' kwalità għolja għall-gruppi kollha fis-soċjetà, speċjalment vulnerabbli u soċjalment esklużi	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q1	2023	Il-mudell bażiku ta' implimentazzjoni tas-servizz tas-saħħa pubblika għandu jistabbilixxi lista bażika ta' servizzi tas-saħħa pubblika inklużi l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, il-kriterji tal-kwalità, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tas-servizzi kif ukoll tas-servizzi tas-saħħa għall-gruppi fil-mira, speċjalment dawk vulnerabbli u soċjalment esklużi. Is-servizzi meħtieġa u ta' kwalità għolja għandhom jiġu pprovduti fil-muniċipalitajiet kollha b'mod ugwali.
5	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q2	2023	Il-leġiżlazzjoni biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-regolamentazzjoni tal-pagi, l-ammont ta' xogħol, miżuri biex jitjieb l-istat psikoemozzjonali tat-tobba u mekkaniżmu għat-taħriġ fis-servizz tal-professjonisti tas-saħħa.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	A.1.1.5. Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa		professjonisti tas-saħħa							
6	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.6. Stabbiliment ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali bbażat fuq il-mudell ta'	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment u r-regolamentazzjoni ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali bbażat fuq il-mudell ta' ċentri ta' eċċellenza u kooperazzjoni reġjonali	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q3	2023	Il-leġiżlazzjoni li tirregola n-network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali bbażata fuq il-mudell ta' ċentri ta' eċċellenza u l-kooperazzjoni reġjonali għandha tistabbilixxi l-prinċipji u l-kriterji għall-formazzjoni ta' network ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali u mekkaniżmu għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali u ċ-ċentri ta' eċċellenza.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	kooperazzjoni reġjonali									
7	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.7. Ħolqien ta' ċentru għat-terapiji avvanzati	Ewlieni	Stabbiliment ta' Ċentru ta' Terapija Avvanzata	L-istabbiliment ta' Ċentru ta' Terapija Avvanzata	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2024	L-istabbiliment taċ-ċentru ta' terapija avvanzata għandu jippermetti t-tħejjija ta' prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u jiżgura l-forniment ta' servizzi innovattivi ta' terapija taċ-ċelloli lill-popolazzjoni fil-pajjiż kollu. Id-disinn tal-infrastruttura taċ-ċentru ta' terapija avvanzata u x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandhom jitlestew, it-tagħmir mediku/tal-laboratorju, it-tagħmir tal-IT u l-għamara mixtrija u installati, il-linji gwida metodoloġiċi implimentati, it-taħriġ għall-iżvilupp professjonali kkompletat u l-liċenzji operattivi meħtieġa miksuba.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
8	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.8. Ħolqien ta' ġabra rappreżentattiva ta' *data* dwar il-ġenomi ta' referenza bħala parti mill-proġett tas-saħħa "Genome Europe"	Mira	Għadd ta' testijiet ta' sekwenzar imwettqa għall-ġenomu uman sħiħ	Mhux applikabbli	Numru	0	750	Q2	2025	L-għadd ta' testijiet ta' sekwenzjar imwettqa biex tipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-proġett transfruntier tal-UE "1+ Million Genomes" għandu jkun mill-inqas 750. L-istituzzjonijiet Litwani li jipparteċipaw fil-proġett għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir tal-laboratorju u tal-kompjuter meħtieġ għall-iżvilupp ta' *data* ta' referenza ġenomika nazzjonali. Għandha tinħoloq infrastruttura tal-mediċina ġenomika nazzjonali unifikata sostenibbli. Il-mira hija marbuta mal-adozzjoni tal-qafas legali għar-riċerka dwar il-ġenoma u l-iskambju ta' din l-informazzjoni mal-pajjiżi tal-UE.
9	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni	Mira	Għadd ta' testijiet ta' sekwenzar imwettqa għall-ġenomu uman sħiħ	Mhux applikabbli	Numru	750	1570	Q1	2026	L-għadd ta' testijiet ta' sekwenzjar imwettqa biex tipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-proġett transfruntier tal-UE "1+ Million Genomes" għandu jkun mill-inqas 1570. L-istituzzjonijiet Litwani li jipparteċipaw fil-proġett għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir tal-laboratorju u tal-kompjuter meħtieġ għall-iżvilupp ta' *data* ta'

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	A.1.1.8. Ħolqien ta' ġabra rappreżentattiva ta' *data* dwar il-ġenomi ta' referenza bħala parti mill-proġett tas-saħħa "Genome Europe"									referenza ġenomika nazzjonali. Għandha tinħoloq infrastruttura tal-mediċina ġenomika nazzjonali unifikata sostenibbli. Il-mira hija marbuta mal-adozzjoni tal-qafas legali għar-riċerka dwar il-ġenoma u l-iskambju ta' din l-informazzjoni mal-pajjiżi tal-UE.
10	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.9. L-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-	Ewlieni	Stabbiliment ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa	L-istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q4	2023	Għandha tiġi stabbilita Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa li tinkludi modalitajiet għall-identifikazzjoni, il-monitoraġġ, l-ippjanar u l-ġestjoni ta' professjonisti tas-saħħa bħat-tobba, l-infermiera, is-saħħa pubblika, l-iżvilupp tal-ħiliet tal-ispeċjalisti farmaċewtiċi (taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet). Il-pjattaforma għandha taħżen rekords tal-liċenzji tal-professjonisti tas-saħħa u tkun marbuta mar-Reġistru tal-Liċenzji tal-Kura tas-Saħħa u l-Prattiki Professjonali Farmaċewtiċi. L-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa għandhom

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Professjonisti tas-Saħħa									jimmonitorjaw u jippjanaw l-iżvilupp professjonali tal-ispeċjalisti, jimmonitorjaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' speċjalisti tal-forniturі tas-saħħa nazzjonali u tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa pubblika.
11	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.10. Żvilupp ta' mudell għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa	Mira	Is-sehem tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa inklużi fil-panel tal-wiri tas-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Litwanja fuq il-bażi ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni		% (perċentwali)	0	100	Q2	2024	Is-sehem tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa inklużi fil-panel tad-displej tas-sistema tas-saħħa bbażat fuq sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni għandu jiġi mmonitorjat mill-Ministeru tas-Saħħa u l-Aġenzija ta' Akkreditament tal-Kura tas-Saħħa tal-Istat taħt il-Ministeru tas-Saħħa. Għandha tiġi stabbilita għodda tal-IT għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pprovduti fil-livell nazzjonali, muniċipali u tal-kura tas-saħħa. L-għodda ta' monitoraġġ tal-IT għandha tippermetti l-valutazzjoni tal-kwalità tas-sistema tas-saħħa nazzjonali ġenerali, kif ukoll muniċipalitajiet individwali u istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, tqabbel il-valuri tal-indikaturi mal-valuri fil-mira fil-livell nazzjonali, muniċipali u tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, tqabbel l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa kollha skont l-indikaturi magħżula. Fuq il-bażi ta' informazzjoni mmonitorjata, għandhom jittieħdu

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										deċiżjonijiet dwar l-ippjanar ta' investimenti mmirati lejn it-titjib tal-kwalità tas-sistema tas-saħħa.
12	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.11. Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa	Mira	Is-sehem tal-popolazzjoni tal-pajjiż b'servizzi elettroniċi relatati mal-kura tas-saħħa	Mhux applikabbli	% (perċentwali)	30	60	Q4	2025	Is-sehem tal-popolazzjoni Litwana li tirċievi s-servizzi tal-kura tas-saħħa rilevanti b'mod elettroniku. Is-servizzi għandhom jinkludu ż-żjarat outpatient, il-preskrizzjonijiet elettroniċi, il-ħruġ ta' ċertifikat tat-twelid tat-tfal, il-ħruġ ta' ċertifikat tal-mewt mediku, l-eżami mediku tas-sewwieqa, ir-riferimenti għall-konsultazzjoni, ir-riċerka, it-trattament, it-test dijanjostiku u r-rekords tat-tilqim. Il-ksib tal-mira huwa marbut direttament mal-ħolqien tas-sistema ta' informazzjoni integrata mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Infrastruttura ta' Kooperazzjoni u Servizzi tas-Saħħa Elettronika (ESPBI IS) stabbilita miċ-Ċentru Statali tal-Intrapriżi tar-Reġistri. Is-sistema ta' informazzjoni eżistenti tal-LNKC għandha tiġi integrata mal-ESPBI IS u biex l-LNKC IS tkun tista' tiskambja dokumenti tas-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										servizz web ma' punti ta' kuntatt nazzjonali ta' pajjiżi oħra tal-UE.
13	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.11. Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa	Mira	Is-sehem ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali outpatient u inpatient li jużaw prodotti tas-saħħa elettronika	Mhux applikabbli	% (perċentwali)	50	70	Q4	2025	Is-sehem ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa personali inpatient u outpatient li jużaw prodotti tas-Saħħa elettronika jiżdied minn 50 % għal 70 %. L-istituzzjonijiet għandhom jadattaw il-proċessi interni u s-sistemi ta' informazzjoni tagħhom f'konformità mad-Digriet Nru V-657 "Dwar l-approvazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proċedura għall-użu tas-sistema elettronika ta' informazzjoni dwar is-servizzi tas-saħħa u l-infrastruttura ta' kooperazzjoni" tal-Ministru għas-Saħħa u jiġġestixxu d-*data* fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Infrastruttura ta' Kooperazzjoni u Servizzi tas-Saħħa Elettronika (ESBPI IS).
14	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni	Mira	Is-sehem ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa li l-liċenzja tagħhom hija rreġistrata u mmonitorjata		% (perċentwali)	0	50	Q1	2026	Is-sehem tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa tal-pajjiż, li l-liċenzja tagħhom għandha tiġi rreġistrata u mmonitorjata diġitalment f'sistema tal-IT. L-Aġenzija ta' Akkreditament tal-Kura tas-Saħħa tal-Istat għandha tissorvelja l-konformità mal-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	A.1.1.11. Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa		diġitalment							kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' speċjalisti u istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.
15	A.1.2. Riforma tas-servizzi tal-kura fit-tul A.1.2.1. Adozzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-implimentazzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q1	2024	Il-leġiżlazzjoni li tirregola l-implimentazzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul għandha tinkludi l-kunċett ta' servizzi ta' kura fit-tul, ir-rekwiżiti tal-għoti ta' servizzi, l-amministrazzjoni ta' servizzi ta' kura fit-tul, l-assenjazzjoni ċara tal-funzjonijiet tal-amministrazzjoni tas-servizzi lil istituzzjonijiet speċifiċi, tistabbilixxi r-rekwiżiti bażiċi għall-entitajiet rilevanti biex jipprovdu servizzi ta' kura fit-tul u tistabbilixxi prinċipji u mekkaniżmi għall-finanzjament ta' servizzi ta' kura fit-tul.
16	A.1.2. Riforma tas-servizzi tal-kura fit-tul A.1.2.2. Żieda tar-riżorsi	Mira	Sehem ta' pazjenti ta' kura fit-tul li jirċievu servizzi ta' kura fit-tul barra l-pazjenti (%)	Mhux applikabbli	% (perċentwali)	5	30	Q2	2025	Is-sehem ta' pazjenti Litwani li jieħdu kura fit-tul li jirċievu servizzi rilevanti fid-dar u/jew fiċ-ċentri ta' matul il-jum għandu jiżdied għal 30 %. Il-kisba tal-mira hija marbuta direttament mal-iffurmar ta' disgħin tim ta' speċjalisti li jipprovdu servizzi ta' pazjenti ta' barra fid-djar tar-residenti, l-istabbiliment ta' għaxar ċentri speċjalizzati ta'

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	umani u tal-kapaċità infrastrutturali għall-għoti tas-servizzi tal-kura fit-tul									kura matul il-jum fl-ibliet għall-forniment ta' servizzi tal-kura fit-tul aktar integrati u taħriġ għal mill-inqas 1000 professjonist tal-kura fit-tul. L-indikatur għandu jiġi mmonitorjat mill-Ministeru tas-Saħħa.
17	A.1.2. Riforma tas-servizzi tal-kura fit-tul A.1.2.2. Żieda tar-riżorsi umani u tal-kapaċità infrastrutturali għall-għoti tas-servizzi tal-kura fit-tul	Mira	Sehem ta' pazjenti ta' kura fit-tul li jirċievu servizzi ta' kura fit-tul barra l-pazjenti (%)	Mhux applikabbli	% (perċentwali)	30	60	Q1	2026	Is-sehem ta' pazjenti Litwani li jieħdu kura fit-tul li jirċievu servizzi rilevanti fid-dar u/jew fiċ-ċentri ta' matul il-jum għandu jiżdied għal 60 %. Il-kisba tal-mira hija marbuta direttament mal-iffurmar ta' disgħin tim ta' speċjalisti li jipprovdu servizzi ta' pazjenti ta' barra fid-djar tar-residenti, l-istabbiliment ta' għaxar ċentri speċjalizzati ta' kura matul il-jum fl-ibliet għall-forniment ta' servizzi tal-kura fit-tul aktar integrati u taħriġ għal mill-inqas 1000 professjonist tal-kura fit-tul. L-indikatur għandu jiġi mmonitorjat mill-Ministeru tas-Saħħa.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
18	A.1.3. Titjib sistemiku tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa biex taħdem f'emerġenzi A.1.3.1. Pjan ta' azzjoni li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' Pjan ta' Azzjoni dwar it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza mill-Ministeru tas-Saħħa	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Q1	2023	Il-pjan ta' azzjoni biex titjieb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u biex l-infrastruttura tiġi adattata għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandu jinkludi rekwiżiti dwar it-thejjija għall-emerġenzi għall-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u jiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi umani.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
19	A.1.3. Titjib sistemiku tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa biex taħdem f'emerġenzi A.1.3.2. Il-modernizzazzjoni taċ-ċentri ta' għarfien espert fil-cluster ta' mard infettiv	Mira	L-għadd ta' faċilitajiet modernizzati tal-kura tas-saħħa li jinkludu ċentri ta' għarfien espert fir-raggruppament ta' mard infettiv		Numru	0	5	Q4	2024	L-investimenti għandhom jintużaw biex jimmodernizzaw l-infrastruttura ta' 5 ċentru ta' raggruppament ta' mard infettiv, li huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-effiċjenza, il-kwalità u s-sikurezza tad-dijanjosi u t-trattament ta' infezzjonijiet perikoluż. Għandu jiġi żgurat li l-għadd totali ta' sodod kurattivi u tal-kura fit-tul fil-livell nazzjonali ma jiżdiedx. Il-mira għandha titqies li ntlaħqet wara l-azzjonijiet li ġejjin: (i) ġew stabbiliti rekwiżiti aġġornati għall-mard infettiv u għad-dipartimenti tal-ammissjoni; (ii) ġew implimentati proġetti ta' investiment għall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa modernizzati, inklużi ċentri ta' għarfien espert fil-cluster ta' mard infettiv.
20	A.1.3. Titjib sistemiku tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa biex taħdem	Mira	L-għadd ta' faċilitajiet modernizzati tal-kura tas-saħħa fl-unitajiet ta' emerġenza, risuxxitazzjoni u		Numru	0	7	Q4	2024	L-investiment għandu jintuża biex jimmodernizza d-dipartimenti ta' emerġenza u l-unitajiet ta' risuxxitazzjoni (kura intensiva) ta' seba' sptarijiet fil-livell reġjonali sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikunu lesti jipprovdu servizzi ta' kwalità u sikuri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	f'emerġenzi A.1.3.3. Il-modernizzazzjoni tad-dipartimenti tal-emerġenza u tal-unitajiet ta' rianimazzjoni fl-isptarijiet reġjonali		kura intensiva fl-isptarijiet							Il-mira għandha titqies li ntlaħqet wara l-azzjonijiet li ġejjin: (i) rekwiżiti aġġornati għall-operat tad-dipartimenti tal-emerġenza; (ii) rekwiżiti aġġornati għar-rianimazzjoni u għall-unitajiet tal-kura intensiva; (iii) ġew implimentati proġetti ta' investiment għall-faċilitajiet modernizzati tal-kura tas-saħħa fl-unitajiet tal-emerġenza, tar-rianimazzjoni u tal-kura intensiva.

B. KOMPONENT 2: TRASFORMAZZJONI EKOLOĠIKA TAL-LITWANJA

Il-komponent tal-pjan Litwan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika, u b'mod partikolari l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, inkluż mis-settur tat-trasport, tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-bini u t-trasport, tissaħħaħ l-effiċjenza tar-riżorsi u jingħata kontribut għall-assorbiment tal-gassijiet serra permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

Il-komponent jipprevedi l-iżvilupp ta' impjant tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u infrastruttura relatata, appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli (RES) fuq l-art (impjanti tal-enerġija solari u mir-riħ fuq l-art), faċilitajiet ta' ħżin individwali u l-istabbiliment ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, u l-installazzjoni ta' infrastruttura oħra għall-ħżin tal-elettriku, iddedikata għall-użu pubbliku matul l-ewwel perjodu ta' żmien. Fir-rigward tal-mobilità, il-miżuri ewlenin jinvolvu appoġġ għas-sostituzzjoni tal-vetturi tat-trasport bit-triq li jniġġsu li jintużaw mis-settur pubbliku u min-negozji b'vetturi nodfa, biex jitjiebu l-kwalità u l-attraenza tas-servizzi tat-trasport pubbliku bl-aġġornament tal-vetturi tat-trasport pubbliku b'vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, bl-istabbiliment ta' infrastruttura għall-iċċarġjar/mili għat-tipi kollha ta' vetturi nodfa li jużaw karburanti alternattivi, u għall-iżvilupp ta' setturi tal-karburanti alternattivi (bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni, idroġenu). Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, dan huwa ppjanat li jinkiseb mill-pakketti u l-istandards ta' rinnovazzjoni tal-bini, il-pjanijiet ta' żvilupp muniċipali, il-metodoloġiji ta' żvilupp urban sostenibbli u l-proġetti ta' rinnovazzjoni distrettwali, il-promozzjoni tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-kostruzzjoni li jħaffu r-rinnovazzjoni tal-bini u l-finanzjament għar-rinnovazzjoni. Sabiex tiġi restawrata l-kapaċità tal-artijiet mistagħdra degradati li jassorbu u jaħżnu l-GHG, hija prevista riforma dwar ir-restawr ta' dawn l-artijiet mistagħdra li b'riżultat tagħha 8 000 ettaru minn dawn l-artijiet għandhom jiġu restawrati mal-implimentazzjoni tal-pjan. Fl-aħħar nett, l-effiċjenza fir-riżorsi għandha tiġi avvanzata bl-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, li għandu jistabbilixxi d-direzzjoni għal Litwanja aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi sal-2035.

Il-miżuri inklużi fl-appoġġ tal-komponent li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jiffokaw fuq politika ekonomika relatata mal-investiment dwar l-effiċjenza fl-enerġija u r-riżorsi, it-trasport sostenibbli u l-interkonnessjonijiet tal-enerġija (CDR3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Huwa mistenni wkoll li jekk tingħata għajnuna għal xi installazzjoni koperta mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (Emissions Trading System, ETS), l-attivitajiet tal-ETS iridu jiksbu emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra li huma inqas mill-parametru referenzjarju rilevanti tal-ETS[1].

[1] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra proġettati li huma ferm anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

B1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

B.1.1. Riforma 1 "Elettriku aktar sostenibbli prodott fil-pajjiż

L-għan tar-riforma huwa li tippromwovi l-produzzjoni, it-trażmissjoni u l-konsum tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, ittejjeb il-mekkaniżmi istituzzjonali u legali, u tipprovdi inċentivi ta' investiment għan-negozji u ċ-ċittadini. B'mod partikolari, din ir-riforma għandha l-għan li: (i) żieda fil-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli għal mill-inqas 7 Twh sal-2030, li għandha tiżgura li s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jiġġeneraw 50 % tal-konsum tal-elettriku nazzjonali totali; (ii) żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-elettriku lokali; (iii) faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet meħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli billi jiġu appoġġati t-teknoloġiji li huma l-aktar effiċjenti mil-lat ekonomiku; (iv) integrazzjoni gradwali tal-produtturi tal-elettriku li jużaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-suq; (v) żgurar ta' piż finanzjarju minimu fuq il-klijenti tal-elettriku; (vi) żgurar ta' nondiskriminazzjoni kontra produtturi ta' elettriku importat u l-possibbiltà li Stati Membri oħra jibbenefikaw mill-mekkaniżmu ta' appoġġ introdott bl-abbozz ta' Liġi dwar l-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli; (vii) żgurar tal-iżmantellar tal-impjanti tal-enerġija li l-operat tagħhom intemm; (viii) żgurar li l-elettriku ma jiġix prodott bi prezzijiet negattivi; (ix) ħolqien ta' kundizzjonijiet xierqa għall-prosumaturi u għall-komunitajiet li jużaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Din ir-riforma hija akkumpanjata minn tliet sottomiżuri: (1) ħidma preparatorja għall-iżvilupp ta' parks tat-teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta u tal-infrastruttura relatata (is-Sottomiżura 1); (2) għajnuna għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fuq l-art (enerġija solari u mir-riħ) u faċilitajiet tal-ħżin individwali (is-Sottomiżura 2); (3) l-installazzjoni ta' infrastruttura oħra għall-ħżin tal-elettriku (is-Sottomiżura 3).

B.1.1.1 Sottomiżura 1: Xogħol ta' tħejjija għall-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u infrastruttura relatata

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jitwettqu xogħlijiet preparatorji għall-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Is-sottomiżura għandha tinkludi dan li ġej: (i) il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta; (ii) il-kejl tal-veloċitajiet tar-riħ u parametri oħra; (iii) studji dwar qiegħ il-baħar taż-żona ddedikata għall-iżvilupp tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta u l-konnessjoni mal-grilji fuq l-art; (iv) servizzi ta' konsulenza għall-konnessjoni tat-teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta mal-grilji fuq l-art; (v) studji dwar l-implimentazzjoni tal-infrastruttura u l-identifikazzjoni tal-konnessjoni tal-park eoliku lil hinn mill-kosta mar-rotta tal-grilja fuq l-art u l-post tas-substazzjon marin; (vi) tħejjija, adozzjoni u implimentazzjoni tad-dokumenti tal-ippjanar spazjali għall-konnessjoni tat-teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta mal-grilja fuq l-art; u (vii) tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kuntrattar tal-konnessjoni mal-grilja fuq l-art.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

B.1.1.2 Sottomiżura 2: Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art (enerġija solari u mir-riħ) u faċilitajiet ta' ħżin individwali

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tipprovdi appoġġ għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni u ħżin tas-SER u li tgħaqqad il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Is-sottomiżura għandha tinkludi appoġġ

ipprovdut lil entitajiet legali, bdiewa u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għall-akkwist u l-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija solari u tar-riħ fuq l-art u l-ħżin, filwaqt li tingħata prijorità lill-ħtiġijiet tal-awtokonsum, tal-azjenda agrikola jew ekonomiċi. Ir-riċevituri tal-appoġġ għandu jkollhom il-possibbiltà li jbigħu l-elettriku lura lill-grilja tal-elettriku. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti, li jagħti prijorità lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Bħala riżultat tal-investiment, għandhom jinħolqu mill-inqas 302 MW ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-elettriku minn RES, li minnhom mill-inqas 271.8 MW għandhom jikkonsistu f'impjanti tal-enerġija solari (inkluż impjant tal-enerġija solari ta' 4 MW fir-reġjun ta' Utena) u mill-inqas 30.1 MW ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ fuq l-art, kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin tal-elettriku individwali ta' mill-inqas 15.2 MWh.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.1.3 Sottomiżura 3: Installazzjoni ta' infrastruttura oħra għall-ħżin tal-elettriku

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiżgura s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prontezza tas-sistema tal-elettriku Litwana għat-tħaddim ta' xogħol iżolat qabel l-interkonnessjoni tagħha mal-grilji tal-elettriku tal-Ewropa kontinentali. Is-sottomiżura għandha tikkonsisti f'appoġġ għall-installazzjoni ta' erba' installazzjonijiet tal-ħżin tal-enerġija, kull waħda ta' 50 MW li għandha tipprovdi inerzja sintetika b'reazzjoni għall-bidla fil-frekwenza, il-ġestjoni tal-konġestjoni tal-grilji, li hija meħtieġa biex tintegra 100 % tal-elettriku ġġenerat mis-SER.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

B.1.2. Ir-riforma 2 "Nimxu mingħajr ma nniġġsu l-ambjent"

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra billi jitneħħew gradwalment il-vetturi tat-trasport bit-triq li jniġġsu l-aktar (il-flotta tat-trasport privat, pubbliku, kummerċjali, tat-trasport pubbliku u tal-merkanzija) fil-bliet u r-reġjuni u billi jiżdied is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport.

L-implimentazzjoni tar-riforma bdiet meta s-Seimas adotta l-Liġi dwar il-Karburanti Alternattivi. Għandha titkompla bl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' qafas leġiżlattiv, li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għax-xiri ta' vetturi tat-trasport bit-triq u għal każijiet li fihom huma obbligatorji. Dan il-qafas għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021.

Il-Fond għall-Mobilità Sostenibbli għandu jiġi stabbilit, li għandu jipprovdi appoġġ, f'ċerti każijiet definiti, għax-xiri u l-użu ta' vetturi nodfa kif ukoll għall-installazzjoni, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għal dawn il-vetturi. Il-Fond għandu jintuża wkoll biex jappoġġa restrizzjonijiet għall-użu ta' vetturi li jaħdmu b'magna b'kombustjoni interna, bl-eċċezzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero. L-appoġġ għandu jingħata b'mod immirat u kontinwu, sa mill-inqas l-2030. Il-Fond għandu jsir operattiv sal-31 ta' Marzu 2022.

Minbarra s-sostituzzjoni tal-vetturi li jniġġsu, ir-riforma għandha tissostitwixxi wkoll it-tariffa għall-użu tat-triq imħallsa mill-utenti tal-vetturi[2] għall-perjodu tal-użu b'tariffa ta' pedaġġ elettroniku. Is-sistema

[2] Skont il-Liġi dwar il-Finanzjament tal-Manutenzjoni tat-Toroq u l-Programm ta' Żvilupp tar-Repubblika tal-Litwanja.

ta’ pedaġġ ibbażata fuq id-distanza hija mistennija li tħeġġeġ lis-sidien/operaturi tal-vetturi biex jużaw vetturi li jirrispettaw aktar l-ambjent, kif ukoll li tirrazzjonalizza l-ippjanar u l-ottimizzazzjoni tar-rotot tal-ivvjaġġar tagħhom, peress li t-tul tal-vjaġġ għandu jiddetermina l-ammont tal-pedaġġ. Il-leġiżlazzjoni li tintroduċi l-imposta tal-pedaġġ elettroniku għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta’ Marzu 2023.

Fir-rigward tat-trasport pubbliku, minbarra s-sostituzzjoni ta’ vetturi tat-trasport pubbliku li jniġġsu, riforma tas-sistema tat-trasport interurban għandha tirrevedi u tottimizza n-network eżistenti fuq distanzi twal, tallinja r-rotot tal-kowċis mar-rotot ferrovjarji u s-sistema tat-trasport lokali li tiżgura l-interkonnettività bejn iċ-ċentri reġjonali. L-emendi leġiżlattivi li jinfurzaw din ir-riforma għandhom jiġu adottati sal-31 ta’ Diċembru 2024.

Din ir-riforma hija akkumpanjata minn erba’ sottomiżuri: (1) l-appoġġ għax-xiri ta’ vetturi nodfa mis-settur pubbliku u min-negozji (is-Sottomiżura 1); (2) l-appoġġ għax-xiri ta’ vetturi nodfa tat-trasport pubbliku (is-Sottomiżura 2); (3) l-installazzjoni ta’ infrastruttura għall-iċċarġjar/għall-mili tal-vetturi (is-Sottomiżura 3); u (4) għajnuna għall-iżvilupp ta’ karburanti minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport u idroġenu nadif) (sottomiżura 4).

B.1.2.1. Sottomiżura 1: Appoġġ għax-xiri ta’ vetturi nodfa mis-settur pubbliku u n-negozju

L-għan ta’ din is-sottomiżura huwa li jitnaqqas l-għadd ta’ vetturi li jniġġsu biex tiġi promossa l-mobilità sostenibbli u konsegwentement jitnaqqas it-tniġġis tal-arja fl-ambjenti urbani. Taħt din is-sottomiżura għandu jingħata appoġġ għax-xiri ta’ karozzi tal-passiġġieri, minibuses, karozzi tal-linja, trakkijiet u vetturi tqal tal-merkanzija fil-kategoriji u l-kwantitajiet li ġejjin:

— Vetturi ħfief (klassi M1 jew N1) — emissjonijiet żero (bħall-elettriku jew l-idroġenu), prijorità mogħtija għal vetturi għal servizzi urbani tal-passiġġieri u tal-loġistika, total ta’ 22 500 unità;

— Vetturi tqal tat-trasport (klassi N2 jew N3) — emissjonijiet żero u emissjonijiet baxxi, kif definiti fir-Regolament 2019/1242 (elettriku, idroġenu, bijogass prodott minn materja prima konformi mar-RED II), total ta’ 500 unità, li minnhom 200 elettriċi jew idroġenu u 300 bijometan;

— Minibuses u xarabanks b’qiegħ baxx u b’art għolja (klassi M2 jew M3) — mingħajr emissjonijiet (bħall-elettriku, l-idroġenu), total ta’ 450 unità;

— Karozzi tal-linja b’sular għoli (klassi M3) — karozzi tal-linja li jaħdmu bil-bijometan prodott minn materja prima konformi mal-RED II, total ta’ 50.

Fir-rigward tal-vetturi li jaħdmu bil-bijometan, huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta’ mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f’konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B’mod partikolari, il-vetturi heavy-duty u x-xarabanks ta’ livell għoli għandhom ikunu mingħajr emissjonijiet jew b’emissjonijiet baxxi jew jaħdmu biss bil-bijometan, li għandhom jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2018/2001 (id-Direttiva RED II). Il-produtturi tal-bijokarburanti u tal-bijometan u tal-bijokarburanti għandu jkollhom jipprovdu ċertifikati (Prova tas-Sostenibbiltà) maħruġa minn evalwaturi indipendenti, kif previst fid-Direttiva 2018/2001. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-vetturi appoġġati skont il-pjan

Litwan jużaw biss bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa konformi mad-Direttiva RED II. Fl-aħħar nett, il-livell tal-karburanti RES fit-taħlita nazzjonali tal-karburanti għandu jiżdied ukoll gradwalment minħabba l-obbligu tal-fornituri tal-karburanti rigward it-taħlit tal-bijokarburanti, li għandu jilħaq it16.8 % fl-2030, skont il-Liġi dwar il-Karburanti Alternattivi. Għandha tinħoloq sistema ta' unitajiet ta' kontabbiltà tal-fjuwil rinnovabbli biex jiġu rreġistrati l-kwantitajiet ta' gass bijometan u fjuwils rinnovabbli oħra fornuti lis-settur tat-trasport u ċ-ċertifikati mogħtija lill-produtturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-provvista tal-fjuwils RES, u b'hekk jiġi żgurat il-konsum tal-bijometan u fjuwils RES oħra prodotti. Is-sistema għandha ssir operattiva sal-31 ta' Diċembru 2021. Dawn l-elementi kollha flimkien għandhom jiżguraw li bijokarburanti u bijogass prodotti jiġu kkunsmati fis-settur tat-trasport u jissostitwixxu s-sehem ekwivalenti ta' karburanti fossili.

Fil-qafas ta' din is-sottomiżura għandha tingħata wkoll għajnuna għall-produzzjoni (l-assemblaġġ) ta' xarabanks elettriċi fil-Litwanja. B'riżultat ta' din l-għajnuna għandhom jiġu prodotti mill-inqas 25 unità ta' xarabanks elettriċi.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn il-Litwanja u l-entità fdata jew l-intermedjarju finanzjarju inkarigat mill-istrument finanzjarju u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju:

i. se jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u

ii. jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[3]; (ii) attivitajiet u assi fil-qafas tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), li jiksbu emissjonijiet proġettati tal-gassijiet serra li mhumiex aktar baxxi mill-parametru referenzjarju rilevanti[4]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[5] u ma' impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[6]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jagħmel ħsara lill-ambjent; u

[3] Minbarra proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-qawwa u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni relatata, bl-użu ta' gass naturali, li huma konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II tal-Gwida Teknika "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[4] Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gass serra proġettati li mhumiex inqas b'mod sinifikanti mill-parametri referenzarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhux possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni ħielsa għall-attivitajiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet, kif jinsab fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[5] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini taż-żieda tal-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu, jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li dawn l-azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda tal-kapaċità ta' pproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom trid tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[6] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet koperti mill-miżura f'impjanti eżistenti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura jżidu l-effiċjenza enerġetika jew bl-iskop tal-modifika retroattiva tal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompostar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li l-azzjonijiet skont din il-miżura ma jwasslux għal żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; bl-evidenza pprovduta fil-livell tal-impjant.

iii. jirrikjedi l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u nazzjonali rilevanti tal-proġetti mill-entità fdata jew mill-intermedjarju finanzjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inkluż dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.2.2. Sottomiżura 2: Appoġġ għax-xiri ta' vetturi tat-trasport pubbliku mingħajr emissjonijiet

L-objettiv tal-investiment huwa li t-trasport pubbliku jsir aktar ekoloġiku billi l-vetturi li jniġġsu jiġu sostitwiti b'vetturi aktar nodfa u konsegwentement jitnaqqsu l-emissjonijiet u tiżdied l-attrattività tat-trasport pubbliku. Taħt din is-sottomiżura, għandu jitwettaq dan li ġej: (1) rieżami u ottimizzazzjoni tan-network eżistenti ta' distanza twila biex ir-rotot tal-kowċis jiġu allinjati mar-rotot tal-ferrovija u mas-sistemi tat-trasport lokali biex tkun żgurata l-interkonnettività bejn iċ-ċentri reġjonali (se jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024); u (2) appoġġ mogħti lill-amministrazzjonijiet muniċipali u lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jipprovdu servizzi tat-trasport pubbliku (fir-rigward ta' muniċipalitajiet li ma żviluppawx u ma implimentawx Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Plans, SUMPs) fil-perjodu ta' finanzjament 2014–2020) biex jixtru 230 karozza tal-linja ġdida mingħajr emissjonijiet (tal-klassijiet M2 u M3).

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.2.3. Sottomiżura 3: Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jinħoloq network ottimali ta' ċċarġjar pubbliku, semipubbliku u privat u infrastruttura għall-mili tal-fjuwil alternattiv, sabiex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għan-negozji u ċ-ċittadini biex joperaw vetturi nodfa. Taħt din is-sottomiżura, għandu jitwettaq dan li ġej: (1) l-operat ta' sistema ta' informazzjoni għall-punti tal-iċċarġjar/tal-mili pubbliċi u semipubbliċi għall-vetturi elettriċi (sal-31 ta' Marzu 2022); u (2) appoġġ mogħti lin-negozji u lill-persuni fiżiċi u l-muniċipalitajiet li ma żviluppawx u ma implimentawx SUMPs fil-perjodu ta' finanzjament 2014–2020:

- Punti tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi u semipubbliċi għall-persuni fiżiċi/ġuridiċi (fl-ibliet u qrib toroq nazzjonali) — 4 840 unità pubblika u 400 unità semipubblika b'kollox;

— Infrastruttura pubblika ta' ċċarġjar b'potenza għolja ħafna għal vetturi elettriċi tqal u karozzi tal-linja — total ta' 10 unitajiet;

L-istazzjonijiet pubbliċi tal-bijogass ikkompressat (adattati għall-bijometan) — 30 unità b'kollox;

Stazzjonijiet pubbliċi tar-riforniment tal-idroġenu — erba' unitajiet b'kollox;

— Punti tal-iċċarġjar privati fid-djar, btieħi tal-appartamenti, postijiet tax-xogħol — total ta' 53 200 unità.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.2.4. Sottomiżura 4: Għajnuna għall-iżvilupp tas-settur tal-karburanti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu nadif)

L-għan ta' dan l-investiment huwa li tinħoloq provvista ta' fjuwils rinnovabbli u li jiġi promoss l-użu tagħhom fis-settur tat-trasport. Taħt din is-sottomiżura, għandu jitwettaq dan li ġej: (1) appoġġ mogħti biex tiġi stabbilita u ssir operazzjonali faċilità għall-produzzjoni tal-gass tal-bijometan, b'kapaċità totali ta' 27,1 MW (sat-30 ta' Ġunju 2026); (2) għajnuna mogħtija għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tas-settur tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni, bil-ħsieb li tinkiseb kapaċità għal bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni ta' 12,4-il KTOE (sal-31 ta' Diċembru 2024); u (3) l-appoġġ mogħti biex tiġi stabbilita u ssir operazzjonali l-produzzjoni tal-idroġenu nadif minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, biex jiġi prodott total ta' 1 680 000 m³ ta' idroġenu nadif (560 000 m³ fis-sena) sat-30 ta' Ġunju 2026.

Fir-rigward tal-iżvilupp tal-gass tal-bijometan u tal-bijokarburant tat-tieni ġenerazzjoni, mistenni li din is-sottomiżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'kont meħud tad-deskrizzjoni tal-miżura u tal-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). B'mod partikolari, dan l-investiment huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (RED II), u l-bijokarburanti u l-gass bijometan fornuti lill-punti ta' riforniment għandhom jiġu prodotti biss minn stokkijiet tal-għalf ikklassifikati bħala skart jew residwi (materja prima fl-Anness IX tad-Direttiva 2018/2001) u ma għandhomx isiru minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.3. Ir-riforma 3 "L-aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli"

L-objettiv tar-riforma huwa li żżid il-pass tal-proċess tar-rinnovazzjoni tal-bini billi jiġu sfruttati l-benefiċċji tar-rinnovazzjoni serjali diġitalizzata tal-bini, billi jiġi estiż l-approċċ integrat għall-ambjent tal-għajxien, inkluż l-adattament tal-bini għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà, u bil-promozzjoni ta' trasformazzjoni tas-settur u tal-prodotti tal-kostruzzjoni b'mod li jiffavorixxi l-klima u l-ambjent. Ir-riforma hija akkumpanjata minn erba' sottomiżuri: (1) l-aġġornament u l-ittestjar fil-prattika ta' pakketti u standards għar-rinnovazzjoni tal-bini, u l-ħolqien ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli (is-Sottomiżura 1); (2) il-ħolqien ta' għodod għall-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni u tal-assistenza teknika fir-rinnovazzjoni tal-bini (is-Sottomiżura 2); (3) il-promozzjoni tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-kostruzzjoni li jħaffu r-rinnovazzjoni tal-bini (is-Sottomiżura 3); u (4) l-appoġġ għar-rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini skont l-istandards aġġornati tar-rinnovazzjoni tal-bini (is-Sottomiżura 4).

B.1.3.1. Sottomiżura 1: Aġġornament u ttestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-ħolqien ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tagħmel il-bidliet regolatorji meħtieġa sabiex taċċellera r-rinnovazzjoni tal-bini u tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni tar-reġjuni.

Taħt din is-sottomiżura, għandhom jitwettqu għadd ta' bidliet regolatorji u proġetti pilota għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. Fir-rigward tal-bidliet regolatorji, dan li ġej għandu jiġi adottat u jidħol fis-seħħ:

a) Riżoluzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja li tapprova l-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Rinnovazzjoni tal-Bini fuq Terminu Twil, li għandha tipprevedi pjan leġiżlattiv biex jiġu aċċellerati l-konverżjoni tas-siti u l-konverżjoni tal-bini eżistenti, filwaqt li titqies l-inizjattiva Bauhaus, u biex jiġi formalizzat l-użu ta' tekniki tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini (BIM), pjan għal inizjattivi ta' rinnovazzjoni distrettwali u proġetti ta' investiment;

b) Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni "Disinn u Ċertifikazzjoni tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija", li tilleġittimizza l-klassi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini rinnovat tal-inqas tal-Klassi B;

c) Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni "Disinn tal-Istrutturi tal-Injam";

d) Linji Gwida għal Żvilupp Urban Sostenibbli.

Dawn l-atti leġiżlattivi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2023.

Bħala riżultat ta' diversi proġetti pilota ta' rinnovazzjoni ekoloġika, mill-inqas 22 000 m² ta' binjiet sperimentali għandhom jiġu rinnovati bil-għan li bħala medja jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 30-60 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

B.1.3.2. Sottomiżura 2: Għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li jinħolqu għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika. Is-sottomiżura għandha tikkonsisti fil-ħolqien taċ-ċentru tal-kompetenzi għar-rinnovazzjoni tal-bini (sal-31 ta' Diċembru 2022) u tliet għodod diġitali kif ġej:

1) għodod metodoloġiċi diġitali (għat-tħejjija ta' proġetti ta' investiment, speċifikazzjonijiet tekniċi standard għad-disinn u xogħlijiet ikkuntrattati) għall-ippjanar ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika ekoloġiċi u innovattivi f'bini rinnovat;

2) l-operazzjonalizzazzjoni u l-forniment ta' servizz ta' żewġ sistemi ta' informazzjoni għall-amministrazzjoni ta' *data* dwar il-bini u ta' proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

B.1.3.3. Sottomiżura 3: Il-promozzjoni tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-kostruzzjoni li jħaffu r-rinnovazzjoni tal-bini

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jinħoloq suq lokali għall-produzzjoni ta' strutturi modulari standardizzati minn materjali organiċi, u li jingħata appoġġ lill-intrapriżi biex jibnu l-kapaċità tal-

produzzjoni tal-materjali tal-inġinerija tal-injam u tal-komponenti tal-bini użati għar-rinnovazzjoni ekoloġika tal-bini. Taħt din is-sottomiżura għandu jingħata appoġġ lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-settur tal-kostruzzjoni, l-industrija tal-injam u l-industrija tal-manifattura. Bħala riżultat ta' dan l-appoġġ, il-linji tal-produzzjoni ta' strutturi modulari mill-produzzjoni ta' materjal organiku b'kapaċità ta' 750.000 m²/sena għandhom isiru operattivi.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

B.1.3.4. Sottomiżura 4: Appoġġ għal rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini f'konformità ma' standards aġġornati ta' rinnovazzjoni tal-bini

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tipprovdi appoġġ fil-forma ta' kumpens ugwali għal 30 % tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni għas-sidien tal-bini li jkunu rinnovaw il-bini (li jiksbu klassi tal-effiċjenza enerġetika A jew B) f'konformità mal-prinċipji l-ġodda ta' rinnovazzjoni. Bħala riżultat ta' dan l-appoġġ, mill-inqas 1 290 000 m² ta' 860 binja b'aktar minn appartament wieħed għandhom jiġu rinnovati bil-għan li bħala medja jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 30-60 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini, bl-użu ta' prinċipji ta' rinnovazzjoni ekoloġika (sostenibbli, innovattivi, aktar rapidi, A-B) jew miżuri għajr l-użu ta' strutturi modulari biex tinkiseb il-klassi tal-effiċjenza enerġetika A.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.4. Investiment 4: "Żieda fil-kapaċità ta' assorbiment tal-GHG"

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-artijiet tal-pit li qabel kienu skulati u degradati billi bit-tixrib mill-ġdid taż-żoni kkonċernati, u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-bijodiversità f'dawn il-ħabitats u tiżdied l-eliminazzjoni tal-gassijiet serra waqt li jitwettqu wkoll ċerti attivitajiet ekonomiċi limitati.

Taħt dan l-investiment, għandhom jitfasslu u jiġu implimentati miżuri għar-restawr tal-livelli tal-ilma, ir-restawr ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ fejn meħtieġ. Sabiex ikun hemm l-inqas impatt negattiv fuq il-ħabitat riabilitat, hija meħtieġa r-regolazzjoni tar-reġim tal-ilma, u b'hekk għandhom jitfasslu u jiġu installati, kif xieraq, strutturi idroteknikiċi speċjali, bħal limiti aġġustabbli, biex il-bdiewa jkunu jistgħu jirregolaw il-livell tal-ilma fiż-żona ġestita huma stess, biż-żamma tal-livell tal-ilma annwali medju skont is-superfiċe tal-ħamrija tal-pit, jiġifieri mhux aktar fond minn 10–20 cm. L-atturi kkonċernati għandhom jirċievu pariri u taħriġ. Ladarba jitlesta l-investiment, l-applikanti huma mistennija li jissodisfaw l-impenji kontinwi tagħhom għaż-żamma ta' art tal-pit imxarrba mill-ġdid billi jirċievu pagamenti kumpensatorji fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid skont il-miżura prevista fil-Pjan Strateġiku Litwan għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali 2023–2027. Fiż-żoni kkonċernati jistgħu jkunu permessi attivitajiet ekonomiċi li ma jagħmlux ħsara lill-konservazzjoni tal-art mistagħdra rikostitwita. L-għażla ta' attività ekonomika għandha titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żona u r-restrizzjonijiet ambjentali involuti.

Taħt dan l-investiment, għandu jitwettaq dan li ġej: (1) bidliet regolatorji biex il-qafas nazzjonali għall-identifikazzjoni ta' artijiet tal-pit bi ħsara jsir operazzjonali, u biex aktar tard l-artijiet tal-pit

restawrati jiġu ġestiti (sat-30 ta' Settembru 2022); u (2) għajnuna mogħtija għar-restawr ta' 8 000 ha ta' torbiera.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.1.5. Riforma 5: "Lejn ekonomija ċirkolari"

L-għan tar-riforma huwa li jiġi żviluppat mudell ta' ekonomija ċirkolari komplut bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha, filwaqt li jiġu żgurati l-prinċipji taċ-ċirkolarità u l-prevenzjoni tal-iskart fis-settur industrijali, jiġu estiżi l-produzzjoni u l-użu tal-materja prima sekondarja, tiżdied l-effiċjenza tal-materjali u tar-riżorsi, jiġu promossi d-disinn sostenibbli u l-innovazzjoni ekoloġika, jiġu żgurati s-sostenibbiltà, id-durabbiltà, it-tiswija u t-tiġdid tal-prodotti. Bħala riżultat tar-riforma, għandu jiġi adottat u jidħol fis-seħħ pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni tal-Litwanja lejn ekonomija ċirkolari sal-2035. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiffoka fuq il-prevenzjoni tal-iskart, ir-riċiklaġġ, id-disinn tal-prodott u l-użu ta' materja prima sekondarja, id-diġitalizzazzjoni, il-promozzjoni tal-innovazzjoni ekoloġika, kif ukoll fuq qafas legali mtejjeb u miżuri fiskali li jippromwovu benefiċċji fit-tul minflok soluzzjonijiet fuq terminu qasir u riżultati għal ritorn tar-riżorsi lejn iċ-ċirkolarità. L-għan għandu jkun li jiġi żgurat approċċ istituzzjonali sistemiku għall-ekonomija ċirkolari u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet involuti.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
21	B. 1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni biex jittejbu l-mekkaniżmi istituzzjonali u legali għall-promozzjoni tal-produzzjoni, it-trażmissjoni u l-konsum tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi rigward il-Liġi dwar l-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli, il-Liġi dwar l-Elettriku u l-Liġi dwar l-Enerġija (lil hinn mill-kosta u fuq l-art). Dawn l-atti legali għandhom jistabbilixxu li l-istituzzjoni pubblika, l-Aġenzija Litwana għall-Enerġija, għandha tikkonsulta u tipprovdi assistenza metodoloġika dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-attivitajiet fis-settur tal-elettriku, li tiffaċilita l-proċessi għall-applikanti u tiżgura li l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-ħin. Dawn l-atti għandhom ukoll: — tirregola l-kundizzjonijiet għar-rebbieħa tal-irkant biex ibigħu l-elettriku skont ftehimiet bilaterali, peress li dan jipprovdi aktar ċarezza għall-investituri dwar kif joperaw fis-suq; tistabbilixxi miri fit-tul għall-enerġija rinnovabbli għas-setturi kollha, jiġifieri tistabbilixxi miri nazzjonali fit-tul fil-livell leġiżlattiv u toħloq ċertezza għall-investituri fir-rigward tal-iżvilupp tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; — l-istabbiliment ta' tip ġdid ta' permessi — permess għall-immodernizzar (rikostruzzjoni) ta' impjant tal-

										enerġija jew faċilità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, kif previst fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.
22	B. 1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż - B.1.1.1 Passi preparatorji għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta	Ewlieni	It-twettiq u t-tlestija tal-ħidma preparatorja għall-iżvilupp tal-impjant tal-enerġija bit-teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta u l-installazzjoni tal-infrastruttura	Tlestija tax-xogħlijiet preparatorji mill-awtoritajiet rilevanti				Q4	2023	Għandhom jitwettqu l-istudji u s-servizzi ta' konsulenza li ġejjin: 1) studju dwar l-implimentazzjoni tal-infrastruttura: soluzzjonijiet tekniċi, teknoloġiji, il-valur tal-installazzjoni tal-infrastruttura, analiżi kost-benefiċċji. 2) konnessjoni ta' park eoliku lil hinn mill-kosta mar-rotta fuq l-art u l-identifikazzjoni tal-post tas-substazzjon. 3) valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ta' park eoliku lil hinn mill-kosta. 4) studju dwar il-kejl tal-veloċità tar-riħ u ta' parametri oħra. 5) stħarriġ ta' qiegħ il-baħar tat-territorju magħżul għall-iżvilupp ta' park eoliku lil hinn mill-kosta. 6) stħarriġ ta' qiegħ il-baħar għall-konnessjoni bejn il-park eoliku lil hinn mill-kosta u l-art. 7) servizzi ta' konsulenza għall-konnessjoni tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta mal-grilja fuq l-art. 8) tħejjew dokumenti ta' ppjanar territorjali għall-konnessjoni ta' park eoliku lil hinn mill-kosta mal-grilja fuq l-art. 9) ġew implimentati dokumenti ta' ppjanar territorjali għall-konnessjoni ta' park eoliku lil hinn mill-kosta mal-grilja fuq l-art. 10) is-servizzi tal-plottijiet tal-art, il-kondizzjoni tal-użu tal-art speċjali, id-drittijiet tal-proprjetà huma

										stabbiliti u rreġistrati fiċ-Ċentru tar-Reġistri tal-Intrapriża tal-Istat. Ir-riżultati tal-istudji, il-kejl u l-istħarriġ kollha għandhom jintużaw għad-disinn ta' park eoliku lil hinn mill-kosta u l-konnessjoni tiegħu mal-grilja fuq l-art.
23	B.1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż - B.1.1.2 Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti fuq l-art li jaħdmu b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli (impjanti solari u eoliċi) u faċilitajiet individwali tal-ħżin	Mira	Ħolqien ta' kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (MW)		MW	0	220	Q1	2025	Tpoġġew fis-seħħ 220 MW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni solari u tar-riħ.
24	B.1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż - B.1.1.2 Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti	Mira	Il-ħolqien ta' kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (MW)		MW	220	302	Q2	2026	Tpoġġew fis-seħħ 302MW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni solari u tar-riħ.

	fuq l-art li jaħdmu b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli (impjanti solari u eoliċi) u faċilitajiet individwali tal-ħżin									
25	B.1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż - B.1.1.2 Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti fuq l-art li jaħdmu b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli (impjanti solari u eoliċi) u faċilitajiet individwali tal-ħżin	Mira	Ħolqien ta' kapaċità ta' ħżin (individwali) ġdida għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (MWh)		MWh	0	7,6	Q1	2025	7.6 MWh ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-enerġija (individwali) ġew konnessi mal-impjant tal-enerġija u bdew jitħaddmu.
26	B.1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż - B.1.1.2	Mira	Il-ħolqien ta' kapaċità ta' ħżin (individwali) ġdida għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli (MWh)		MWh	7,6	15	Q2	2026	Mal-impjant tal-enerġija ġew konnessi u bdew jiġu operati 15-il Mwh ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-enerġija (individwali).

	Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti fuq l-art li jaħdmu b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli (impjanti solari u eoliċi) u faċilitajiet individwali tal-ħżin									
27	B.1.1 Elettriku aktar sostenibbli prodott fil-pajjiż — B.1.1.3 Installazzjoni ta' infrastruttura oħra għall-ħżin tal-elettriku	Mira	Kapaċità installata ta' faċilitajiet ġodda għall-ħżin tal-elettriku (MW)		MW	0	200	Q4	2022	Dħul fl-operat ta' erba' installazzjonijiet ta' ħżin tal-enerġija, kull waħda ta' 50 MW.
28	B.1.2 Moviment mingħajr ma jitniġġes l-ambjent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' qafas leġiżlattiv li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għax-xiri ta' vetturi tat-	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li għandha tiddetermina r-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika u tal-protezzjoni ambjentali u l-każijiet li fihom huma obbligatorji għall-vetturi tat-triq tal-kategoriji M1, N1, N2, N3, M2 u M3 u għandhom jintużaw biex jiġu kkalkulati l-impatti enerġetiċi u ambjentali tul il-ħajja ta' dawn il-vetturi.

			trasport bit-triq u għal każijiet li fihom huma obbligatorji							
29	B.1.2 Moviment mingħajr ma jitniġġes l-ambjent	Ewlieni	Il-Fond għall-Mobilità Sostenibbli li għandu jiffinanzja l-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi u infrastruttura tal-vetturi huwa stabbilit u operattiv	Dispożizzjoni fil-ftehim/fl-ordni li tindika d-dħul fis-seħħ				Q1	2022	Il-Fond għall-Mobilità Sostenibbli huwa stabbilit u operattiv. Il-Fond għandu jiġi stabbilit biex jiffinanzja x-xiri u l-użu ta' vetturi nodfa, l-installazzjoni, il-modernizzazzjoni u/jew l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għall-vetturi b'mod immirat u kontinwu, sa mill-inqas 2030. Il-Fond għandu jintuża wkoll biex jappoġġa l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet għall-użu ta' vetturi li jaħdmu b'magna tal-kombustjoni interna, bl-eċċezzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero.
30	B. 1.2 Moviment mingħajr ma jitniġġes l-ambjent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tintroduċi sistema elettronika ta' pedaġġ ibbażata fuq il-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas"	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tintroduċi sistema elettronika ta' pedaġġ li għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas". Il-pedaġġ imħallas mid-detenturi tal-vetturi għall-perjodu li matulu tintuża l-infrastruttura tat-toroq għandu jiġi konvertit f'pedaġġ imħallas għall-kilometraġġ tat-toroq (pedaġġ elettroniku).
31	B.1.2. Ċaqliq mingħajr ma jitniġġes l-ambjent — B.1.2.1. Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa mis-settur pubbliku	Mira	Għadd ta' vetturi tat-trasport nodfa mixtrija u rreġistrati fil-Litwanja		Numru		11750	Q2	2025	L-għadd ta' vetturi tat-trasport nodfa addizzjonali mixtrija u rreġistrati fil-Litwanja li jibbenefikaw minn sussidji mill-Istat mogħtija wara sejħiet għal proposti: a) mill-inqas 11 250 vettura ħafifa (elettrika; bl-idroġenu) b'emissjonijiet żero (tal-klassijiet M1 jew N1); b) mill-inqas 100 vettura tat-trasport heavy duty (elettrika, bl-idroġenu) b'emissjonijiet żero (klassi N2); c) mill-inqas 150 vettura tat-trasport heavy duty

	u n-negozju									b'emissjonijiet baxxi (kif definiti fir-Regolament 2019/1242 (bijometan prodott minn materja prima konformi mar-RED II) (klassi N2 jew N3) d) mill-inqas 225 vann u xarabank baxxi u għoljin (elettriċi, bl-idroġenu) b'emissjonijiet żero (klassi M2 u M3); e) mill-inqas 25 xarabank għolja li jużaw il-bijometan prodott minn materja prima konformi mar-RED II. Sabiex jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi li jaħdmu bil-bijometan għandhom jaħdmu biss bil-bijometan, li għandu jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2018/2001 (id-Direttiva RED II).
32	B.1.2. Ċaqliq mingħajr ma jitniġġes l-ambjent — B.1.2.1. Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa mis-settur pubbliku u n-negozju	Mira	Għadd ta' vetturi tat-trasport nodfa mixtrija u rreġistrati fil-Litwanja		Numru	11750	23500	Q2	2026	L-għadd ta' vetturi tat-trasport nodfa mixtrija u rreġistrati fil-Litwanja li jibbenefikaw minn sussidji mill-Istat mogħtija wara sejħiet għal proposti: a) mill-inqas 22 500 vettura ħafifa (elettriċi, bl-idroġenu) b'emissjonijiet żero (klassi M1 jew N1); b) mill-inqas 200 vettura tat-trasport heavy duty (elettrika, bl-idroġenu) b'emissjonijiet żero (klassi N2); c) mill-inqas 300 emissjonijiet baxxi, kif definit fir-Regolament 2019/1242, (bijometan prodott minn materja prima konformi mar-RED II), vetturi tqal tat-trasport (klassi N2 jew N3) d) mill-inqas 450 minibus u xarabanks b'qiegħ baxx u b'art għolja (elettriċi, bl-idroġenu) b'livell baxx ta' emissjonijiet u b'art għolja (klassi M2 uM3); e) mill-inqas 50 karozza tal-linja b'qiegħ għoli li jużaw il-bijometan prodott minn materja prima konformi

										mar-RED II. Sabiex jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-vetturi li jaħdmu bil-bijometan għandhom jaħdmu biss bil-bijometan, li għandu jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2018/2001 (id-Direttiva RED II). Għandha tinħoloq sistema ta' unitajiet ta' kontabbiltà tal-karburanti rinnovabbli biex jiġu rreġistrati l-kwantitajiet tal-gass tal-bijometan u karburanti rinnovabbli oħra forniti lis-settur tat-trasport skont liema l-operaturi għandhom jiksbu ċertifikati proporzjonati għall-użu mistenni ta' karburant rinnovabbli.
33	B.1.2. Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.1. Għajnuna għax-xiri ta' vetturi nodfa mis-settur pubbliku u min-negozji	Mira	Għadd ta' xarabank elettriċi prodotti (assemblati) fil-Litwanja		Għadd	0	25	Q2	2026	Mill-inqas 25 xarabank elettrika prodotti (assemblati) fil-Litwanja. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
34	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.2. Appoġġ għax-	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tar-riforma tas-sistema tal-mobilità interurbana	Ir-riforma tidħol fis-seħħ				Q4	2024	Id-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-qafas intercity li għandha tirrevedi u tottimizza n-network eżistenti fuq distanzi twal, tallinja r-rotot tal-kowċis mar-rotot ferrovjarji u mas-sistema tat-trasport lokali li tiżgura l-interkonnettività bejn iċ-ċentri reġjonali.

	xiri ta' vetturi tat-trasport pubbliku mingħajr emissjonijiet									
35	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.2. Appoġġ għax-xiri ta' vetturi tat-trasport pubbliku mingħajr emissjonijiet	Mira	Twassil ta' vetturi elettriċi tat-trasport pubbliku (xarabanks)		Għadd	0	115	Q2	2025	Kunsinna ta' 115-il (klassi M2 u M3) karozza tal-linja tal-elettriku b'art baxxa lill-operaturi tat-trasport pubbliku f'żoni urbani u suburbani.
36	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.2. Appoġġ għax-xiri ta' vetturi tat-trasport pubbliku mingħajr emissjonijiet	Mira	Twassil ta' vetturi elettriċi tat-trasport pubbliku (xarabanks)		Għadd	115	230	Q2	2026	Kunsinna ta' 230 (klassi M2 u M3) karozzi tal-linja elettriċi b'art baxxa lill-operaturi tat-trasport pubbliku f'żoni urbani u suburbani.
37	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali —	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' sistema ta' informazzjoni għall-punti tal-iċċarġjar	Dħul fis-seħħ ta' sistema ta' informazzjoni għall-punti tal-				Q1	2022	Il-bidu tat-tħaddim ta' sistema ta' informazzjoni li għandha: 1. Jipprovdu u jirreġistraw kodiċijiet uniċi ta' identifikazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar pubbliċi u

	B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv		pubbliċi u semipubbliċi għall-vetturi elettriċi	iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi għall-vetturi elettriċi						semipubbliċi għall-vetturi elettriċi u l-operaturi tagħhom. 2. Tipprovdi *data* statika/dinamika f'ħin reali mill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi għall-vetturi elettriċi li joperaw fil-Litwanja.
38	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv	Mira	Dħul fis-servizz ta' servizz ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi u ta' impjanti tal-iċċarġjar b'qawwa għolja ħafna għall-merkanzija u x-xarabanks		Għadd		2625	Q2	2025	Il-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi pubbliċi u semipubbliċi u l-impjanti tal-iċċarġjar b'potenza għolja ħafna għall-merkanzija/xarabanks installati u operattivi, inklużi: a) mill-inqas 2620 punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi għall-karozzi; b) mill-inqas ħames stazzjonijiet tal-iċċarġjar b'qawwa għolja ħafna għat-trakkijiet/għax-xarabanks. It-tipi ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi f'termini ta' potenza u disponibbiltà huma stabbiliti fl-Att dwar il-Karburanti Alternattivi (l-Artikolu 2, il-punti 12, 16, 17, 18, 26, 27, 32.
39	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-	Mira	Dħul fis-servizz ta' servizz ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi u ta' impjanti tal-iċċarġjar b'qawwa għolja ħafna għall-merkanzija u x-xarabanks		Għadd	2625	5250	Q2	2026	Il-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi pubbliċi u semipubbliċi u l-impjanti tal-iċċarġjar b'potenza għolja ħafna għall-merkanzija/xarabanks installati u operattivi, inklużi: a) mill-inqas 5240 punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi għall-karozzi; b) mill-inqas 10 stazzjon tal-iċċarġjar b'qawwa għolja ħafna għall-merkanzija/karozzi tal-linja. It-tipi ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi

	mili tal-fjuwil alternattiv									f'termini ta' potenza u disponibbiltà huma stabbiliti fl-Att dwar il-Karburanti Alternattivi (l-Artikolu 2, il-punti 12, 16, 17, 18, 26, 27, 32.
40	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv	Mira	Dħul fis-seħħ ta' servizz ta' punti tal-iċċarġjar privati f'unitajiet domestiċi, btieħi tal-appartamenti, postijiet tax-xogħol		Għadd	0	26600	Q1	2025	Matul il-perjodu kollu tal-implimentazzjoni, mill-inqas 26600 punt tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi privati għandhom jiġu installati u jibdew jitħaddmu fid-djar, fil-btieħi tal-bini tal-appartamenti u fil-postijiet tax-xogħol.
41	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv	Mira	Dħul fis-seħħ ta' servizz ta' punti tal-iċċarġjar privati f'unitajiet domestiċi, btieħi tal-appartamenti, postijiet tax-xogħol		Għadd	26600	53200	Q1	2026	Matul il-perjodu kollu tal-implimentazzjoni, mill-inqas 53200 punt tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi privati għandhom jiġu installati u jibdew jitħaddmu fid-djar, fil-btieħi tal-bini tal-appartamenti u fil-postijiet tax-xogħol.
42	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis	Mira	Dħul fis-servizz ta' servizz ta' stazzjonijiet pubbliċi tal-bijogass		Għadd	0	34	Q2	2026	L-operazzjonalizzazzjoni u l-forniment ta' servizz ta' 34-il stazzjon pubbliku tal-bijogass ikkompressat u tal-idroġenu:

	ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv		kompressat u ta' l-idroġenu							a) mill-inqas 30 unità għal bijogass kompressat; b) mill-inqas erba' unitajiet għall-idroġenu.
43	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv	Ewlieni	Adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni biex jiġi integrat in-network tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku	Pjan ta' azzjoni adottat dwar l-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku				Q4	2021	L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni li għandu jidentifika d-direzzjonijiet prijoritarji għall-iżvilupp u jistabbilixxi rekwiżiti għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp massimu effiċjenti tal-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.
44	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.4. Għajnuna għall-iżvilupp tas-settur tal-karburanti minn sorsi ta'	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' sistema tal-IT ta' unitajiet ta' kontabbiltà tal-fjuwil tat-trasport rinnovabbli	Operat tas-sistema tal-IT tal-unitajiet tal-kontabbiltà għall-karburanti minn sorsi rinnovabbli				Q4	2021	Sabiex jiġi żgurat il-livell ta' konsum tal-gass bijometan fis-settur tat-trasport, għandha tiġi stabbilita pjattaforma tal-IT xierqa biex tirreġistra l-kwantitajiet ta' gass bijometan u fjuwils rinnovabbli oħra fornuti lis-settur tat-trasport u ċ-ċertifikati mogħtija lill-produtturi li għalihom il-gass li jirriżulta għandu jintuża biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-fjuwils.

	enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu nadif)									
45	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.4. Għajnuna għall-iżvilupp tas-settur tal-karburanti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu	Mira	Kapaċità totali installata ta' faċilitajiet ġodda tal-ġenerazzjoni tal-gass bijometan, MW		MW	0	27.1	Q4	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' kapaċità ġdida ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tal-gass bijometan ta' mill-inqas 27.1 MW. Il-kapaċità installata għandha titqies bħala operattiva fuq il-bażi tal-konnessjoni tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-gass bijometan man-network tal-gass naturali u l-informazzjoni pprovduta mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass. Sabiex ikun hemm konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-bijometan għandu jiġi prodott mill-ħażniet tal-għalf elenkati fl-Anness IX tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

	nadif)									
46	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.4. Għajnuna għall-iżvilupp tas-settur tal-karburanti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu nadif)	Mira	Produzzjoni annwali addizzjonali ta' bijofjuwils likwidi tat-tieni ġenerazzjoni		KTOE	0	12.4	Q4	2025	12.4 ktoe addizzjonali ta' bijofjuwils likwidi tat-tieni ġenerazzjoni huma prodotti fil-kapaċità tal-produzzjoni installata. Il-volum tal-produzzjoni annwali għandu jiġi stmat sena wara li tibda l-produzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.
47	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.4. Għajnuna għall-iżvilupp	Mira	Ammont totali ta' "idroġenu ekoloġiku" prodott		m^3	0	1680 000	Q2	2026	Wara l-iżvilupp ta' kapaċità ġdida addizzjonali għall-produzzjoni tal-gass tal-idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ġie prodott total ta' 1 680 000 m^3 ta' gass tal-idroġenu ekoloġiku (560.000 m^3 fuq bażi annwali) sat-30 ta' Ġunju 2026.

	tas-settur tal-karburanti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu nadif)									

48	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.1. Aġġornament u ttestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-ħolqien ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi li ġejjin: a) il-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Rinnovazzjoni tal-Bini fuq Terminu Twil, b) Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni "Disinn u Ċertifikazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini", approvata mill-Ordni D2016–11–754 tal-Ministru tal-Ambjent 1–11 c) Linji gwida għal Żvilupp Urban Sostenibbli approvati bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Litwan d) Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni CTR 2.05.07: 2005 "Disinn ta' Strutturi tal-Injam", approvata minn 2005–02–10 Ordni Nru D1–79 tal-Ministru tal-Ambjent	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2023	L-atti leġiżlattivi li ġejjin ġew approvati u daħlu fis-seħħ: 1. Il-pjan ta' Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Rinnovazzjoni tal-Bini fuq Terminu Twil, li jipprevedi: 1.1 pjan leġiżlattiv biex titħaffef il-konverżjoni ta' siti residenzjali, b'kont meħud tal-inizjattiva Bauhaus, biex jiġi formalizzat l-użu ta' tekniki ta' mmudellar tal-informazzjoni dwar il-bini (BIM), kif ukoll il-valutazzjoni ta' mudelli possibbli għall-konverżjoni, ir-rikostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' siti eżistenti; 1.2. rakkomandazzjonijiet għat-tħejjija ta' proġetti ta' rinnovazzjoni trimestrali. 2. Ir-Regolament tekniku emendat dwar il-kostruzzjoni "Disinn u Ċertifikazzjoni tal-Prestazzjoni Enerġetika tal-Bini", approvat fil-11 ta' Novembru 2016 bid-Digriet Nru D1-754 tal-Ministru għall-Ambjent, li jilleġittimizza l-klassi tar-regolament fl-użu tal-enerġija tal-bini rinnovat mill-1.1.2023 ta' mill-inqas B. 3. Il-Linji Gwida għall-Iżvilupp Urban Sostenibbli, li jistabbilixxu l-indikaturi għall-bliet sostenibbli u l-metodoloġija għall-kalkolu tagħhom. 5. Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni CTR 2.05.07: 2005 "Disinn ta' Strutturi tal-Injam", approvata b' 2005–02–10 Ordni Nru D1–79 tal-Ministeru tal-Ambjent, li tespandi l-użu ta' prodotti tal-kostruzzjoni

										tal-injam f'bini b'użi multipli.

49	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.1. Aġġornament u ttestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-ħolqien ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli	Mira	Qasam ta' bini ta' dimostrazzjoni rinnovat bil-għan li jitnaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini		m^2	0	22.000	Q3	2025	Tlestija ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' rinnovazzjoni ekoloġika (8 binja b'erja totali ta' 22.000 m²) kif ġej: — Eżempju ta' 4 binja pubblika f'diversi siti (bħall-iskola, il-kindergarten, il-bini amministrattiv) (16.000 m² = 4x4000) — u 4 binjiet b'aktar minn appartament wieħed (6.000 m² = 4x1500), Bħala medja, ir-rinnovazzjoni għandha tnaqqas mill-inqas bi 30 % il-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini, bl-użu ta' sistemi tal-iżolament ġodda, immuntati bis-sħana b'mod industrijali minn materja prima organika, kif ukoll teknoloġiji tal-immudellar ta' informazzjoni tal-bini li jikkombinaw il-proċessi kollha tal-kostruzzjoni (disinn, kostruzzjoni, produzzjoni, loġistika, installazzjoni ta' strutturi prefabrikati fuq is-sit, manutenzjoni u kontroll tal-kwalità), immudellar virtwali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' binja fir-rigward tal-ambjent l-aktar immedjat (eż. distrett) li fih tinsab il-binja.

50	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.2. Għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika	Ewlieni	Iċ-Ċentru tal-Kompetenzi għar-Rinnovazzjoni tal-Bini huwa stabbilit u operazzjonali	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2022	1. L-Istatut tal-Aġenzija għall-Ġestjoni tal-Proġetti Ambjentali li jistabbilixxi funzjonijiet għall-amministrazzjoni tal-programm ta' Rinnovazzjoni tal-Bini b'Diversi appartamenti (Modernizzazzjoni) kif ukoll l-amministrazzjoni ta' finanzjament minn diversi sorsi kif attwalment imwettqa mill-Aġenzija għall-Effiċjenza Enerġetika tad-Djar, emendat bl-Ordni tal-Ministru tal-Ambjent adottat u daħal fis-seħħ. 2. Iċ-Ċentru tal-Kompetenzi One-Stop Shop għar-Rinnovazzjoni tal-Bini (l-unità EPMA) (50 % tal-postijiet battala fiċ-Ċentru tal-Kompetenzi mtlew) huwa operazzjonali.

51	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.2. Għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika	Mira	L-operazzjonalizzazzjoni u l-forniment ta' servizz ta' tliet sistemi ta' informazzjoni għad-disinn tar-rinnovazzjoni tal-bini, għall-amministrazzjoni ta' proġetti ta' rinnovazzjoni u l-Bank Litwan tad-*Data* tal-Bini		Għadd	0	3	Q3	2025	Is-3 sistema ta' informazzjoni li ġejjin għandhom ikunu kompletament funzjonali: 1. Għodda metodoloġika diġitali għall-ippjanar ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika ekoloġiċi u innovattivi f'bini rinnovat; 2. Sistema ta' informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini; 3. Il-Bank Litwan tad-*Data* tal-Bini.
52	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.3. Il-promozzjoni tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-kostruzzjoni li jħaffu r-rinnovazzjoni	Mira	Kapaċità operattiva ta' produzzjoni ta' strutturi modulari minn materjali organiċi		m²/sena)	0	750.000	Q4	2024	Linji ta' produzzjoni ġodda awtomatizzati operattivi ta' strutturi modulari minn materjal organiku b'kapaċità ta' 750.000 m²/sena.

	tal-bini									
53	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.4. Appoġġ għal rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini f'konformità ma' standards aġġornati ta' rinnovazzjoni tal-bini	Mira	Erja ta' bini b'aktar minn appartament wieħed rinnovat		m^2	0	300 000	Q2	2025	Ir-rinnovazzjoni aċċellerata tal-bini għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini u l-użu ta' rinnovazzjoni ekoloġika (sostenibbli, innovattiva, aktar rapida, klassi A-B) jew miżuri għajr l-użu ta' strutturi modulari (klassi A), l-għadd totali ta' binjiet rinnovati b'aktar minn appartament wieħed huwa 860, u l-erja tagħhom hija ta' 1 290 000 m².

54	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli — B.1.3.4. Appoġġ għal rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini f'konformità ma' standards aġġornati ta' rinnovazzjoni tal-bini	Mira	Erja ta' bini b'aktar minn appartament wieħed rinnovat		m^2	300000	1290.000	Q2	2026	Ir-rinnovazzjoni aċċellerata tal-bini għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini u l-użu ta' rinovazzjoni ekoloġika (sostenibbli, innovattiva, aktar mgħaġġla, klassi A-B) jew miżuri għajr l-użu ta' strutturi modulari (klassi A), l-għadd totali ta' binjiet rinnovati b'aktar minn appartament wieħed huwa 860, u l-erja tagħhom hija ta' 1 290 000 m².
55	B.1.4 Żieda tal-kapaċità tal-assorbiment tal-gassijiet serra	Mira	Żona ta' torbiera mxarrba mill-ġdid		ettari	0	5000	Q4	2024	Mill-inqas 5 000 ettaru ta' art tal-pit għandha tiġi mxarrba mill-ġdid.
56	B.1.4 Żieda tal-kapaċità tal-assorbiment tal-gassijiet serra	Mira	Żona ta' torbiera mxarrba mill-ġdid		ettari	5000	8000	Q2	2026	Mill-inqas 8 000 ettaru ta' art tal-pit għandha tiġi mxarrba mill-ġdid.

57	B.1.4 Żieda tal-kapaċità tal-assorbiment tal-gassijiet serra	Ewlieni	Il-leġiżlazzjoni li tirregola r-restawrazzjoni tal-artijiet mistagħdra (torbieri) u l-protezzjoni u l-użu sostenibbli tagħhom, daħlet fis-seħħ	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q3	2022	Daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tirregola r-restawr tal-artijiet mistagħdra (torbieri) u l-protezzjoni ulterjuri u l-użu sostenibbli tagħhom.
58	B.1.5 Lejn ekonomija ċirkolari	Ewlieni	Dħul fis-seħħ Pjan ta' Azzjoni għat-tranżizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' Riżoluzzjoni tal-Gvern li tapprova l-pjan ta' azzjoni tal-Litwanja għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari sal-2035, imfassla bl-involviment tal-istituzzjonijiet interessati u s-sħab soċjoekonomiċi, bil-għan li jiġu involuti l-awtoritajiet rilevanti kollha u jiġu kkoordinati l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari fil-pajjiż.

C. KOMPONENT 3: TRASFORMAZZJONI DIĠITALI GĦAT-TKABBIR

Il-komponent tal-pjan Litwan għall-Irkupru u r-Reżiljenza jindirizza diversi aspetti tat-trasformazzjoni diġitali — il-konnettività diġitali, inkluż id-distakk diġitali urban-rurali, id-diġitalizzazzjoni tas-setturi pubbliċi u privati, u l-ħiliet diġitali. Il-komponent jinkludi miżuri biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-5G, tiġi żviluppata aktar l-infrastruttura tal-fibra f'żoni rurali u remoti, u titrawwem l-innovazzjoni tal-konnettività. Barra minn hekk, riformi u investimenti sostanzjali għandhom l-għan li jiddiġitalizzaw is-settur pubbliku. Il-promozzjoni tal-ħiliet diġitali hija prevista għat-tfal, l-impjegati u ċ-ċittadini anzjani kif ukoll miżuri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' impjegati tal-IT fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-komponent iressaq investiment għall-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati fis-settur privat, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju għal teknoloġiji innovattivi u d-diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali. B'mod ġenerali, il-komponent jinkludi ħames miżuri (tliet riformi u żewġ investimenti).

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jippromwovi l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari l-kopertura u l-użu tal-broadband b'kapaċità għolja (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020). Barra minn hekk, il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi biex tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività, inkluż billi l-investiment pubbliku jsir aktar effiċjenti (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019) billi jinkludi miżuri għad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku li għandu jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u l-produttività tagħha. Il-miżuri fil-komponent jindirizzaw ukoll parzjalment l-isfidi relatati mal-innovazzjoni teknoloġika fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020). B'mod ġenerali, id-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti u r-riformi previsti għat-tranżizzjoni diġitali għandhom jikkontribwixxu indirettament biex itaffu l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020) u jippromwovu l-investiment għall-innovazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

C.1.1. Riforma 1 "Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika"

L-għan tar-riforma huwa li jiġu kkonsolidati bis-sħiħ ir-riżorsi ta' informazzjoni tal-istat sabiex l-infrastruttura tal-IT, is-servizzi u l-proċessi tal-istituzzjonijiet pubbliċi jiġu ġestiti ċentralment, b'mod effiċjenti u sikur. Ir-riforma tinvolvi investiment lejn:

a. L-estensjoni tal-infrastruttura cloud eżistenti għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni sal-punt meħtieġ mill-istituzzjonijiet baġitarji pubbliċi kollha;
b. Il-migrazzjoni ta' infrastruttura tal-ICT skaduta u mhux konformi mas-sigurtà mill-istituzzjonijiet baġitarji tal-istat lejn infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-cloud ġestita ċentralment;
c. Titjib integrat u reviżjoni tas-software tekniku u sistemiku għan-networks lokali tat-trażmissjoni tad-*data* ta' istituzzjonijiet baġitarji statali skaduti u mhux sikuri, l-introduzzjoni ta' soluzzjoni ta' ġestjoni ċentralizzata sikura (4000 workstations tal-kompjuter);

d. Aġġornament integrat u reviżjoni tas-software tal-hardware u tas-sistema tal-kompjuters skaduti u mhux konformi mas-sigurtà, l-introduzzjoni ta' soluzzjoni ta' ġestjoni ċentralizzata sigura (4000 workstation tal-kompjuter).

Ir-riforma kollha hija indirizzata biss lill-istituzzjonijiet tal-Istat li jistgħu jagħmlu użu sħiħ mis-servizzi tal-infrastruttura tal-IT tal-Cloud tal-Istat wara r-riforma.

Ir-riforma għandha tkun lesta sat-30 ta' Settembru 2026.

C.1.2. Riforma 2 "L-iżgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa"

L-għan tar-riforma huwa li tiżgura d-disponibbiltà ta' *data* affidabbli tas-settur pubbliku, il-possibbiltà li tiġi kondiviża, il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid tad-*data* u l-ħolqien tal-prekundizzjonijiet għall-politika pubblika mmexxija mid-*data* kif ukoll l-innovazzjoni diġitali fis-settur privat.

Ir-riforma teħtieġ investiment pubbliku dirett biex jiġi żviluppat mudell ta' arkitettura tad-*data* tal-istat u l-għodod ta' ġestjoni tagħha sabiex jiżdied l-ammont ta' *data* disponibbli pubblikament fil-lag tad-*data* nazzjonali (national data lake, NDL), biex b'hekk jinħolqu l-prekundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tad-*data* fis-sistemi u r-reġistri kollha ta' informazzjoni tal-istat, u din id-*data* ssir disponibbli għall-pubbliku, in-negozju u x-xjenza.

L-integrazzjoni tar-riżorsi ta' informazzjoni fil-lag tad-*data* nazzjonali tinvolvi l-passi li ġejjin:

a. Toħloq interfaċċja mal-fornitur tad-*data* permezz tal-konnessjoni tal-kondiviżjoni tad-*data*;
b. Iddeskrivi l-istruttura semantika, ipprepara l-*metadata*;
c. Tipproċessa s-settijiet tad-*data* riċevuti (trasformazzjoni, tindif, anonimizzazzjoni/kriptaġġ, konnessjoni, aggregazzjoni u xogħol ieħor filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tad-*data* u l-ħtiġijiet tal-utenti għall-ftuħ);
d. Toħloq interfaċċa bejn il-Lag tad-*Data* Nazzjonali (National Data Lake, NDL) u r-Repożitorju tad-*Data* tal-Portal tad-*Data* Miftuħa (data.gov.lt) permezz tal-Interfaċċa Rappreżentattiva għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjoni għat-Trasferiment tal-Istat (Application Programming Interface, API);
e. Irrealizza r-rabta bejn il-Lag tad-*Data* Nazzjonali u l-Portal tad-*Data* Miftuħa (data.gov.lt) permezz tal-API REST.
f. L-iżvilupp ta' mekkaniżmu għall-aġġornament awtomatiku ta' settijiet ta' *data* miftuħa u l-*metadata* tagħhom.

Id-disinn tal-arkitettura tad-*data* tal-istat jeħtieġ:

a. It-twettiq ta' analiżi tal-istruttura tad-*data* tar-Riżorsi ta' Informazzjoni tal-Istat (State Information Resources, SIR), l-iżvilupp u l-inventarju tal-mudell ta' *metadata* tad-*data* SIR, u l-iżvilupp ta' miżuri metodoloġiċi, legali u organizzattivi għall-ħolqien u l-ġestjoni tal-*metadata*;
b. L-installazzjoni ta' għodda awtomatizzata għall-ġestjoni tal-*metadata*, l-iżvilupp ta' algoritmu għall-mili awtomatiku tal-*metadata*, l-iżvilupp ta' struttura tal-bażi tad-*data* tal-*metadata* u software għall-amministrazzjoni, u l-iżvilupp ta' software tal-input awtomatizzat għall-*metadata*;
c. Jiġu implimentati interfaċċji mas-SIR għall-ġbir u l-aġġornament awtomatiċi tal-*metadata* mis-SIR kollha, tiġi pprovduta l-ogħla *metadata* ġerarkika fil-bażi tad-*data*, jinħolqu APIs għall-iskambju tad-*data* fil-Pjattaforma ta' Riżorsi tal-Informazzjoni tal-Istat u *metadata* kompluta biex jiġu inklużi r-realizzazzjonijiet eżistenti u ppjanati tal-API.

Ir-riforma hija marbuta direttament mal-inizjattivi Ewropej biex tinfetaħ u tintuża mill-ġdid id-*data*. L-investimenti previsti għandhom jippermettu implimentazzjoni teknoloġika bla xkiel tal-ftuħ tad-*data* billi jsir użu integrat tad-*data* tas-settur pubbliku għal skopijiet multipli. Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-problemi kkawżati mid-deċentralizzazzjoni u l-frammentazzjoni tad-*data* tas-settur pubbliku. Din l-infrastruttura għandha tinkludi wkoll l-użu mill-ġdid ta' *data* tas-saħħa ta' valur għoli. Il-grupp fil-mira tar-riforma huwa l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet xjentifiċi, in-negozji u l-pubbliku ġenerali.

Ir-riforma għandha tkun lesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

C.1.3. Riforma 3 "Servizzi orjentati lejn il-klijent"

L-għan tar-riforma huwa d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u amministrattivi permezz tat-trasformazzjoni sħiħa tal-proċessi tal-gvern nazzjonali u lokali, id-diġitalizzazzjoni sħiħa, l-integrazzjoni tas-sistema, l-użu mill-ġdid tad-*data*, l-ogħla kwalità tas-servizz ipprovdut u l-orjentazzjoni lejn l-utent tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-riforma għandha tiġi implimentata f'żewġ direzzjonijiet:

a. It-titjib tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-iżvilupp u t-titjib ta' servizzi pubbliċi ġodda u ż-żieda fl-inklużività tas-servizzi pubbliċi u l-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabilità.
b. Investimenti integrati fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika, ir-riċeviment ta' servizzi pubbliċi elettroniċi neqsin u l-awtomatizzazzjoni tal-iskambju interistituzzjonali ta' *data*, u l-aċċessibbiltà ta' għodod għall-persuni b'diżabilità biex jaċċessaw is-servizzi pubbliċi. L-objettiv tal-investiment biex tiġi implimentata din il-linja huwa li jiġu diġitalizzati l-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika, li jinħolqu servizzi pubbliċi elettroniċi neqsin u li tiġi unifikata l-maturità tas-servizzi pubbliċi kollha pprovduti fil-Litwanja, sabiex l-iskambju interistituzzjonali tad-*data* jkun awtomatizzat u l-informazzjoni tkun aċċessibbli għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità.

Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-riforma għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin: il-prinċipju ta' darba biss, l-inklużività u l-aċċessibbiltà tas-servizzi, il-ftuħ u t-trasparenza, in-natura transfruntiera b'mod awtomatiku, l-interoperabbiltà b'mod awtomatiku, l-affidabbiltà u s-sigurtà. Parti mill-investiment (EUR 2 000 000) għandha tiġi indirizzata lejn l-iżvilupp orizzontali tal-ħiliet diġitali għall-impjegati taċ-ċivil, il-gruppi vulnerabbli (inklużi l-anzjani) u l-oħrajn kollha barra mill-gruppi fil-mira.

Ir-riforma għandha tkun lesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

C.1.4. Investiment 1 "Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum"

L-għan tal-investiment huwa li joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex ix-xjenza u n-negozju jiżviluppaw u jużaw b'mod effettiv għodod avvanzati u innovattivi u soluzzjonijiet tal-IA li jkunu kapaċi jikkomunikaw, jaqraw, janalizzaw, jifhmu u jinterpretaw bil-lingwa Litwana f'livell inizjali u joħolqu u jiżguraw aċċess universali għar-riżorsi diġitali u diġitalizzati li jippermettu lix-xjenza, lin-negozji u lis-soċjetà jiżviluppaw teknoloġiji, servizzi u prodotti innovattivi bbażati fuq il-kontenut kulturali.

C.1.4.1. Sottomiżura 1: Żvilupp tar-riżorsi teknoloġiċi tal-lingwa Litwana

Is-sottomiżura għandha l-għan li tiżviluppa r-riżorsi tal-lingwa Litwana meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet bil-lingwa Litwana tal-IA li se jkunu disponibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas. Dan jinkludi (i) l-iżvilupp tar-riżorsi lingwistiċi li jippermettu l-organizzazzjonijiet xjentifiċi u tan-negozju biex itejbu s-sistemi u s-servizzi tal-IA bil-lingwa Litwana: (ii) l-iżvilupp tar-riżorsi diġitali insostenn tal-preservazzjoni u tal-vitalità tal-lingwa Litwana (eż. l-adattament tal-wirt lingwistiku Litwan għall-ħtiġijiet xjentifiċi, kulturali u edukattivi, l-ottimizzazzjoni tar-riċerka lingwistika); u (iii) l-iżvilupp ta' riżorsi ta' għarfien speċjalizzat, inklużi ontoloġiji, u riżorsi lingwistiċi internazzjonali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.1.4.2. Sottomiżura 2: Diġitalizzazzjoni u aċċessibbiltà tar-riżorsi kulturali

Is-sottomiżura tinkludi miżuri organizzattivi u tekniċi fil-qasam tal-pubblikazzjoni tal-kultura diġitali u r-riżorsi tal-informazzjoni, l-adattament tas-servizzi u l-prodotti elettroniċi għall-persuni b'diżabilità kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u tal-IT għall-ftuħ u l-użu mill-ġdid tal-kontenut tal-wirt kulturali u kulturali. Is-sottomiżuri għandhom l-għan li jiffinanzjaw mill-inqas tnax-il proġett għad-diġitalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u t-tixrid tar-riżorsi kulturali. Barra minn hekk, 20 % tar-riżorsi diġitali (elettroniċi) disponibbli permezz tal-pjattaforma nazzjonali ta' pubblikazzjoni online ELVIS għandhom ikunu adattati għall-persuni b'diżabilità.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.1.4.3. Sottomiżura 3: Produzzjoni ta' kontenut u riżorsi tal-edukazzjoni diġitali

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li jiġu żviluppati s-soluzzjonijiet teknoloġiċi meħtieġa għat-tagħlim diġitali, ir-riżorsi tal-istudju u l-infrastruttura tal-IT fl-istituzzjonijiet edukattivi biex ikun jista' jsir tagħlim personalizzat mill-bogħod. Hija maħsuba biex tipprovdi lill-iskejjel b'bażi ta' riżorsi għat-tagħlim diġitali, li taġixxi bħala skola nazzjonali mill-bogħod, ibbażata fuq ir-rabta bejn l-għodod eżistenti u dawk ġodda tat-tagħlim diġitali, il-kontenut diġitali żviluppat minn pubblikaturi pubbliċi u privati, sistemi ta' ttestjar u valutazzjoni tal-prestazzjoni, libreriji, kontenut edukattiv aġġornat bħalissa. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-edukazzjoni mill-bogħod, se jiġu żviluppati, ittestjati u implimentati prototipi għall-edukazzjoni mill-bogħod u mħallta.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

C.1.4.4. Sottomiżura 4: Strumenti finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u għall-innovazzjoni diġitali

Is-sottomiżura għandha l-għan li tipprovdi inċentivi finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u l-innovazzjoni diġitali.

Iċ-ċentri tas-servizzi tan-negozju se jiġu appoġġati biex jużaw proċessi ta' awtomatizzazzjoni robotika u soluzzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali billi tiġi finanzjata nefqa relatata (i) mas-servizzi ta' konsulenza relatati mal-analiżi inizjali tal-proġett dwar il-proċessi razzjonali għall-awtomatizzazzjoni u s-soluzzjonijiet li jippermettru dawn il-proċessi; (ii) mal-kostijiet tat-taħriġ relatati mal-iżvilupp tas-soluzzjonijiet tal-ESA u tal-IA; (iii) mal-akkwiżizzjoni tal-liċenzji (liċenzji tar-robots u tas-software) b'konnessjoni mal-proġett; (iv) mal-kost tar-remunerazzjoni għall-ħin fuq

attivitajiet tal-proġett; (v) mal-kostijiet tat-tagħmir u tal-kiri b'rabta mal-installazzjoni u mal-operat tas-soluzzjonijiet awtomatizzati (eż. il-kiri tas-servers).

In-negozji ġodda u l-ispin-offs se jiġu appoġġati biex jiżviluppaw prodotti u soluzzjonijiet għall-intelliġenza artifiċjali, għat-teknoloġiji tal-blockchain u għall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tar-robotika billi tiġi ffinanzjata nefqa relatata (i) mal-iżvilupp tal-prodotti u tas-servizzi fl-istadju inizjali tal-maturità, qabel ma jingħabar il-kapital tal-investiment; (ii) mal-analiżi tal-ħtiġijiet tas-suq; (iii) mal-iżvilupp ta' kunċett teknoloġiku ta' soluzzjoni; (iv) mal-iżvilupp ta' prodott minimu vijabbli; u (v) mal-ksib tal-istadju ta' kummerċjabbiltà tal-prodott.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

C.1.4.5. Sottomiżura 5: Ċentru ta' eċċellenza tal-ICT

L-istabbiliment ta' ċentru ta' eċċellenza tal-ICT għandu l-għan li jiżviluppa u joħloq rabtiet bejn in-negozji, l-akkademja u l-awtoritajiet pubbliċi, li jippromwovi r-RuŻ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi f'firxa wiesgħa ta' oqsma, li jippreparahom għas-suq (kummerċjalizzazzjoni), u li jrawwem l-iskambju ta' ideat, għarfien u investiment. Ċentru bħal dan jiffoka fuq iż-żieda tal-aċċessibbiltà tal-infrastruttura u s-servizzi rilevanti għan-negozju, inkluż għal spin-offs stabbiliti għal skopijiet kummerċjali minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

C.1.5. Investiment 2 "Pass lejn il-5G"

L-objettiv tal-investiment huwa li jiżgura l-kopertura u l-penetrazzjoni effettivi ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika permeabbli ħafna, li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impriżi diġitalment attivi u li huma adattati għall-iżvilupp ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, inklużi n-networks 5G b'mod ibbilanċjat. Il-miżura timmira li tiffaċilita l-introduzzjoni tal-5G fil-pajjiż, u b'mod partikolari fil-kurituri tat-trasport internazzjonali fuq l-art (Via Baltica, Rail Baltica) u toroq prinċipali u linji ferrovjarji oħra ta' sinifikat nazzjonali, ajruporti u portijiet marittimi. Il-miżura tinkludi finanzjament mill-FRF ippjanat li jiġi kkomplementat minn finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, fondi strutturali oħra tal-UE, fondi nazzjonali u ingranaġġ ta' investiment privat. Fl-istess ħin, l-investiment jimmira wkoll li jiżviluppa l-infrastruttura tal-fibra f'żoni rurali u remoti, bil-provvista ta' aċċess għall-broadband b'veloċità Gigabit għal 5000 promoturi soċjoekonomiċi. L-investiment jinkludi wkoll elementi li jħeġġu lin-negozji u lill-korpi pubbliċi biex jinnovaw u jadattaw għal konnettività diġitali rapida billi jimplimentaw mill-inqas seba' applikazzjonijiet prattiċi ta' innovazzjonijiet fil-mobilità.

C.1.5.1. Sottomiżura 1: Pjan direzzjonali tal-5G

Il-pjan direzzjonali Litwan għall-5G jippjana żvilupp ibbilanċjat, kosteffettiv u effiċjenti tal-5G, bil-għan li jinkisbu servizzi 5G kummerċjalment disponibbli f' 95 % tat-territorju taż-żoni urbani, kurituri tat-trasport internazzjonali fuq l-art (Via Baltica, Rail Baltica), toroq prinċipali u linji ferrovjarji ta' sinifikat nazzjonali, ajruporti u portijiet tal-baħar. Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-pjan direzzjonali tal-5G jinkludi miżuri li se jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet regolatorji u ta' investiment għall-iżvilupp tal-5G. Għandu jiġi nnutat li dawn il-miżuri huma ġeneralment konformi ma' dawk li jinsabu fil- "Pakkett tal-Konnettività" tal-UE.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.1.5.2. Sottomiżura 2: Żvilupp ulterjuri ta' networks b'kapaċità għolja ħafna

Is-sottomiżura timmira li tiżviluppa 50 torri (arblu) ġdid u 2 000 km ta' fibra f'żoni remoti u rurali fejn bħalissa m'hemmx infrastruttura ta' operaturi privati u fejn din mhijiex ippjanata fil-futur qarib. Jenħtieġ li l-infrastruttura żviluppata tiffaċilita l-konnessjoni b'veloċità gigabit tat-total ta' 5 000 kumpanija privata u pubblika, organizzazzjoni nongovernattiva u governattiva u istituzzjoni muniċipali (il-muturi soċjoekonomiċi). F'nofs l-2021 tnieda studju biex jiġu identifikati oqsma fejn l-infrastruttura li kapaċi tipprovdi servizz ta' kwalità adegwata ma teżistix jew mhijiex ippjanata fil-futur qrib permezz ta' ppjanar tar-radju u konsultazzjoni ma' operaturi privati.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.1.5.3. Sottomiżura 3: Innovazzjoni fil-mobilità

L-innovazzjoni fil-mobilità se tkun promossa permezz ta' proċedura kompetittiva, fejn il-fondi jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' entitajiet jew konsorzji fil-forma ta' proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet diġitali biex tiżdied id-diġitalizzazzjoni tad-diversi setturi permezz tal-applikazzjoni prattika tal-innovazzjonijiet tat-trasport u tal-komunikazzjoni bħal (i) it-trasport awtonomu, (ii) l-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ — droni, (iii) l-internet tal-oġġetti, (iv) ir-realtà virtwali, (v) ir-robotizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni fuq il-bażi tal-5G u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi avvanzati vi) bħall-kontijiet tat-trasport u l-ġestjoni sostenibbli tad-*data* dwar il-mobilità; vii) soluzzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni ta' sistema tal-biljetti komuni u faċilitajiet tat-trasport.

Is-soluzzjonijiet għandhom jintroduċu u jadattaw il-korpi pubbliċi għall-innovazzjonijiet tal-mobilità 5G (trasport awtonomu, droni, eċċ.).

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
59	C.1.1 Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika	Ewlieni	Is-sistemi kollha mmexxija mill-istituzzjonijiet tal-bażit tal-Istat emigraw għal infrastruttura ġdida tal-cloud tal-gvern	Kompletazzjoni ta' tiġdid u riorganizzazzjoni kumplessi tal-infrastruttura tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet bażitarji tal-Istat, u l-implimentazzjoni ta' maniġment ċentralizzat sigur				Q3	2026	Is-sistemi kollha mmexxija mill-istituzzjonijiet tal-bażit tal-Istat emigraw għal infrastruttura ġdida tal-cloud tal-gvern f'żewġ linji: 1. L-estensjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-cloud għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni sal-punt meħtieġ mill-istituzzjonijiet bażitarji pubbliċi kollha u l-migrazzjoni ta' infrastruttura tal-ICT skaduta u mhux konformi mas-sigurtà tal-istituzzjonijiet tal-Bażit tal-Istat għal infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-cloud ġestita ċentralment; 2. Aġġornament u reviżjoni integrati ta' networks ta' trażmissjoni ta' *data* lokali skaduti u mhux konformi mas-sigurtà, hardware u software tas-sistema għal workstations tal-kompjuter minn istituzzjonijiet tal-bażit tal-Istat, l-introduzzjoni ta' soluzzjoni ta' ġestjoni ċentralizzata sigura.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
60	C.1.1 Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' sistema nazzjonali ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà	Sistema nazzjonali ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà operazzjonali				Q1	2026	Id-dħul fis-seħħ ta' sistema nazzjonali ta' ġestjoni taċ-ċibersigurtà. Hardware u/jew software mixtrija, żviluppati u installati għal soluzzjoni diġitali għall-monitoraġġ tar-rekwiżiti tekniċi u organizzattivi taċ-ċibersigurtà.
61	C.1.1 Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika	Mira	Taħriġ finalizzat dwar iċ-ċibersigurtà		Għadd		300	Q1	2026	Mill-inqas 300 impjegat li jaħdmu fl-entitajiet taċ-ċibersigurtà lestew it-taħriġ taċ-ċibersigurtà permezz tas-sistema ta' tagħlim tul il-ħajja. "Entità taċ-ċibersigurtà" tfisser entità li timmaniġġa u/jew timmaniġġa riżorsi ta' informazzjoni tal-Istat, maniġer tal-infrastruttura kritika tal-informazzjoni, fornitur ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjoni u/jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament, servizzi ta' hosting ta' informazzjoni elettronika u servizzi diġitali.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
62	C.1.1 Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika	Mira	Id-dipartiment tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Istat jipprovdi servizzi tal-IT lill-istituzzjonijiet baġitarji kollha fuq bażi konsolidata		Għadd	22	242	Q1	2025	L-għadd totali ta' 242 istituzzjoni li jibbenefikaw minn servizzi tal-IT konsolidati. Il-konsolidazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet baġitarji tal-Istat għandha titwettaq skont il-pjan imfassal mid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Informazzjoni tal-Istat.
63	C.1.1 Trasformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika	Mira	Id-dipartiment tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Istat jipprovdi servizzi tal-IT lill-istituzzjonijiet baġitarji kollha fuq bażi konsolidata		Għadd	242	325	Q3	2026	L-għadd totali ta' 325 istituzzjoni li jibbenefikaw minn servizzi tal-IT konsolidati. Il-konsolidazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet baġitarji tal-Istat għandha titwettaq skont il-pjan imfassal mid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Informazzjoni tal-Istat.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
64	C.1.2 Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-ipproċessar effiċjenti tad-*data*.	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni effiċjenti tad-*data*. Dan jinkludi emendi għal-Liġi dwar l-Istatistika Uffiċjali jew il-Liġi dwar id-Dritt għall-Kisba tal-Informazzjoni minn Istituzzjonijiet tal-Istat u tal-Muniċipalità li jestendu l-funzjonijiet tal-Istat tal-Litwanja għall-ġestjoni tal-Lag tad-*Data* tal-Istat (pjattaforma tad-*data* tal-istat).
65	C.1.2 Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa	Mira	Bidu tal-operat tal-mudell tal-ġestjoni tad-*data*		Għadd	0	1	Q4	2024	Dħul fis-seħħ ta' mudell ta' ġestjoni tad-*data*. Għandha tinħoloq interfaċċa ċentralizzata għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (API) għall-forniment tad-*data* u d-*data* tal-istat inkluża fil-mudell tal-arkitettura tad-*data* għandha tuża API ċentralizzat għall-iskambju tad-*data*.

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
66	C.1.2 Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa	Mira	Integrazzjoni tar-riżorsi ta' informazzjoni fil-lag tad-*data*		Għadd	53	376	Q2	2026	Total ta' 376 riżorsa ta' informazzjoni għandhom jiġu integrati fil-lag tad-*data* nazzjonali. L-implimentazzjoni tar-riforma tiżgura ġestjoni effiċjenti tad-*data* li tevita d-duplikazzjoni tad-deċiżjonijiet. B'dan il-mod, ir-riżorsi finanzjarji jintużaw b'mod razzjonali, tittejjeb il-kwalità tad-*data*, ir-riskju ta' vulnerabbiltajiet tad-*data* personali jiġi ġestit b'mod effiċjenti, id-*data* tiġi rreġistrata, u jiġi żgurat l-użu mill-ġdid tad-*data*.
67	C.1.2 Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa	Mira	Dħul fl-operat tal-għodda għall-iskambju tad-*data*		Għadd	0	1	Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' għodda għall-iskambju tad-*data* li tikkonforma mar-rekwiżiti kontabilistiċi xierqa. Il-ħolqien ta' għodda għall-iskambju tad-*data* għandu jippermetti li jintbagħtu u jiġu rċevuti u pproċessati fatturi elettroniċi fuq skala kbira, li għandhom jiffrankaw l-ispejjeż materjali u tax-xogħol fl-ekonomija tal-pajjiż, u għandhom jagħtu l-frott malajr lill-istat. Is-sistemi kontabilistiċi kollha (ERPs) għandhom jiġu inklużi fl-EuroConnector b'sors miftuħ u għandhom jintużaw mingħajr ħlas.

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
68	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tar-regolament emendat dwar l-għoti ta' informazzjoni lil persuni b'diżabilità	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament legali emendat dwar l-għoti ta' informazzjoni lil persuni b'diżabilità.
69	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Ewlieni	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għal soluzzjonijiet u għodod innovattivi biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' komunikazzjoni aħjar għall-persuni b'diżabilità	Pubblikazzjoni ta' avviż għal sejħa għall-offerti				Q2	2023	Pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti għal soluzzjonijiet u għodod innovattivi biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' komunikazzjoni aħjar għall-persuni b'diżabilità. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-akkwist pubbliku għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mal-gruppi fil-mira. Ir-rekwiżiti tal-kwalifiki għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-esperjenza, il-ħiliet u l-ħiliet tal-forniturи biex jimplimentaw soluzzjonijiet tal-IT simili. Is-sistemi tal-IT għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tad-Direttiva tal-KE dwar l-Aċċessibbiltà tal-Internet. (2024 Q1).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
70	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' ċentru ta' kompetenza għad-*data* miftuħa u t-trasformazzjoni diġitali	Iċ-Ċentru ta' kompetenza għad-*data* miftuħa u t-trasformazzjoni diġitali operazzjonali				Q4	2021	Dħul fis-seħħ ta' ċentru ta' kompetenza għad-*data* miftuħa u t-trasformazzjoni diġitali permezz ta' Riżoluzzjoni tar-Repubblika Litwana. L-istruttura organizzazzjonali taċ-ċentru tal-kompetenza hija komposta minn żewġ taqsimiet: waħda se timmonitorja u tevalwa s-soluzzjonijiet diġitali u t-tieni se tiffoka fuq id-*data* u l-arkitettura: Il-grupp ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tas-Soluzzjonijiet Diġitali, kif xieraq, għandu janalizza u jimmonitorja soluzzjonijiet eżistenti billi jivvaluta l-funzjonalità u l-isfidi li għandhom jiġu indirizzati. Hija għandha tivvaluta inizjattivi ġodda mill-perspettiva tad-duplikazzjoni ta' soluzzjonijiet eżistenti u r-rakkomandabbiltà ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi. Il-Grupp tad-*Data* u l-Arkitettura għandu jiddefinixxi l-arkitettura ġenerali tas-sistemi tal-informazzjoni u d-*data*, l-istandards u r-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu applikati għas-soluzzjonijiet li għadhom kif ġew żviluppati.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										Kull soluzzjoni ġdida proposta hija mistennija li tirċievi valutazzjoni inizjali tal-grupp ta' inizjattivi diġitali u, ladarba dan il-proċess u l-abbozz dettaljat tar-rekwiżiti jkunu tħejjew, għandha tiġi vvalutata minn perspettiva ta' kompatibbiltà arkitettonika.
71	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Mira	Dħul fis-seħħ ta' soluzzjonijiet għal servizzi pubbliċi diġitali għal persuni b'diżabilità		Għadd		2	Q1	2025	Bidu tal-operat ta' żewġ soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għas-servizzi pubbliċi diġitali: soluzzjoni tal-IT biex tiżgura opportunitajiet ta' komunikazzjoni aħjar għat-torox, u oħra biex tiżgura l-aċċess tal-għomja għall-informazzjoni. Is-servizzi għandhom jiġu pprovduti minn fornituri bi kwalifiki xierqa permezz ta' akkwist pubbliku.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
72	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Mira	Użu sodisfaċenti tas-servizzi pubbliċi minn persuni b'diżabilità		%	0	60 %	Q1	2026	Mill-inqas 1000 rispondent għandhom jipparteċipaw fi stħarriġ li għandu l-għan li jivvaluta jekk ir-riforma tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi minn persuni b'diżabilità tkunx laħqet l-għan tagħha li tippubblika informazzjoni aċċessibbli fuq siti web u soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni li tissodisfa l-aspettattivi tal-utenti. 60 % ta' dawk li wieġbu għandhom jgħidu li huma sodisfatti u/jew jikkunsidraw utli bl-użu tas-soluzzjonijiet żviluppati.
73	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Mira	Proġetti kkompletati biex jiġu diġitalizzati s-servizzi u jiġi aġġornat il-livell ta' maturità tas-servizzi pprovduti		Għadd	0	15	Q2	2026	It-tlestija ta' mill-inqas 15-il proġett għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi u l-aġġornament tal-livell ta' maturità tas-servizzi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika. Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' mudell ta' għażla approvat u għandhom jindikaw l-aħjar u l-aktar modi effiċjenti biex jiġu implimentati. Il-proġetti għandhom jiġu implimentati minn istituzzjonijiet u muniċipalitajiet fil-livell ċentrali għall-iżvilupp ta' servizzi ġodda jew l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda (proġetti għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali u d-diġitalizzazzjoni ta'

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										proċessi għandhom jimmiraw li jagħmlu s-servizzi diġitali sempliċi, konvenjenti, proattivi, interoperabbli, u l-iżvilupp għandu jkun jista' juża soluzzjonijiet ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, it-tagħlim awtomatiku, l-analitika tad-*data* jew prinċipji avvanzati oħra).
74	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.1. Żvilupp tar-riżorsi teknoloġiċi tal-lingwa Litwana	Ewlieni	It-twassil tar-riżorsi tal-lingwa Litwana għall-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji innovattivi					Q4	2025	It-twassil tar-riżorsi tal-lingwa Litwana meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA lill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Innovazzjoni. Dawn għandhom jinkludu tliet settijiet ta' riżorsi: 1. Corpora ta' test monolingwi u multilingwi, korpora tad-diskors, sintetizzatur tad-disinn emozzjonali, komunikatur għall-interazzjoni bejn il-bniedem u l-magna, mudelli ta' inkorporazzjoni ta' kliem (mudelli ta' lingwa diġitali), memorji ta' traduzzjonijiet (il-*corpora* ta' test multilingwi parallel għat-traduzzjoni awtomatika). 2. It-trasformazzjoni tal-wirt lingwistiku f'forom

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										moderni ta' espressjoni kulturali, il-ħolqien ta' analitika lingwistika b'sistemi ta' ġeoinformazzjoni, il-ħolqien ta' *data* diġitali tad-diskors tad-djaletti Litwan. 3. Bażijiet tad-*data* tal-għarfien (ontoloġiji).
75	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.1. Żvilupp tar-riżorsi teknoloġiċi tal-lingwa Litwana	Mira	Proġetti kkompletati għall-ħolqien ta' riżorsi tal-lingwa Litwana meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA		Għadd		23	Q4	2025	It-tlestija ta' mill-inqas 23 proġett għall-ħolqien ta' riżorsi tal-lingwa Litwana meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA ffukati fuq tliet fergħat: 1. L-iżvilupp ta' riżorsi lingwistiċi għal soluzzjonijiet tal-IA. 2. L-iżvilupp ta' riżorsi diġitali li jappoġġaw il-preservazzjoni u l-vijabbiltà tal-lingwa Litwana. 3. L-iżvilupp ta' riżorsi ta' għarfien speċjalizzat.

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
76	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.2. Diġitalizzazzjoni u aċċessibbiltà tar-riżorsi kulturali	Ewlieni	Akkwist pubbliku għad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali	Notifika tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għad-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi kulturali				Q3	2023	L-għoti ta' kuntratti għal mill-inqas 12 proġett għad-diġitalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u t-tixrid ta' riżorsi kulturali.
77	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.2. Diġitalizzazzjoni u aċċessibbiltà tar-riżorsi kulturali	Mira	Proġetti lesti għad-diġitizzazzjoni tar-riżorsi kulturali		Għadd	0	12	Q4	2025	Proġetti kkompletati għad-diġitizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u t-tixrid tar-riżorsi kulturali.

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
78	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.2. Diġitalizzazzjoni u aċċessibbiltà tar-riżorsi kulturali	Mira	Riżorsi diġitali (elettroniċi) disponibbli għall-persuni b'diżabilità		%	15 %	20%	Q4	2025	20 % tar-riżorsi diġitali (elettroniċi) disponibbli permezz tal-pjattaforma nazzjonali ta' pubblikazzjoni online ELVIS għandhom ikunu adattati għall-persuni b'diżabilità. It-tip ta' pubblikazzjonijiet għandu jinkludi kotba elettroniċi personalizzati għal persuni li ma jkunux jistgħu jaqraw it-test stampat. Il-pubblikazzjonijiet għandhom jużaw prinċipji ta' pubblikazzjoni inklużivi u għandhom jitfasslu għal kulħadd, inklużi persuni b'diversi insuffiċjenzi/ħtiġijiet individwali. Dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli permezz tal-pjattaforma nazzjonali ta' pubblikazzjoni online ELVIS (www.elvis.labiblioteka.lt) f'format personalizzat.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
79	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.3. Produzzjoni ta' kontenut u riżorsi tal-edukazzjoni diġitali	Mira	Dħul fit-tħaddim ta' faċilitajiet ta' tagħlim diġitali		Għadd	0	1704	Q2	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' faċilitajiet ta' tagħlim diġitali li jinkludu oġġetti teknoloġiċi u diġitali għall-edukazzjoni u l-istudji (riżorsi diġitali għall-edukazzjoni ġenerali, prototipi għal edukazzjoni mill-bogħod u mħallta, klassijiet u udjenzi mgħammra għall-edukazzjoni remota u ibrida, diġitalizzazzjoni tal-kurrikuli/moduli/kontenut dixxiplinarju).
80	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.4. Strumenti finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u għall-innovazzjoni diġitali	Ewlieni	Pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti u approvazzjoni tat-termini ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti				Q3	2022	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti u l-approvazzjoni tat-termini ta' finanzjament mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Innovazzjoni jew ordni tad-Direttur tal-Aġenzija tax-Xjenza, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.
81	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet	Mira	Dħul fis-seħħ ta' kuntratti għal		Għadd	0	184	Q3	2024	Dħul fis-seħħ ta' kuntratti għal inċentivi finanzjarji

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.4. Strumenti finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u għall-innovazzjoni diġitali		inċentivi finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u l-innovazzjoni diġitali							għall-ħolqien tan-negozju u l-innovazzjoni diġitali: 1. 14 kuntratt għal inċentivi finanzjarji għal ċentri ta' servizzi kummerċjali biex jiskjeraw l-awtomatizzazzjoni tal-proċess tar-robotika u soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali. 2. 170 kuntratt għal inċentivi finanzjarji għal negozji ġodda u spin-offs biex jiżviluppaw prodotti u soluzzjonijiet għall-intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji blockchain, awtomatizzazzjoni tal-proċess tar-robotika.
82	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.5. Ċentru ta' Eċċellenza tal-ICT	Mira	Dħul fl-operat ta' ċentru ta' eċċellenza		Għadd	0	1	Q4	2024	Il-bidu tal-operat ta' ċentru ta' eċċellenza ddedikat tal-ICT.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
83	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.1. Pjan direzzjonali tal-5G	Ewlieni	Frekwenzi tar-radju assenjati għall-introduzzjoni ta' networks 5G	Frekwenzi tar-radju assenjati				Q1	2022	Irkanti mwettqa u awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-użu ta' frekwenzi tar-radju (kanali) fil-meded 3 400—3 800 MHz u 694–790 MHz.
84	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.1. Pjan direzzjonali tal-5G	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-liġijiet rilevanti li jippermettu l-installazzjoni aktar rapida tal-infrastruttura tal-komunikazzjoniji et elettroniċi	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi dwar ir-rekwiżiti tar-regolamenti tekniċi tal-kostruzzjoni u l-installazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika sabiex tiġi promossa d-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fil-bini pubbliku kollu u tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni fil-korsiji tat-toroq, il-pjazez, il-pontijiet, il-vjadotti u l-mini nazzjonali u muniċipali.
85	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.1. Pjan direzzjonali tal-5G	Mira	Dħul fis-seħħ ta' servizzi 5G f'żoni urbani u toroq prinċipali oħra u linji ferrovjarji ta' sinifikat nazzjonali, ajruporti u		%	0	95	Q4	2025	Sa tmiem l-2025, is-servizzi 5G huma kummerċjalment disponibbli f' 95 % tat-territorju taż-żoni urbani, il-kurituri tat-trasport internazzjonali fuq l-art (Via Baltica, Rail Baltica), it-toroq prinċipali u l-linji ferrovjarji ta' sinifikat nazzjonali, l-ajruporti u l-portijiet marittimi.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			portijiet marittimi							
86	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.2. Żvilupp ulterjuri ta' networks b'kapaċità għolja ħafna	Mira	Ħolqien ta' infrastruttura għall-veloċità tal-gigabits		Għadd	0	50	Q4	2025	Il-ħolqien ta' 50 torrijiet ġodda (arbli) (infrastruttura tal-veloċità tal-gigabits) f'territorji remoti u rurali.
87	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.2. Żvilupp ulterjuri ta' networks b'kapaċità għolja ħafna	Mira	Ħolqien ta' infrastruttura għall-veloċità tal-gigabits		km		2000	Q4	2025	Il-ħolqien ta' 2 000 km ta' fibra (infrastruttura tal-veloċità tal-gigabits) f'territorji remoti u rurali.
88	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.2. Żvilupp ulterjuri ta' networks b'kapaċità għolja ħafna	Mira	Il-konnessjoni ta' kumpaniji privati u pubbliċi, organizzazzjonijiet nongovernattivi u governattivi u istituzzjonijiet		Għadd	0	5000	Q4	2025	Il-konnessjoni b'veloċità gigabit ta' 5 000 kumpanija privata u pubblika, organizzazzjoni nongovernattiva u governattiva u istituzzjoni muniċipali (il-muturi soċjoekonomiċi).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			muniċipali (il-muturi soċjoekonomiċi) b'veloċitajiet gigabit							
89	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.3. Innovazzjoni fil-mobilità	Ewlieni	Jaħtru awtorità kompetenti għall-amministrazzjoni ta' miżuri ta' innovazzjoni fit-trasport					Q2	2022	Il-ħatra ta' awtorità kompetenti li għandha tfassal il-programm ta' attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-kriterji tal-għażla għall-proċedura kompetittiva għall-innovazzjoni fil-mobilità.
90	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.3. Innovazzjoni fil-mobilità	Mira	Dħul fis-seħħ ta' soluzzjonijiet diġitali għall-innovazzjoni tal-mobilità		Għadd	0	7	Q4	2025	Il-bidu tal-operat ta' mill-inqas seba' soluzzjonijiet diġitali biex tiżdied id-diġitalizzazzjoni f'diversi setturi permezz tal-applikazzjoni prattika tal-innovazzjonijiet tat-trasport u tal-komunikazzjoni bħal (i) it-trasport awtonomu, (ii) l-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ — droni, (iii) l-internet tal-oġġetti, (iv) ir-realtà virtwali, (v) ir-robotizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni fuq il-bażi tal-5G u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi avvanzati vi) bħall-kontijiet tat-trasport u l-ġestjoni sostenibbli tad-*data* dwar il-mobilità; vii) soluzzjonijiet għad-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										diġitalizzazzjoni ta' sistema tal-biljetti komuni u faċilitajiet tat-trasport. Is-soluzzjonijiet għandhom jintroduċu u jadattaw il-korpi pubbliċi għall-innovazzjonijiet tal-mobilità 5G (trasport awtonomu, droni, eċċ.).

D. KOMPONENT 4: EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ U AĊĊESSIBBLI GĦAĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA KOLLU

Il-komponent tal-pjan Litwan għall-irkupru u r-reżiljenza fil-qasam tal-edukazzjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim għall-adulti, kif ukoll li jippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet. Ir-riformi u l-investimenti għandhom l-għan li: 1. l-immodernizzar tal-edukazzjoni ġenerali, 2. it-titjib tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-adulti, 3. l-istabbiliment ta' sistema tal-gwida vokazzjonali u 4. it-titjib tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (vocational education and training, VET), inkluż permezz ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol. Ir-riformi jiffukaw fuq it-titjib tal-aċċess u l-kwalità tat-tfulija bikrija u l-edukazzjoni skolastika, it-tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema u tal-mexxejja tal-iskejjel, l-aġġornament tal-kontenut tat-tagħlim u l-istabbiliment ta' sistema ta' gwida għall-karriera. L-investimenti jimmiraw li jtejbu u jikkonsolidaw l-infrastruttura tal-iskejjel, itejbu l-ekosistema tal-edukazzjoni STEAM, jistabbilixxu pjattaforma one-stop shop għat-tagħlim tul il-ħajja, jappoġġaw l-apprendistati u jiffinanzjaw kontijiet individwali tal-apprendiment, jappoġġaw speċjalisti fil-qasam tal-gwida vokazzjonali, apprendistati u l-parteċipazzjoni fi programmi VET u fi programmi tal-mobilità.

Il-miżuri inklużi fil-komponent jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluża l-edukazzjoni għall-adulti u l-promozzjoni tal-ħiliet (CSR2 2019, CSR2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

D.1.1 Riforma 1 "Edukazzjoni Ġenerali Moderna — Sfond għal Kompetenzi Kompetittivi"

L-għan tar-riforma huwa li tittejjeb l-edukazzjoni ġenerali biex jitnaqqsu d-differenzi fil-kisbiet fost l-istudenti. Ir-riformi għandhom ikunu akkumpanjati minn seba' sottomiżuri: 1. It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni 2. Riorganizzazzjoni tan-network tal-iskola 3. Il-programm għall-iskejjel tal-Millennju, 4. It-tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema, id-deputati u l-maniġers, 5. L-iżvilupp tal-ekosistema STEAM 6.Trasformazzjoni tal-edukazzjoni diġitali 7. It-titjib tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

D.1.1.1 Sottomiżura 1: It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni

L-għan tas-sottomiżura huwa li tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni. Il-kontenut tal-programmi qafas tal-edukazzjoni ta' qabel il-primarja, primarja u sekondarja għandu jiġi aġġornat sat-30 ta' Settembru 2022 biex jitqiesu l-aħħar għarfien xjentifiku, u l-iżviluppi. L-indikaturi minimi għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-edukazzjoni skolastika għandhom jiġu adottati u l-proċedura għall-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-evalwazzjoni esterna ta' skejjel li jwettqu programmi ta' edukazzjoni skolastika għandha tiġi emendata sat-30 ta' Ġunju 2022 bil-ħsieb li jinkisbu riżultati aħjar, inklużjoni u effiċjenza akbar u jitnaqqsu d-distakki fil-kisbiet fost l-istudenti. Għandha tiġi stabbilita l-proċedura għall-organizzazzjoni u t-twettiq tal-evalwazzjoni esterna tal-attivitajiet tal-iskejjel tal-edukazzjoni ġenerali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

D1.1.2. Sottomiżura 2: Riorganizzazzjoni TAN-NETWORK TAL-ISKEJJEL

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li jemenda r-regoli dwar il-ħolqien tan-network tal-iskejjel li joffru programmi tal-edukazzjoni formali, bil-għan li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġodda għall-muniċipalitajiet rigward id-daqs tal-iskola, ir-regoli għall-klassijiet magħqudin u proċeduri ta' riorganizzazzjoni u rekwiżiti ta' finanzjament oħrajn. Il-kriterji għandhom jinkludu l-eliminazzjoni tal-possibbiltà li jiġu amalgamati l-gradi 5–8 u rekwiżit li jiġu organizzati mill-ġdid l-iskejjel tal-istat b' 60 student jew inqas. Ir-regoli l-ġodda għandhom iwasslu għal tnaqqis fl-għadd ta' klassijiet magħquda; l-għadd ta' liċej żgħar u l-għadd ta' skejjel żgħar (b'inqas minn 200 alliev).
Is-sottomiżura titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

D.1.1.3: Sottomiżura 3: Programm tal-iskejjel tal-millenju

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li tirriorganizza u ttejjeb l-infrastruttura skolastika u tiżgura opportunitajiet ta' edukazzjoni ugwali għat-tfal Litwani, irrispettivament minn fejn jgħixu u mill-isfond soċjoekonomiku tagħhom. Programm ta' progress għall- "Iskejjel tal-Millennju" għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-muniċipalitajiet li jfittxu appoġġ għall-attivitajiet tal-iskejjel, it-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp tal-infrastruttura. Huwa għandu jappoġġa l-muniċipalitajiet biex jikkonsolidaw ir-riżorsi edukattivi u jsaħħu l-iskejjel eżistenti bil-ħsieb li tinħoloq ekosistema edukattiva inklużiva fl-iskejjel u li jiġu introdotti organizzazzjoni u ġestjoni tal-edukazzjoni bbażati fuq in-network. Il-programm għandu jiġi implimentat fil-livell muniċipali. Il-muniċipalitajiet għandhom japplikaw għall-parteċipazzjoni fil-programm fuq il-bażi ta' kriterji ċari. Diversi muniċipalitajiet għandhom ukoll ikunu jistgħu japplikaw flimkien biex jippromwovu n-networking tal-iskejjel lil hinn mit-territorju ta' muniċipalità waħda, b'konnessjoni ma' entitajiet akbar, bliet tal-iskola. Il-pjanijiet għar-ristrutturar tal-iskejjel għandhom jiġu approvati mill-muniċipalitajiet sat-30 ta' April ta' kull sena. Il-programm għandu jkollu l-għan ukoll li jżid il-motivazzjoni tal-għalliema, u l-attrazzjoni tal-professjoni billi jappoġġa lill-għalliema biex itejbu l-kompetenzi tagħhom u jiksbu kwalifiki ogħla. Mill-inqas 80 % tal-muniċipalitajiet Litwani għandhom jimplimentaw il-programm "Skejjel tal-Millennju", li jappoġġa 150 skola. Il-miżura għandha tittrasforma l-iskejjel iż-żgħar f'unitajiet jew unitajiet fi skejjel akbar, li għandhom itejbu l-ambjent tat-tagħlim għall-istudenti, itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-għalliema, jikkonsolidaw ir-riżorsi tat-tagħlim u tal-apprendiment u jagħmlu użu aktar effiċjenti mir-riżorsi tat-tagħlim.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.1.1.4: Sottomiżura 4: Tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema, tad-deputati u l-maniġers

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li tappoġġa lill-għalliema, id-deputati u l-mexxejja tal-iskejjel fit-tisħiħ tal-kompetenzi tagħhom billi torbot is-sistemi tal-kwalifiki u tat-taħriġ tal-għalliema. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-programmi nazzjonali għall-iżvilupp tal-kwalifiki għall-għalliema, għandhom jiġu żviluppati rekwiżiti għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programmi Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Kwalifiki sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-flessibbiltà tas-sistemi ta' taħriġ u taħriġ tal-għalliema għandha tiżdied bil-possibbiltà li jinkisbu krediti għall-kisba ta' kwalifiki ogħla, inkluż il-grad ta' masters, permezz tar-rikonoxximent ta' kompetenzi miksuba b'mod informali u

billi jiġi studjat modulu tal-istudji tas-suġġetti. L-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' żvilupp professjonali għandha tiġi mmonitorjata wkoll.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

D.1.1.5Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

D.1.2. Riforma 2 "Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-adulti": Sottomiżura 5: Żvilupp tal-ekosistema STEAM

L-għan tas-sottomiżura huwa li jsir investiment fit-tiġdid tat-tagħmir taċ-ċentri STEAM biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM), minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi li qed jinbidlu malajr. Sabiex l-attivitajiet STEAM isiru aktar aċċessibbli għall-istudenti f'żoni rurali, għandhom jiġu stabbiliti laboratorji mobbli fiċ-ċentri STEAM.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.1.1.6: Sottomiżura 6: It-trasformazzjoni tal-Edukazzjoni Diġitali

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li trawwem l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet edukattivi mmexxija diġitalment fl-iskejjel u li ssaħħaħ il-kompetenzi diġitali tal-għalliema kollha. Tim ta' esperti u proġett umbrella EdTech għandhom jiġu stabbiliti biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-innovazzjoni diġitali fl-edukazzjoni u biex joħolqu pjattaforma biex tittestja l-innovazzjoni fl-istituzzjonijiet edukattivi. Il-pjattaforma EdTech għandha tgħaqqad in-negozji ġodda u l-innovaturi mal-iskejjel u l-ħtiġijiet ta' taħriġ tagħhom u tippermetti l-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi. Il-kompetenzi diġitali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, mill-għalliema ta' qabel il-primarja sal-għalliema tal-edukazzjoni għolja għandhom jittejbu wkoll, u biex jiġi promoss l-użu ta' kontenut diġitali u għodod teknoloġiċi fil-proċess edukattiv biex jitjiebu l-eżiti edukattivi.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

D.1.1.7: Sottomiżura 7: Titjib tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal

Is-sottomiżura timmira li ttejjeb l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal permezz ta' rieżami tal-kriterji għall-kurrikuli biex ikun żgurat li l-kontenut huwa aġġornat, b'rispons għall-aħħar għarfien xjentifiku dwar il-karatteristiċi tat-tfal li jkunu għadhom ma bdewx l-iskola, l-identifikazzjoni tal-abbiltajiet u l-preferenzi jew il-ħtiġijiet tagħhom, u l-għoti ta' edukazzjoni bbażata fuq l-iżvilupp individwali tat-tfal. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-edukazzjoni preprimarja, għandha tiġi stabbilita wkoll sistema għal evalwazzjoni esterna tal-prestazzjoni tal-iskejjel li jimplimentaw programmi ta' edukazzjoni preprimarja. Barra minn hekk, għandu jsir studju sat-30 ta' Ġunju 2022 biex jiġu mmappjati l-ħtiġijiet tal-infrastruttura għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jkollhom aċċess ugwali għalih fit-territorju kollu.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

D.1.2. Riforma 2 "Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-adulti"

L-għan tal-miżura huwa li jiġi stabbilit mudell unifikat għall-funzjonament u l-governanza tal-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja (LLL). L-informazzjoni kollha għandha tkun disponibbli f'sistema waħda tal-

IT. Is-sistema għandu jkun fiha biss programmi li jissodisfaw l-istandard ta' kwalità applikabbli u għandu jkun fiha mekkaniżmu biex jiġu identifikati programmi għall-kisba ta' kompetenzi ta' valur miżjud għoli. Hija għandha tiżgura li programmi ta' edukazzjoni għolja jiġu offruti wkoll fil-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja, li għandu jippermetti wkoll lil persuni b'ħiliet għolja jipparteċipaw fi programmi ta' żvilupp tal-kompetenzi. Il-governanza tas-sistema LLL għandha titwettaq permezz tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Monitoraġġ tar-Riżorsi Umani. Fuq il-bażi tas-sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tar-riżorsi umani, għandhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar gruppi ta' persuni prijoritarji b'aċċess għal finanzjament għat-taħriġ, kif ukoll dwar programmi/assi prijoritarji li għandhom jiġu indirizzati. Il-leġiżlazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2022.

Il-mudell ta' punt uniku ta' servizz għat-tagħlim tul il-ħajja għandu jikkonsolida qafas frammentat għall-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti, bi rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-atturi kollha u l-mekkaniżmi ta' finanzjament operazzjonali. Peress li bħalissa m'hemm l-ebda sistema elettronika unika fil-pajjiż fejn l-individwi jistgħu jsibu informazzjoni dwar opportunitajiet ta' tagħlim/żvilupp tal-kapaċità, l-għan huwa li jinħoloq one-stop-shop elettroniku għall-informazzjoni. L-iżvilupp tas-sistema elettronika għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' "kont ta' tagħlim individwali" u għandu jippermetti mhux biss li tinstab informazzjoni dwar opportunitajiet ta' tagħlim, iżda wkoll li ssir reġistrazzjoni diretta fil-programmi, u li tiġi pprovduta għodda ta' komunikazzjoni ċara dwar il-miżuri proposti mill-Istat għall-iżvilupp tal-kompetenzi. Din is-sistema elettronika one-stop-shop għandha tkun integrata wkoll ma' sistemi elettroniċi oħra, bħall-Pjattaforma tal-Impjiegi. Is-sistema ta' tagħlim tul il-ħajja one-stop shop għandha tkun operazzjonali għalkollox sal-31 ta' Marzu 2023.

L-iżvilupp tal-kompetenzi għandu jiffoka fuq il-grupp fil-mira ta' persuni impjegati (18–65) bi prijorità għal dawk b'ħiliet baxxi u appoġġ/amministrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' "kontijiet ta' tagħlim individwali", li jinkludu kemm is-servizz tal-IT għall-aċċess għat-taħriġ, kif ukoll il-finanzjament tat-tagħlim għall-adulti. Mill-inqas 21.6 elf persuna huma mistennija li jiġu appoġġati biex itejbu — fost l-oħrajn — il-ħiliet diġitali tagħhom.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.1.3. Riforma 3 "Sistema ta' gwida vokazzjonali biex tibbilanċja l-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol"

L-għan tal-miżura huwa li tistabbilixxi żvilupp tal-karriera u sistema ta' gwida għall-karriera li għandha tibda minn età bikrija (mill-grad 1). Sistema ta' konsulenza u ppjanar għall-karriera għandha tgħin lill-istudenti jidentifikaw oqsma ta' interess u jiddeċiedu dwar perkorsi tal-karriera possibbli f'età bikrija. It-tfal għandhom jiksbu għarfien tal-kompetenzi miksuba fl-istituzzjonijiet edukattivi biex jitgħallmu dwar it-tranżizzjoni bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni. L-iskejjel u l-muniċipalitajiet għandhom isiru responsabbli għall-karrieri edukattivi u l-ippjanar tal-karrieri skont il-qafas legali emendat. Is-servizzi ta' gwida għall-karriera fl-iskejjel għandhom jiġu pprovduti minn professjonisti fil-karriera. Wieħed mill-elementi ewlenin tas-sistema huwa l-għoti ta' informazzjoni ta' kwalità dwar aktar tagħlim jew opportunitajiet ta' karriera. Din l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq *data* mis-Sistema Nazzjonali ta' Monitoraġġ tar-Riżorsi Umani. Il-gwida għall-karriera għandha wkoll issir parti integrali mis-sistema ta' tagħlim tul il-ħajja, biex il-persuni bi kwalifiki u/jew esperjenza professjonali jkunu jistgħu jirċievu gwida għall-karriera, u din għandha tiġi pprovduta mhux biss permezz tas-sistema ta' informazzjoni tat-tagħlim

tul il-ħajja imma anki permezz tan-network ta' ċentri tal-karrieri reġjonali. Il-leġiżlazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022. Mill-inqas 380 speċjalist tal-karrieri għandhom jipprovdu servizzi ta' gwida għall-karriera fl-iskejjel.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

D.1.4. Ir-riforma 4 "Kompetenzi għat-Trasformazzjoni Ekoloġika u Diġitali Miksuba fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali"

Ir-riforma għandha tkun akkumpanjata minn sitt sottomiżuri: 1. L-istabbiliment tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-progress tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali 2. Valutazzjoni tal-kompetenzi 3. It-titjib tal-ħiliet tal-għalliema li jħarrġu lill-apprendisti 4. Apprendistat u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol 5. Programm ta' Mobilità 6. Aktar opportunitajiet biex wieħed jikseb professjoni għall-istudenti tal-iskola

D.1.4.1: Sottomiżura 1: Pjattaforma Nazzjonali għall-progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali

L-għan tas-sottomiżura huwa li tiġi stabbilita Pjattaforma Nazzjonali għall-Progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali li jirrappreżentaw l-interessi tan-negozju, l-industrija, il-komunità edukattiva u l-awtoritajiet pubbliċi. Il-pjattaforma għandha tiddeċiedi dwar l-objettivi għall-governanza tat-taħriġ vokazzjonali, l-implimentazzjoni prattika tal-konsolidazzjoni tan-network ta' taħriġ eżistenti, l-aġġornament ta' standards professjonali ġodda, it-taħriġ vokazzjonali u l-programmi ta' edukazzjoni mhux formali għall-adulti u dwar it-taħriġ, il-motivazzjoni u t-titjib tal-ħiliet tal-ħarrieġa. Għandha tingħata prijorità lit-titjib tal-kompetenzi diġitali u tekniċi tal-ħarrieġa u l-ħarrieġa ewlenin li għandhom ikunu involuti fil-mobilità nazzjonali u t-taħriġ vokazzjonali tal-apprendisti. L-għajnuna għat-titjib tal-ħiliet għandha tkun disponibbli wkoll għat-trainees mingħajr l-esperjenza ta' xogħol rilevanti fis-suġġett lil se jiġi mgħallem u lit-trainees f'intrapriżi żgħar u medji mingħajr kwalifiki pedagoġiċi. Iċ-ċertifikazzjoni ta' min iħarreġ għandha tiġi aġġornata.

L-istabbiliment tal-pjattaforma għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Marzu 2022. It-titjib tal-kompetenzi ta' min iħarreġ għandu jkun lest sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.1.4.2: Sottomiżura 2: Valutazzjoni tal-kompetenzi

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li ttejjeb ir-rikonoxximent tal-kompetenzi miksuba f'kuntesti formali u mhux formali. Għal dan il-għan, l-emendi għal-Liġi dwar it-Taħriġ Vokazzjonali u għal-leġiżlazzjoni implimentattiva għandhom jiġu mfittxija biex jinnominaw 18 ċentru ta' valutazzjoni tal-kompetenza, li eventwalment għandhom isiru ċentri metodoloġiċi fil-qasam tal-edukazzjoni biex jiġbru l-għarfien permezz ta' networking ma' ċentri ta' taħriġ settorjali fl-istess qasam.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

D.1.4.3: Sottomiżura 3: Apprendistat u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol

L-għan tas-sottomiżura huwa li tiġi żviluppata u implimentata skema li tikkomplementa l-appoġġ mill-Istat għall-apprendistati u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, li tiffaċilita l-akkwist ta' ħiliet prattiċi fil-kumpaniji mill-istudenti. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali għall-promozzjoni

tat-taħriġ vokazzjonali fil-forma ta' apprendistati f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li għandu jkollhom l-għan li jimmiraw sa 70 % tal-apprendisti kollha appoġġati u mill-inqas 40 % tal-programmi fil-forma ta' apprendistati għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.1.4.4: Sottomiżura 4: Programm ta' mobilità

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li ssaħħaħ u tespandi l-Programm ta' Mobbiltà Nazzjonali biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha tal-VET ikollhom aċċess għal ħiliet prattiċi permezz ta' ċentri ta' taħriġ prattiku settorjali bl-użu ta' faċilitajiet aġġornati. L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha twassal għal żieda fin-numru ta' gradwati ta' taħriġ vokazzjonali li jkunu daħlu f'impjieg bi kwalifiki rilevanti miksuba.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.1.4.5. Sottomiżura 5: Aktar opportunitajiet biex wieħed jikseb professjoni għall-istudenti tal-iskola

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li jiġi żgurat li l-istudenti tal-iskola minn programmi ta' edukazzjoni ġenerali jirreġistraw f'moduli pprovduti bħala parti mill-VET inizjali. Din għandha tgħin biex iżżid l-attraenza u l-kwalità tal-VET inizjali u tipprovdi ħiliet fis-suq tax-xogħol għall-istudenti tal-edukazzjoni ġenerali. Mira oħra għandha tkun li tonqos l-età ta' dħul fi programmi inizjali tal-VET, li bħalissa jibda fil-11-il sena tal-iskola. Permezz tal-miżura, l-istudenti għandu jkollhom l-opportunità li jirreġistraw fil-VET inizjali, allinjat mal-liġi ġdida dwar il-VET, fid-disa' sena tagħhom ta' skola.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
91	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.1: It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-metodoloġija tal-proċedura għall-evalwazzjoni esterna tal-kwalità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet edukattivi li jimplimentaw programmi ta' edukazzjoni skolastika	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-metodoloġija li għandha - jipprovdu lill-indikaturi tal-prestazzjoni tal-iskejjel l-organizzazzjoni tal-proċessi edukattivi, l-appoġġ għall-istudenti, il-ġestjoni u t-tmexxija, l-ambjent tal-iskola, - jistabbilixxu l-proċeduri ta' awtovalutazzjoni u evalwazzjoni esterna tal-iskola; - jawtorizza l-Aġenzija Nazzjonali għall-Edukazzjoni biex twettaq l-evalwazzjoni esterna taċ-ċentri għall-indukrar tat-tfal u tal-iskejjel; - l-istabbiliment tal-obbligi għall-iskejjel biex itejbu l-attivitajiet skolastiċi tagħhom fuq il-bażi tad-*data* pprovduta fl-evalwazzjoni esterna.
92	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-programmi riveduti ta' edukazzjoni qabel il-primarja, primarja, sekondarja baxxa u	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-programmi ta' edukazzjoni (kurrikulu) preprimarja, primarja, sekondarja u sekondarja (kurrikulu), li huma d-dokumenti li jirregolaw il-kontenut tal-livell nazzjonali. Sabiex jittieħed kont tal-għarfien xjentifiku l-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	bażiċi D.1.1.1: It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni		sekondarja (kurrikulu)							aktar reċenti, u l-iżviluppi, il-programmi edukattivi (kurrikulu) għandhom jiġu riveduti. Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-kurrikulu li għandu jkopri — l-għanijiet tal-edukazzjoni ta' qabel il-primarja, tal-edukazzjoni primarja, tal-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell u tal-edukazzjoni sekondarja, il-kontenut — il-livelli ta' kisba ta' riżultati ta' tagħlim.
93	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.2. Riorganizzazzjoni TAN-NETWORK TAL-ISKEJJEL	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regoli dwar l-Istabbiliment ta' network ta' skejjel li jmexxu programmi edukattivi formali	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi tar-Regoli għall-Istabbiliment ta' Network ta' Skejjel Li Jipprovdu Programmi tal-Edukazzjoni Formali, li għandu jistabbilixxi rekwiżiti ġodda għall-muniċipalitajiet dwar id-daqs tal-iskola, ir-regoli għall-klassijiet magħquda u proċeduri ta' riorganizzazzjoni u rekwiżiti ta' finanzjament oħrajn: klassijiet li huma iżgħar minn dawk speċifikati fir-regoli ma jiġux finanzjati. Il-kriterji għandhom jinkludu l-eliminazzjoni tal-possibbiltà li jiġu amalgamati l-gradi 5–8 u rekwiżit li jiġu organizzati mill-ġdid l-iskejjel tal-istat b' 60 student jew inqas. Ir-regoli l-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										ġodda għandhom iwasslu għal tnaqqis fl-għadd ta' klassijiet magħquda; l-għadd ta' liċej żgħar u l-għadd ta' skejjel żgħar (b'inqas minn 200 alliev).
94	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.2. Riorganizzazzjoni TAN-NETWORK TAL-ISKEJJEL	Ewlieni	Pjanijiet għat-trasformazzjoni tan-network ta' skejjel tal-edukazzjoni ġenerali mħejjija u approvati mill-muniċipalitajiet skont ir-regoli li għadhom kif ġew approvati għall-iżvilupp tan-network tal-iskejjel li jimplimentaw programmi edukattivi formali	Deċiżjoni tal-muniċipalitajiet li tapprova l-pjanijiet mill-muniċipalitajiet				Q2	2022	Il-pjanijiet ta' trasformazzjoni muniċipali ta' 5 snin għandhom ikopru t-trasformazzjoni tan-network tal-iskejjel, b'mod partikolari l-għan strateġiku, l-objettivi, il-prijoritajiet, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mat-tnaqqis tal-esklużjoni soċjali, il-kwalità tal-edukazzjoni u/jew it-titjib tal-kisbiet edukattivi tal-istudenti, użu aktar effiċjenti tal-fondi, evalwazzjoni tat-trasformazzjoni tan-network tal-iskejjel, kif ukoll mekkaniżmu għall-istabbiliment, ir-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni tal-iskejjel. Il-pjanijiet ta' 5 snin għandhom jitħejjew mill-amministrazzjoni muniċipali u jiġu approvati mill-kunsill muniċipali. Id-deċiżjonijiet tal-kunsilli muniċipali għandhom jiġu ssorveljati minn rappreżentant tal-Gvern. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għandha tiġi

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										mmonitorjata mid-Dipartiment tal-Kwalità tal-Edukazzjoni u l-Politika Reġjonali tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza. Id-deċiżjonijiet dwar ir-ristrutturar tal-iskejjel għandhom jittieħdu sat-30 ta' April ta' kull sena. Mill-inqas 80 % tal-muniċipalitajiet għandhom iħejju u jadottaw pjanijiet għat-trasformazzjoni. Mill-inqas 80 % tal-muniċipalitajiet għandhom iħejju u jadottaw pjanijiet għa-trasformazzjoni tan-network tagħhom tal-iskejjel sal-2025 u inkluż, f'konformità mar-regoli rilevanti
95	D.1.1.Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.3: Programm tal-iskejjel tal-millenju	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-Programm ta' Progress tal-Iskejjel tal-Millennju	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-Programm ta' Progress tal-Iskejjel tal-Millennju, li għandu jinkludi dan li ġej: 1) il-listi tal-indikaturi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-edukazzjoni tal-muniċipalitajiet u l-iskejjel (għandhom jiġu approvati skont l-ordni tal-Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport) 2) Emendi tar-regoli dwar l-iżvilupp tan-network tal-iskejjel (approvati bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja)

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										3) programm ta' Progress tal-Iskejjel tal-Millennju (approvat bl-ordni tal-Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport); 4) rekwiżiti għas-sejħiet għall-muniċipalitajiet (il-miri, l-indikaturi, il-pakketti ta' appoġġ għall-muniċipalitajiet u l-iskejjel 5) mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-applikanti muniċipali għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-għażla meħtieġa: 1. jistgħu jitolbu: 1.1. muniċipalità b'mill-inqas 1 000 student f'edukazzjoni ta' qabel il-primarja, primarja, bażika u sekondarja; 1.2. żewġ muniċipalitajiet kontigwi (territorjalment kontigwi) jew aktar li jikkorrispondu għall-kriterji 1.; 1.3. żewġ muniċipalitajiet jew aktar biswit (territorjalment biswit), meta waħda minnhom ma tikkonformax mal-kriterju 1.1. 2. Prerekwiżiti: 2.1. ġiet żviluppata viżjoni għall-iżvilupp ta' network ta' skejjel tal-millenju progressivi: għandhom jiġu identifikati investimenti u innovazzjonijiet ippjanati, li għandhom jilħqu l-istandard ta' kwalità tal-iskejjel tal-millenju,

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										isaħħu l-espressjoni tal-karatteristiċi ta' skola tajba, jimplimentaw l-impenji skont l-indikaturi tal-progress; 2.2. il-pjan ġenerali għar-riorganizzazzjoni tan-network tal-iskejjel tal-edukazzjoni ġenerali għall-perjodu 2021–2025 approvat mill-kunsill muniċipali, li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-regoli għall-iżvilupp tan-network tal-iskejjel li jimplimentaw programmi tal-edukazzjoni formali (eż. l-ebda klassijiet magħquda fis-snin 5–8; fis-snin 1–4 jistgħu jiġu kkombinati biss il-klassijiet 1 u 2 jew 3 u 4 li huma wara xulxin.); 2.3. il-lista ta' skejjel li jiffurmaw in-network "Skejjel tal-Millennju" fil-muniċipalità u li jissodisfaw il-kriterji tal-punt 3 approvati mill-kunsill muniċipali; 3. Kriterji għall-iskejjel (ma japplikawx għall-iskejjel ippjanati li jiġu stabbiliti): 3.1. l-iskola ma torganizzax l-għażla ta' studenti matul l-ammissjoni; 3.2. għadd ta' studenti fl-1 ta' Settembru tal-sena skolastika attwali. Hemm mill-inqas 200 student. L-implimentazzjoni tal-programm għandha tiġi

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										mmonitorjata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport (ġie stabbilit grupp ta' monitoraġġ).
96	Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.3: Programm tal-iskejjel tal-millenju	Mira	Għadd ta' skejjel appoġġati biex itejbu l-kwalità tal-attivitajiet		Għadd	0	75	Q2	2025	75 skola appoġġati biex itejbu l-kwalità tal-attivitajiet permezz ta' pakketti ta' appoġġ (l-hekk imsejħa basktijiet) li jippromwovu n-networking tal-iskejjel, b'konnessjoni ma' entitajiet akbar, bliet tal-iskola. Matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, l-investimenti għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw u jtejbu t-titjib tal-infrastruttura tal-iskejjel tal-kompetenzi tal-għalliema u tal-mexxej tal-iskejjel permezz tat-taħriġ. Il-pakketti ta' investiment għandhom jitqassmu skont id-daqs tal-iskejjel (6 daqsijiet differenti).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
97	D.1.1.Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.3: Programm tal-iskejjel tal-millenju	Mira	Għadd ta' skejjel appoġġati biex itejbu l-kwalità tal-attivitajiet		Għadd	75	150	Q2	2026	150 skola appoġġati biex itejbu l-kwalità tal-attivitajiet permezz ta' pakketti ta' appoġġ (l-hekk imsejħa basktijiet) li jippromwovu n-networking tal-iskejjel, b'konnessjoni ma' entitajiet akbar, bliet tal-iskola. Matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, l-investimenti għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw u jtejbu t-titjib tal-infrastruttura tal-iskejjel tal-kompetenzi tal-għalliema u tal-mexxej tal-iskejjel permezz tat-taħriġ. Il-pakketti ta' investiment għandhom jitqassmu skont id-daqs tal-iskejjel (6 daqsijiet differenti).
98	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.4: Tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema, tad-deputati u l-maniġers	Mira	L-għadd ta' għalliema li lestew programmi ta' żvilupp ta' kwalifiki		Għadd	0	10200	Q2	2026	Wara l-adozzjoni ta' programm nazzjonali għall-iżvilupp tal-kwalifiki, 10200 persunal pedagoġiku (għalliema) għandhom ikunu lestew programm ta' żvilupp tal-kwalifiki, li minnhom: — 1000 lestew lawrji ta' Masters — 9200 lesta kors ta' taħriġ

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
99	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.4: Tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema, tad-deputati u l-maniġers	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi rekwiżiti kwalitattivi għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għall-iżvilupp tal-kwalifiki għall-għalliema	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżiti kwalitattivi għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' żvilupp tal-kwalifiki tal-impjegati pedagoġiċi li għandhom jiġu żviluppati u vvalidati. Huma għandhom jistabbilixxu l-kontenut, is-suġġetti, il-forom ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti għall-forniturі tal-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' żvilupp tal-kwalifiki għall-għalliema. Att legali analogu eżistenti: https://e-seimas.lrs.lt/portal/legalAct/lt/TAD/2b04be025d4011e688d29c6e5ef0deee?jfwid=rivwzvpvg
100	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.5: Is-sottomiżura	Mira	Għadd ta' ċentri STEAM imtejba		Għadd	0	10	Q2	2026	Fuq il-bażi tal-kunċett tal-iżvilupp tal-ekosistema STEAM, it-tagħmir tal-laboratorju ta' 10-il ċentru STEAM għandu jiġi modernizzat

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023. D.1.2. Riforma 2 "Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-adulti" Żvilupp tal-ekosistema STEAM									
101	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.5: Is-sottomiżura	Mira	Għadd ta' laboratorji mobbli	Dħul fis-servizz ta' mill-inqas 40 laboratorji mobbli	Għadd		40	Q2	2026	10 ċentri STEAM għandhom jiġu pprovduti b'mill-inqas 40 laboratorju mobbli. Dawn il-laboratorji mobbli għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-funzjonament reġjonali taċ-ċentri STEAM, u jitqarrbu lejn l-istudenti.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023. D.1.2. Riforma 2 "Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-adulti" l-ekosistema STEAM									
102	D.1.1.Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.6: It-trasformazzjoni tal-Edukazzjoni Diġitali	Mira	Għadd ta' għalliema li lestew il-kors għal titjib fil-kompetenzi diġitali		Għadd	0	2200	Q4	2024	Mill-inqas 2200 membru tal-persunal pedagoġiku (skejjel preprimarji, primarji, sekondarji inferjuri u superjuri) għandhom ilestu l-kors dwar il-kompetenzi tal-IT u l-innovazzjoni edukattiva mmexxija diġitalment fl-iskejjel.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
103	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.6: It-trasformazzjoni tal-Edukazzjoni Diġitali	Mira	L-għadd ta' għalliema tal-edukazzjoni għolja li lestew il-kors biex itejbu l-kompetenzi diġitali		Għadd	0	800	Q2	2024	Mill-inqas 800 membru tal-persunal universitarju għandhom ikunu lestew il-kors dwar il-kompetenzi tal-IT.
104	D.1.1.Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.6: It-trasformazzjoni tal-Edukazzjoni	Mira	Għadd ta' għalliema kkwalifikati bħala għalliema tal-IT u lawrja ta' Master's fl-IT miksuba		Għadd	0	500	Q2	2024	Mill-inqas 500 persuna mill-istaff pedagoġiku għandhom ikunu kisbu kwalifika addizzjonali bħala għalliem tal-IT u għandhom ikunu kisbu grad ta' master's fl-IT.

Nru	Mižura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Diġitali									
105	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.7: Titjib tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal	Ewlieni	Studju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' infrastruttura tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal fil-muniċipalitajiet	Pubblikazzjoni tal-istudju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' infrastruttura għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal fil-muniċipalitajiet				Q2	2022	Il-pubblikazzjoni tal-istudju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal fil-muniċipalitajiet. L-istudju għandu jkopri kemm il-modernizzazzjoni tal-istruttura eżistenti kif ukoll l-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida (bħat-trasport), bil-provvista ta' kundizzjonijiet tal-edukazzjoni bikrija għat-tfal kollha mit-twelid sal-età obbligatorja għall-iskola. L-istudju għandu jipprovdi bażi għad-deċiżjonijiet ulterjuri tal-gvern dwar il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u dwar il-ħolqien ta' infrastruttura ġdida fil-muniċipalitajiet.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
106	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.7: Titjib tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-kriterji (linji gwida) għall-kurrikulu tal-edukazzjoni ta' qabel l-iskola	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q3	2023	It-tfassil tal-kurrikulu ta' qabel l-iskola huwa deċentralizzat u jrid jiġi żviluppat skont il-kriterji (il-linji gwida) għall-kurrikulu tal-edukazzjoni preprimarja approvati mill-Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport. Id-dħul fis-seħħ tal-kriterji (linji gwida) aġġornati għall-kurrikulu tal-edukazzjoni preprimarja għandu jiddetermina l-kompetenzi li jridu jinkisbu mit-tfal qabel l-età obbligatorja għall-iskola; iqis l-aħħar għarfien xjentifiku dwar l-edukazzjoni tat-tfal tal-età xierqa; jinkoraġġixxi l-qari fost it-tfal (l-iżvilupp ta' kultura tal-qari ta' kotba).
107	D.1.2. Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-adulti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti li tistabbilixxi mudell koordinat ta' sistema ta' tagħlim tul il-ħajja (LLL) u li tistabbilixxi l-prinċipji għall-funzjonament	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				Q3	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-mudell tat-Tagħlim Tul il-Ħajja (LLL) li għandu jkun minqux fil-leġiżlazzjoni u l-emendi għal-Liġi dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti jidħol fis-seħħ, li jħaddan il-funzjonament tal-mudell LLL: L-elementi ta' governanza u monitoraġġ tas-sistema tat-tagħlim tul il-ħajja, inkluż: — il-Kummissjoni għall-Monitoraġġ tar-Riżorsi Umani u l-funzjonijiet tagħha,

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										grupp ta' ħidma permanenti fil-livell tekniku dwar il-koordinazzjoni ġenerali tal-attivitajiet imwettqa mill-ministeri, — il-prinċipji tas-sistema tal-IT LLL (fuq il-bażi tal-mudell tal-kontijiet ta' tagħlim individwali), l-elementi ta' finanzjament, — il-prinċipji għall-identifikazzjoni ta' gruppi u programmi mmirati, — il-mekkaniżmu għall-identifikazzjoni ta' kompetenzi ta' valur miżjud għoli, l-assigurazzjoni tal-kwalità u — l-elementi tas-sistema għar-rikonoxximent tal-kompetenzi.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
108	D 1.2. Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-adulti	Ewlieni	Dħul fis-servizz tas-sistema ta' informazzjoni one-stop-shop għat-tagħlim tul il-ħajja	Dħul fis-servizz ta' sistema ta' informazzjoni ta' punt uniku ta' servizz għat-tagħlim tul il-ħajja (lifelong learning, LLL) li topera fuq il-prinċipju tal-"Kont ta' Tagħlim Individwali"				Q1	2023	Il-bidu tas-sistema tal-IT tat-tagħlim tul il-ħajja li għandha tkun operazzjonali għalkollox u għandha tirrappreżenta l-offerti ta' tagħlim kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja, inklużi l-programmi b'valur miżjud għoli. Persuni li jissodisfaw il-kriterji ta' prijorità definiti matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-iskema għandhom ikunu jistgħu jirċievu offerta ta' tagħlim u jirreġistraw permezz tas-sistema tal-IT LLL. L-approċċ tal-kont tat-tagħlim individwali għandu jinkludi kemm is-servizz tal-IT għall-aċċess għat-taħriġ, kif ukoll il-finanzjament tat-tagħlim għall-adulti. Is-sistema għandha tipprovdi aċċess għal gwida dwar il-karriera, tiġbor informazzjoni dwar kompetenzi miksuba matul it-taħriġ, kif ukoll aċċess għal proċessi għar-rikonoxximent ta' kompetenzi/kwalifiki.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
109	D.1.2. Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-adulti	Mira	Persuni ta' bejn it-18 u l-65 sena għandhom ilestu taħriġ ta' kwalità assigurata, li mill-inqas 40 fil-mija minnu jkun iddedikat għall-ħiliet diġitali bl-użu ta' qafas unifikat għat-tagħlim tul il-ħajja		Għadd	0	21600	Q2	2026	21 600 persuna, ta' età bejn it-18 u l-65 sena għandhom ikunu lestew taħriġ ta' kwalità żgurat (li mill-inqas 40 % minnu jkun iddedikat għall-ħiliet diġitali) fil-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja.
110	D.1.3. Sistema ta' gwida vokazzjonali biex tibbilanċja l-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern dwar il-proċeduri li jirregolaw is-sistema tal-gwida vokazzjonali (gwida għall-karriera)	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern dwar il-proċeduri tal-gwida vokazzjonali (gwida għall-karriera) li għandha tistipula - il-qafas u l-ġestjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-sistema ta' konsulenza dwar il-karrieri u l-ippjanar tul il-ħajja, li tibda mill-iskola primarja u l-għoti ta' servizzi lill-adulti li huma pprovduti integrati mas-sistema ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (LLL), kif ukoll - li jistabbilixxi l-funzjonijiet u r-rekwiżiti bażiċi tal-kompetenzi tal-professjonisti tal-karrieri fl-iskejjel, il-mudell ta' finanzjament għas-servizzi pprovduti lill-istudenti u lill-adulti, l-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										ambitu tal-istituzzjonijiet involuti u l-involviment tas-sħab soċjali - l-istabbiliment ta' standard bażiku tal-użu tal-informazzjoni tas-Sistema Nazzjonali ta' Monitoraġġ tar-Riżorsi Umani u l-istabbiliment tal-prinċipji tal-monitoraġġ tas-sistema ta' Gwida Vokazzjonali (gwida tal-karriera).
111	D.1.3. Sistema ta' gwida vokazzjonali biex tibbilanċja l-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol	Mira	Għadd ta' speċjalisti fil-karriera li jipprovdu servizzi fl-iskejjel		Għadd	80	380	Q4	2024	Is-servizzi tal-gwida għall-karriera għandhom jiġu pprovduti fl-iskejjel minn tal-inqas 380 speċjalist tal-karriera.
112	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment tal-Pjattaforma Nazzjonali dwar il-Progress fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment tal-Pjattaforma dwar il-Progress fit-Taħriġ Vokazzjonali li għandha tiżgura mudell ta' taħriġ vokazzjonali fit-tul u sostenibbli f'kull reġjun, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Pjattaforma, ir-rwoli tal-atturi u l-involviment tas-sħab soċjali kkonċernati dwar il-kompetenzi meħtieġa mis-suq tax-xogħol.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	D.1.4.1 Pjattaforma Nazzjonali għall-progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali									Il-pjattaforma għandha tinkludi sħab soċjali li jirrappreżentaw l-interessi tan-negozju, l-industrija, il-komunità edukattiva u l-awtoritajiet pubbliċi. Fil-format tal-pjattaforma, għandhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar prinċipji oġġettivi għall-governanza tat-taħriġ vokazzjonali, dwar l-implimentazzjoni prattika tal-konsolidazzjoni tan-network ta' taħriġ vokazzjonali eżistenti, dwar l-aġġornament ta' standards professjonali ġodda, taħriġ vokazzjonali u programmi ta' edukazzjoni għall-adulti mhux formali, kif ukoll dwar it-taħriġ ta' min iħarreġ u l-iżvilupp professjonali.
113	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali	Mira	Programmi ta' taħriġ vokazzjonali ġodda/aġġornati rreġistrati biex jagħmluhom disponibbli għall-forniturі tat-taħriġ	Il-programmi ta' taħriġ irreġistrati	Għadd	0	95	Q2	2026	Total ta' 95 programm ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ġodda jew aġġornati mħejjija, approvati u rreġistrati, wara konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali. Dawn il-programmi għandhom jitfasslu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari b'appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	D.1.4.1 Pjattaforma Nazzjonali għall-progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali									
114	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.1 Pjattaforma Nazzjonali għall-progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ	Mira	Ħarrieġa u/jew kaptani involuti fit-taħriġ ta' apprendisti u trainees		Għadd	0	1000	Q2	2026	Total ta' 1000 ħarrieġ u kaptan involuti fit-tagħlim tal-apprendisti u t-trainees tejbu l-kompetenzi professjonali tagħhom billi lestew l-attivitajiet ta' żvilupp tal-kompetenzi. It-titjib tal-kompetenzi għandu jiffoka fuq il-kompetenzi diġitali u tekniċi.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Vokazzjonali									
115	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.2: Valutazzjoni tal-kompetenzi	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-liġi dwar it-Taħriġ Vokazzjonali dwar Ċentri ta' Eċċellenza fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-Liġi dwar it-Taħriġ Vokazzjonali li għandu jistabbilixxi s-setgħa tal-Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport li jaħtar fornituri ta' taħriġ vokazzjonali b'ċentri ta' taħriġ prattiku settorjali biex jimplimentaw il-valutazzjoni u r-rikonoxximent ta' kompetenzi miksuba formalment, mhux formalment jew informalment fil-livell tal-4 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki. L-atti legali ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni u l-proċedura ta' akkreditazzjoni għal tali Ċentri ta' Eċċellenza, kif ukoll metodoloġija unifikata għall-valutazzjoni tal-kompetenza li għandha tiġi applikata minn tali Ċentri.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
116	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.3: Apprendistat u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi skema ta' appoġġ għall-apprendistat u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	It-tħejjija, il-koordinazzjoni u l-approvazzjoni ta' abbozzi ta' digrieti tal-Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport li jistabbilixxu l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' appoġġ għall-apprendistati. Il-leġiżlazzjoni għandha tistabbilixxi, b'mod partikolari, il-kriterji, il-gruppi fil-mira, l-oqsma ta' fokus, il-forom ta' appoġġ ipprovduti, l-ispejjeż eliġibbli għall-apprendistati u t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
117	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.3: Apprendistat u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol	Mira	Apprendistati mitmuma		Għadd	0	3866	Q2	2026	3866 student tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu b'kollox kisbu kwalifika professjonali jew parti minnha bħala apprendisti f'intrapriżi, li minnhom 70 % f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u mill-inqas 40 % tal-programmi ta' apprendistat orjentati lejn l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali.
118	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ	Mira	Studenti li pparteċipaw fi skema ta' mobilità nazzjonali f'Ċentri ta' Taħriġ Prattiku Settorjali u li rċevew ċertifikat ta' titjib fil-ħiliet prattiċi u diġitali tagħhom		Għadd	0	12394	Q2	2026	12394 student fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwi li rċevew ċertifikat dwar it-titjib tal-ħiliet prattiċi tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, fiċ-Ċentru ta' Taħriġ Prattiku Settorjali. Mill-inqas 40 % tal-parteċipanti għandhom itejbu l-ħiliet diġitali

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	vokazzjonali D.1.4.4: Programm ta' mobilità		(mill-inqas 40 % tal-parteċipanti għandhom itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom)							tagħhom.
119	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.5. Aktar opportunitajiet biex wieħed jikseb professjoni għall-istudenti tal-iskola	Mira	Studenti rreġistrati fi skejjel tal-edukazzjoni ġenerali sekondarja baxxa u sekondarja għolja kkompletaw moduli inizjali tal-ETV		Għadd	0	4900	Q2	2026	4900 student irreġistrati fi skejjel tal-edukazzjoni ġenerali sekondarja inferjuri u għolja kkompletati għall-moduli tal-ETV inizjali li minnhom mill-inqas 40 % orjentaw lejn l-iżvilupp tal-ħiliet biex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
120	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.5. Aktar opportunitajiet biex wieħed jikseb professjoni għall-istudenti tal-iskola	Mira	L-istudenti tal-ewwel snin tas-sekondarja li rreġistraw fi programmi ta' taħriġ vokazzjonali esperimentali rċevew għajnuna		Għadd	0	4000	Q2	2026	Irċevew għajnuna 4 000 student tal-ewwel snin tas-sekondarja li rreġistraw fi programmi esperimentali ta' taħriġ vokazzjonali. Il-programmi esperimentali tal-VET jippermettu lill-istudenti tad-disa' sena biex jibdew il-programmi tal-livell 4 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, meta mqabbel mal-programmi regolari tal-VET li jaċċettaw biss l-istudenti tal-11-il sena.

E. KOMPONENT 5: L-EDUKAZZJONI GĦOLJA, QAFAS KOERENTI BIEX JIĠU STIMULATI R-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI U N-NEGOZJI B'VALUR MIŻJUD GĦOLI

Il-komponent tal-pjan Litwan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi ewlenin fis-sistema tal-edukazzjoni għolja u l-qafas ta' appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-isfidi ewlenin relatati mal-edukazzjoni għolja huma l-eżistenza ta' għadd ta' istituzzjonijiet li ma jirriflettux l-iżviluppi demografiċi u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, huma nieqsa mir-riżorsi u minn massa kritika biex tingħata edukazzjoni u RuŻ ta' kwalità għolja. Is-sistema ta' finanzjament attwali tal-edukazzjoni għolja tinċentiva lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jiffokaw fuq l-għadd ta' studenti minflok jiżguraw il-kwalità u r-rilevanza tal-istudji għas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' opportunitajiet ta' karriera akkademika attraenti, li jillimitaw ir-riżorsi umani għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-isfidi ewlenin relatati mal-innovazzjoni huma investiment privat baxx fir-RuŻ, il-frammentazzjoni tal-potenzjal tar-RuŻ u l-governanza tas-sistema tal-innovazzjoni u kooperazzjoni dgħajfa bejn ix-xjenza u n-negozju.

L-objettivi tal-komponent huma li jirriformaw is-sistema ta' finanzjament tal-edukazzjoni għolja u s-sistema ta' ammissjoni għall-istudenti li joħolqu inċentivi għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex iżidu l-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-istudji, jippromwovu RuŻ ta' kwalità, kooperazzjoni u konsolidazzjoni fis-settur. Ir-riforma mistennija ssaħħaħ l-istandards kwalitattivi għall-kulleġġi u l-universitajiet. Il-komponent jinkludi wkoll riforma tal-governanza tal-appoġġ għall-innovazzjoni u l-qafas tagħha, li taħtha l-funzjonijiet frammentati attwali ta' appoġġ għall-innovazzjoni għandhom jiġu kkonsolidati taħt aġenzija tal-Innovazzjoni waħda. Ir-riforma għandha tkopri wkoll ir-reviżjoni tas-sistema eżistenti ta' appoġġ għall-innovazzjoni u l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju bil-ħsieb li ssir aktar koerenti. Matul l-implimentazzjoni tal-pjan, l-appoġġ settorjali għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riformi tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jkun disponibbli permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont.

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq l-innovazzjoni, jiżviluppa qafas ta' politika koerenti biex jappoġġa l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju u jikkonsolida l-aġenziji ta' implimentazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019), jippromwovi l-innovazzjoni teknoloġika f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020) u jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim għall-adulti (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

E.1.1. Ir-riforma 1 "Edukazzjoni għolja ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom"

L-għan tar-riforma huwa li jiżdiedu l-kwalità, l-effiċjenza u l-kompetittività internazzjonali tas-sistema Litwana tal-edukazzjoni għolja u x-xjenza. Din ir-riforma hija akkumpanjata minn erba' sottomiżuri: (1) Titjib tal-finanzjament għall-edukazzjoni għolja u s-sistemi ta' ammissjoni għall-istudenti (is-Sottomiżura 1); (2) Titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja bl-irfinar tal-missjonijiet tal-universitajiet u tal-kulleġġi (is-Sottomiżura 2); (3) It-tisħiħ tal-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (is-Sottomiżura 3); (4) Il-promozzjoni sistematika tar-RuŻ fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u analiżi tar-riċerka (is-Sottomiżura 4);

E.1.1.1. Sottomiżura 1: It-titjib tal-finanzjament għall-edukazzjoni għolja u s-sistemi ta' ammissjoni għall-istudenti

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li tiġi riveduta s-sistema ta' ammissjoni tal-istudenti biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha, li jidħlu kemm fi studji ta' edukazzjoni għolja ffinanzjati mill-Istat kif ukoll dawk mhux iffinanzjati, jissodisfaw kriterji ugwalment għoljin. Is-sottomiżura għandha wkoll l-għan li ttejjeb is-sistema ta' finanzjament tal-edukazzjoni għolja u tallinjaha mal-għanijiet strateġiċi tal-pajjiż. Il-liġi dwar ix-Xjenza u l-Istudji għandha għalhekk tiġi emendata biex tarmonizza 'l fuq ir-rekwiżiti minimi għall-ammissjoni tal-istudenti. Il-liġi għandha tiġi emendata wkoll biex tintroduċi sistema ġdida ta' finanzjament tal-edukazzjoni għolja li għandha tkun ibbażata fuq indikaturi kwalitattivi u ftehimiet bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-istat. Il-kuntratti għandhom jingħataw għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' progress strateġiku: għall-iżvilupp tal-istituzzjonijiet, għall-fużjoni tal-istituzzjonijiet, għat-titjib tal-kwalità tal-attivitajiet, għal investimenti fl-infrastruttura u għall-implimentazzjoni ta' miri definiti oħra. Il-bidliet legali għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2023.

E.1.1.2. Sottomiżura 2: It-titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja billi jiġu rfinati l-missjonijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiddefinixxi l-missjonijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi billi tistabbilixxi rekwiżiti kwalitattivi għal kull tip ta' istituzzjoni. Il-liġi dwar ix-Xjenza u l-Istudji u atti legali oħra għandha tiġi emendata biex tistabbilixxi objettivi u kriterji għall-funzjonament tal-kulleġġi u l-universitajiet. Il-bidliet legali għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2023. Sabiex jiġi appoġġat l-adattament tan-network tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għar-rekwiżiti l-ġodda, għandhom jiġu implimentati ħames proġetti ta' riorganizzazzjoni tal-kulleġġ sal-31 ta' Diċembru 2024, filwaqt li tingħata prijorità lil proġetti li jinvolvu diversi istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

E.1.1.3. Sottomiżura 3: It-tisħiħ tal-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li tappoġġa t-tisħiħ tal-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Sabiex dan jinkiseb, sal-31 ta' Marzu 2024 l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom jimplimentaw seba' proġetti ta' internazzjonalizzazzjoni, li jkopru l-attirar ta' studenti, lekċerers u xjentisti barranin, l-iżvilupp tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' lawrji konġunti u doppji; l-iżvilupp tal-forniment ta' servizzi virtwali u attivitajiet oħra li jippromwovu l-integrazzjoni tal-universitajiet Litwani fin-networks Ewropej tal-universitajiet. Barra minn hekk, 160 student barrani li jiġu jistudjaw fil-Litwanja għandhom jirċievu boroż ta' studju għall-integrazzjoni tagħhom fil-Litwanja sal-31 ta' Diċembru 2023.

E.1.1.4. Sottomiżura 4: Il-promozzjoni sistematika tar-RuŻ fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u analiżi tar-riċerka

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jinħoloq mekkaniżmu koerenti għall-implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza billi tinħoloq l-aġenzija għall-implimentazzjoni tal-politika tax-Xjenza. Il-liġi dwar ix-Xjenza u l-Istudji għandha tiġi emendata, u l-infrastruttura rilevanti għandha tiġi stabbilita sat-30 ta' Ġunju 2022 biex tinħoloq l-aġenzija ta' implimentazzjoni tal-politika tax-Xjenza taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport jew il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja, li għandha titwaqqaf wara r-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija għax-Xjenza, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (MITA), il-Kunsill tar-Riċerka tal-Litwanja (LMT) u korpi rilevanti oħra. Il-korp il-ġdid għandu jippromwovi l-parteċipazzjoni tal-applikanti Litwani fil-programmi Ewropej u internazzjonali tar-RuŻuI, jiżviluppa l-eċċellenza xjentifika fis-settur pubbliku u jiżviluppa analiżi tax-xjenza u tal-proċessi ta' studju.

E.1.2. Riforma 2 "Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika"

L-għan tar-riforma huwa li tiżdied l-effiċjenza tal-politiki tal-innovazzjoni fil-Litwanja billi jiġu riveduti l-istruttura istituzzjonali, il-qafas legali għall-appoġġ tar-RuI u tiżdied id-domanda għall-innovazzjoni. Din ir-riforma hija akkumpanjata minn erba' sottomiżuri: (1) L-implimentazzjoni effettiva tal-politika dwar l-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network ta' aġenziji eżistenti (is-Sottomiżura 1); (2) Iż-żieda tad-domanda għall-innovazzjoni fil-Litwanja permezz tal-isfruttament tal-potenzjal tal-akkwist pubbliku (is-Sottomiżura 2); (3) It-trawwim tal-iżvilupp tal-ekosistema ta' negozji ġodda (is-Sottomiżura 3); (4) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika (is-Sottomiżura 4);

E.1.2.1. Sottomiżura 1: Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti

L-għan tas-sottomiżura huwa li tiġi stabbilita Aġenzija tal-Innovazzjoni unika billi jiġu kkonsolidati l-funzjonijiet tal-promozzjoni tal-innovazzjoni li bħalissa huma mifruxa f'diversi istituzzjonijiet. Is-sottomiżura għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi qafas koerenti ta' kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju. L-Aġenzija għall-Innovazzjoni għandha titwaqqaf mad-dħul fis-seħħ tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern. L-intrapriża Litwana (Versli Lietuva) għandha taġixxi bħala bażi għall-Aġenzija tal-Innovazzjoni u l-funzjonijiet u l-attivitajiet relatati mal-innovazzjoni tal-Aġenzija għax-Xjenza, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (MITA) u l-Aġenzija Litwana ta' Appoġġ għan-Negozju (LVPA) għandhom jiġu ttrasferiti lill-aġenzija tal-Innovazzjoni. INVEGA għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha fir-rigward tal-finanzjament tal-innovazzjoni mal-Aġenzija tal-Innovazzjoni. L-Aġenzija tal-Innovazzjoni għandha tintegra bis-sħiħ liċ-Ċentru ta' Innovazzjoni Litwan (LIC) jew lil-LIC għandha tiġi organizzata mill-ġdid billi jiġu rtirati d-drittijiet tas-sjieda tal-korpi pubbliċi. L-aġenzija l-ġdida għandha tikkontribwixxi għal qafas koerenti ta' appoġġ għall-innovazzjoni. L-Aġenzija l-ġdida għandha tiġi stabbilita sal-31 ta' Marzu 2022. B'mod parallel, l-atti legali, b'mod partikolari l-Liġi dwar it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, għandhom jiġu riveduti bil-ħsieb li jingħalqu l-lakuni eżistenti u t-trikkib fil-qafas tal-politika tal-innovazzjoni u jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet istituzzjonali. L-atti legali riveduti għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021. Għandu jitwettaq ukoll studju dwar il-koerenza tal-inċentivi tar-RuI, li fuq il-bażi tiegħu

għandhom jiġu riveduti atti legali oħra sal-31 ta' Diċembru 2022 bil-ħsieb li jinħoloq sett koerenti ta' miżuri ta' appoġġ għar-RuI.

E.1.2.2. Sottomiżura 2: Żieda fid-domanda għall-innovazzjoni fil-Litwanja billi jiġi sfruttat il-potenzjal tal-akkwist pubbliku

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li tinħoloq id-domanda għall-innovazzjoni billi jiġi inċentivat l-akkwist pubbliku innovattiv. Għandu jinħoloq strument finanzjarju biex jikkumpensa parzjalment l-ispejjeż ta' 100 akkwist innovattiv.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

E.1.2.3. Sottomiżura 3: It-trawwim tal-iżvilupp tal-ekosistema ta' negozji ġodda

L-għan tas-sottomiżura huwa li tappoġġa l-ekosistema tan-negozji ġodda Litwana billi tipprovdi servizzi ta' aċċellerazzjoni għan-negozji ġodda. Il-Fond Litwan għall-Promozzjoni tal-Innovazzjoni għandu jiġi estiż biex jipprovdi investimenti ta' aċċellerazzjoni u ta' kapital ta' riskju għal 32 negozju ġdid fir-reġjun kapitali. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti diversi aċċelleraturi ta' negozji ġodda biex jappoġġaw 80 negozju ġdid, inklużi 20 negozju ġdid inkubati mill-inkubatur tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-Hub Spazjali li għadhom kif ġew stabbiliti.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

E.1.2.4. Sottomiżura 4: Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika

L-għan tas-sottomiżura huwa li tappoġġa l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ekoloġiċi innovattivi u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari u t-tranżizzjoni ekoloġika fl-industrija. Strument finanzjarju u pjattaforma speċjalizzata għat-trasferiment tal-għarfien (Industry 4.0 Lab) għandhom jinħolqu biex jinċentivaw l-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. 97 proġett għandhom jiġu implimentati taħt l-istrument finanzjarju u 3 proġett — taħt il-pjattaforma ta' Industry 4.0 Lab sal-31 ta' Marzu 2026.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri kollha jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[7]; (ii) attivitajiet fil-qafas tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (Emission Trading System, ETS), li jiksbu emissjonijiet proġettati tal-gassijiet serra li mhumiex aktar baxxi mill-parametru referenzjarju rilevanti[8]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[9] u ma' impjanti tat-trattament mekkaniku u

[7] Minbarra proġetti fil-qafas ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[8] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra proġettati li huma ferm anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[9] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet koperti mill-miżura f'impjanti esklussivament iddedikati għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura jżidu l-effiċjenza fl-enerġija, jaqbdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu, jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni,

bijoloġiku[10]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jagħmel ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji, sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn l-awtorità Litwana inkarigata mill-miżuri u l-entità fdata jew l-intermedjarju finanzjarju inkarigat mill-istrument finanzjarju u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu

i. se jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u

ii. jeskludi mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[11]; (ii) attivitajiet u assi fil-qafas tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), li jiksbu emissjonijiet proġettati tal-gassijiet serra li mhumiex aktar baxxi mill-parametru referenzjarju rilevanti[12]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[13] u ma' impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[14]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jagħmel ħsara lill-ambjent; u

iii. jirrikjedi l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u nazzjonali rilevanti tal-proġetti mill-entità fdata jew mill-intermedjarju finanzjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

E.1.3. Riforma 3 "Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti"

---

dment li l-azzjonijiet skont din il-miżura ma jwasslux għal żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; bl-evidenza pprovduta fil-livell tal-impjant.

[10] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet koperti mill-miżura f'impjanti eżistenti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura jżidu l-effiċjenza fl-enerġija jew bl-iskop tal-modifika retroattiva tal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompostar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li l-azzjonijiet skont din il-miżura ma jwasslux għal żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; bl-evidenza pprovduta fil-livell tal-impjant.

[11] Minbarra proġetti fil-qafas ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni relatata, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[12] Meta l-attività appoġġata tilħaq emissjonijiet tal-gassijiet serra proġettati li huma ferm anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[13] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet koperti mill-miżura f'impjanti esklussivament iddedikati għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura jżidu l-effiċjenza fl-enerġija, jaqbdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu, jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li l-azzjonijiet skont din il-miżura ma jwasslux għal żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; bl-evidenza pprovduta fil-livell tal-impjant.

[14] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet koperti mill-miżura f'impjanti eżistenti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura jżidu l-effiċjenza fl-enerġija jew bl-iskop tal-modifika retroattiva tal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompostar tal-bijoskart u għad-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li l-azzjonijiet skont din il-miżura ma jwasslux għal żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; bl-evidenza pprovduta fil-livell tal-impjant.

L-għan tar-riforma huwa li tikkonċentra l-kooperazzjoni fix-xjenza u n-negozju fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti riveduti, filwaqt li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' missjonijiet konġunti tax-xjenza u l-innovazzjoni. Din ir-riforma hija akkumpanjata minn tliet sottomiżuri: (1) Id-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (is-Sottomiżura 1); (2) L-għajnuna għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' xjenza u innovazzjoni bbażati fuq missjoni fi speċjalizzazzjoni intelliġenti (is-Sottomiżura 2); (3) L-inkoraġġiment tax-xjenza u n-negozju biex jipparteċipaw fil-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE Orizzont Ewropa u programmi ta' finanzjament internazzjonali oħra (is-Sottomiżura 3).

E.1.3.1. Sottomiżura 1: Id-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jiġu riveduti l-prijoritajiet tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u jitnaqqas l-għadd tagħhom. Il-kunċett tal-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti rivedut għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2027, li għandu jnaqqas l-oqsma ta' prijorità għal tlieta, għandu jiġi approvat mill-Gvern sal-31 ta' Diċembru 2021.

E.1.3.2. Sottomiżura 2: Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' xjenza u innovazzjoni bbażati fuq missjoni fi speċjalizzazzjoni intelliġenti

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tipprovdi appoġġ għall-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju fl-oqsma riveduti tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. Għandhom jinħolqu tliet programmi ta' xjenza u innovazzjoni bbażati fuq missjoni, li għandhom jirriżultaw fl-istabbiliment ta' żewġ ċentri ta' eċċellenza sal-31 ta' Diċembru 2025 u l-implimentazzjoni ta' 21 proġett RuŻ taħt it-tliet programmi sat-30 ta' Ġunju 2026. Żewġ ċentri ta' eċċellenza għandhom ikopru l-infrastruttura fiżika u l-forniment ta' servizzi biex jappoġġaw l-innovazzjoni fl-oqsma tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.

E.1.3.3. Sottomiżura 3: It-tħeġġiġ tax-xjenza u n-negozju biex jipparteċipaw fil-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE Orizzont Ewropa u programmi ta' finanzjament internazzjonali oħra

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tappoġġa l-parteċipazzjoni tax-xjenza u n-negozju tal-Litwanja fil-programmi internazzjonali tar-RuŻ. Il-Litwanja għandha tiżviluppa sett koerenti ta' għodod biex timmotiva x-xjenza u n-negozju biex iħejju, japplikaw u jipparteċipaw fil-programmi internazzjonali xjentifiċi u ta' innovazzjoni. Bħala riżultat, mill-inqas 477 proġett għandhom jiġu appoġġati finanzjarjament jew f'forma ta' servizzi, li minnhom, mill-inqas: 90 studju ta' fattibbiltà għall-benefiċjarji potenzjali biex jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' Orizzont Ewropa; 32 proġett ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja taħt l-Iskema taż-Żona Ewropea tar-Riċerka; 24 proġett fil-qafas ta' inizjattivi internazzjonali kkoordinati mill-UE; 24 proġett mill-SMEs u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, 27 sessjoni ta' konsultazzjoni fi grupp; 240 servizz ta' konsulenza; 40 sħubija f'networks internazzjonali. Biex jiġi ffaċilitat l-investiment, 15-il uffiċjal xjentifiku b'terminu fiss u 15-il pożizzjoni ta' punt ta' kuntatt nazzjonali għandhom jinħolqu u jinżammu, bħala minimu, mit-30 ta' Settembru 2023 sat-30 ta' Ġunju 2026. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji potenzjali fil-programmi internazzjonali tar-RuŻ filwaqt li l-uffiċjali xjentifiċi għandhom jippromwovu t-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza fis-settur pubbliku u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u s-settur pubbliku.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
121	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.1. It-titjib tal-finanzjament għall-edukazzjoni għolja u s-sistemi ta' ammissjoni għall-istudenti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-atti legali li jistabbilixxu sistema ta' kuntratti ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla	Dħul fis-seħħ tal-atti legali				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla li tistabbilixxi mudell għall-konklużjoni ta' kuntratti ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, li tipprevedi finanzjament addizzjonali għall-fużjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll għal objettivi strateġiċi oħra (l-espansjoni tal-istituzzjonijiet, it-titjib tal-kwalità tal-istudji, l-investiment fl-infrastruttura u bidliet operattivi oħra li jeħtieġu investiment pubbliku). Fużjonijiet potenzjali għandhom ikunu konformi mal-pjan imħejji minn korp jew esperti indipendenti. L-għoti ta' kuntratti għandu jiġi fformalizzat fil-Liġi dwar ix-Xjenza u l-Istudji, li għandha tiġi segwita mill-preparazzjoni ta' kuntratti skont il-liġi għall-konklużjoni ta' kuntratti ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
122	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.1. It-titjib tal-finanzjament tal-edukazzjoni għolja u s-sistemi ta' ammissjoni tal-istudenti — E.1.1.2. It-titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja billi jiġu rfinati l-missjonijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-Liġi emendata dwar ir-Riċerka u l-Istudji, li tbiddel is-sistema għall-finanzjament u r-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni għolja	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				Q1	2023	Dħul fis-seħħ tal-Liġi emendata dwar ir-Riċerka u l-Istudji li għandha: tistabbilixxi armonizzazzjoni 'l fuq tar-rekwiżiti minimi għall-aċċess għal postijiet ta' studju ffinanzjati pubblikament u mhux iffinanzjati, — tintroduċi struttura ġdida ta' finanzjament għal attivitajiet ta' edukazzjoni għolja (finanzjament bażiku, finanzjament għal objettivi strateġiċi, finanzjament addizzjonali għal indikaturi kwalitattivi), — jiddefinixxu l-missjonijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi (liema rekwiżiti kwalitattivi jridu jiġu ssodisfati miż-żewġ tipi ta' istituzzjonijiet, x'jiddistingwi l-kulleġġi mill-universitajiet), — jinċentivizza l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, — iżżid il-komponent ta' finanzjament tal-attivitajiet tar-RuŻ fl-istruttura ta' finanzjament tal-edukazzjoni għolja. Ir-rekwiżiti minimi ta' ammissjoni tal-istudenti għandhom jiġu armonizzati 'l fuq u m'għandhomx idgħajfu bħala riżultat tal-emenda. Kriterji ġodda għall-kulleġġi u l-universitajiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod oġġettiv, indipendenti u adegwatament għoli. Ir-rwol tal-evalwazzjonijiet

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadji importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										esterni għandu jiżdied. Il-bidliet legali għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u l-konsolidazzjoni tar-riżorsi fis-settur tal-edukazzjoni għolja.
123	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.2. It-titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja billi jiġu rfinati l-missjonijiet tal-	Mira	Proġetti li tlestew għar-riorganizzazzjoni tal-kulleġġi (missjonijiet imġedda)		Għadd	0	5	Q4	2024	It-tlestija ta' ħames proġetti li għandhom ikopru r-riorganizzazzjoni tal-kulleġġi: il-konsolidazzjoni tal-programmi ta' studju eżistenti, l-integrazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-funzjonijiet u l-proċessi amministrattivi u akkademiċi ewlenin ta' appoġġ, filwaqt li tiġi ottimizzata l-infrastruttura użata. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz tal-proċedura tas-sejħa għall-proposti. Il-prijorità għandha tingħata lil proġetti konġunti ta' diversi istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jiġi żgurat li l-ottimizzazzjoni tal-programmi ta' studju u l-infrastruttura tirriżulta f'titjib fl-effiċjenza akbar.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	universitajiet u l-kulleġġi									
124	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.3. It-tisħiħ tal-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja	Mira	Għadd ta' proġetti ta' internazzjonalizzazzjoni kkompletati minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja		Għadd	0	7	Q1	2024	Seba' proġetti għandhom jitlestew minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja mfassla biex jipprovdu lill-istudenti aktar attivitajiet internazzjonali, jattiraw aktar studenti, jattiraw studenti u lekċerers/xjentisti barranin; l-iżvilupp tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' lawrji konġunti u doppji; l-iżvilupp tal-forniment ta' servizzi virtwali; it-titjib tal-kwalità tal-istudji u t-twessigħ tal-offerta. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-proposti.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
125	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.3. It-tisħiħ tal-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja	Mira	Għadd ta' persuni li bbenefikaw minn appoġġ għall-integrazzjoni ta' studenti barranin		Għadd	0	160	Q4	2023	160 student barrani bbenefikaw minn boroż ta' studju u rċevew boroż ta' studju għall-integrazzjoni ta' studenti barranin, inklużi: Boroż ta' studju annwali tal-100 għall-korsijiet tal-lingwa u l-kultura Litwani u 60 borża ta' studju annwali għall-ewwel, it-tieni ċiklu u l-istudenti integrati, li se jistudjaw fil-Litwanja.
126	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.4. Il-promozzjoni sistematika tar-RuŻ fl-istituzzjonijiet ta'	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-att legali li jistabbilixxi l-aġenzija ta' implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-att legali dwar ir-responsabbiltajiet, il-funzjonijiet u l-attivitajiet tal-aġenzija ta' implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza (taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport jew il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja), li fih dispożizzjonijiet tal-Aġenzija u d-data tal-bidu. Għandha tinħoloq l-infrastruttura kollha meħtieġa għall-operazzjoni ta' l-aġenzija li timplimenta l-politika tax-xjenza. L-Aġenzija ta' implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza hija

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	edukazzjoni għolja u analiżi tar-riċerka									mistennija tippromwovi parteċipazzjoni aktar attiva tal-applikanti Litwani fil-programmi Ewropej u internazzjonali RuŻuI, biex tiżviluppa kompetenzi xjentifiċi fis-settur pubbliku, biex tiżviluppa analitika fit-tul ta' proċessi ta' riċerka u studju.
127	E.1.2. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika —	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tar-riżoluzzjoni tal-Gvern li joħloq l-Aġenzija għall-Innovazzjoni u t-trasferiment tal-funzjonijiet tal-promozzjoni tal-innovazzjoni minn aġenziji oħra	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2022	L-Aġenzija tal-innovazzjoni għandha tiġi stabbilita mad-dħul fis-seħħ tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern. Versli Lietuva għandu jaġixxi bħala bażi għall-Aġenzija tal-Innovazzjoni u l-funzjonijiet u l-attivitajiet relatati mal-innovazzjoni tal-MITA u l-LVPA għandhom jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija tal-Innovazzjoni. INVEGA għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha fir-rigward tal-finanzjament tal-innovazzjoni mal-Aġenzija tal-Innovazzjoni. L-Aġenzija tal-Innovazzjoni għandha tintegra bis-sħiħ liċ-Ċentru ta' Innovazzjoni Litwan (LIC) jew lil-LIC għandha tiġi organizzata mill-ġdid billi jiġu rrintraċċati d-drittijiet tas-sjieda tal-korpi pubbliċi.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	E.1.2.1. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti									L-infrastruttura kollha tal-aġenzija għandha tiġi stabbilita sal-31 ta' Marzu 2022.
128	E.1.2 Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni riveduta dwar attivitajiet innovattivi	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni.				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni riveduta u emendata dwar attivitajiet innovattivi, inkluża l-Liġi dwar it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni u l-Emenda għar-Riżoluzzjoni Nru 982 tat-3 ta' Ottubru 2018 dwar l-għoti ta' setgħat għall-implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja. L-atti legali għandhom jiġu approvati mis-Seimas, mill-Gvern Litwan, mill-Ministru tal-Ekonomija u l-Innovazzjoni, skont it-tip tal-att legali. Dan għandu jidħol fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tar-Reġistru tal-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.1. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti									Att Legali (e-tar). L-atti legali riveduti għandhom inaqqsu l-lakuni u t-trikkib fil-qafas tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, jarmonizzaw it-taħlita tal-miżuri ta' appoġġ, u jispeċifikaw ir-responsabbiltajiet istituzzjonali. Il-liġi riveduta dwar it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għandha tidentifika l-istituzzjonijiet responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-innovazzjoni, il-prinċipji tal-promozzjoni ta' attivitajiet relatati mal-innovazzjoni.
129	E.1.2. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni,	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-qafas imġedded ta' inċentivi għan-negozji biex jinvestu fir-RuŻ	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-regoli riveduti għall-appoġġ tal-miżuri RuŻ (madwar 20 att legali bħal Ordnijiet Ministerjali). Is-sistema eżistenti ta' inċentivi għar-RuŻ ġiet riveduta, billi ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-istudju mwettaq dwar l-inċentivi tar-RuŻ għan-negozji. Ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tagħhom fir-Reġistru tal-Att Legali (e-tar).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.1. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti									Ir-regoli riveduti għandhom: inaqqsu d-diskrepanzi u t-trikkib bejn miżuri differenti ta' appoġġ għar-RuŻ, jarmonizzaw it-taħlita tal-miżuri ta' appoġġ billi jistabbilixxu konnessjonijiet loġiċi ċari bejn strumenti ta' finanzjament varji, kif ukoll strumenti ta' finanzjament u servizzi varji ta' appoġġ għall-innovazzjoni.
130	E.1.2. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni,	Mira	Għadd ta' proġetti innovattivi implimentati		Għadd	0	200	Q1	2026	Għadd ta' proġetti innovattivi implimentati: 200, li minnhom: 100 proġett innovattiv ta' akkwist pubbliku, 97 proġett ta' prodotti ekoloġiċi jew ta' żvilupp/varar ta' teknoloġija,

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadji importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.2. Iż-żieda tad-domanda għall-innovazzjoni fil-Litwanja permezz tal-isfruttament tal-potenzjal tal-akkwist pubbliku — E.1.2.4. Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika									3 proġetti ta' żvilupp tal-laboratorju industrijali 4.0 insostenn tal-ekonomija ċirkolari u t-tranżizzjoni ekoloġika fl-industrija. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
131	E.1.2. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.3. It-trawwim tal-iżvilupp tal-ekosistema ta' negozji ġodda	Mira	Għadd ta' negozji ġodda li rċevew investiment		Għadd	0	112	Q1	2026	L-għadd ta' negozji ġodda li rċevew appoġġ finanzjarju, li minnhom: 32 negozju ġdid appoġġat mill-Fond għall-Promozzjoni tal-Innovazzjoni, 60 negozju ġdid li rċevew investimenti mill-programm tal-aċċellerazzjoni, 20 negozju ġdid li rċevew l-investiment mill-inkubatur tal-Aġenzija Spazjali Ewropea. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
132	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.1. Id-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti rivedut	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q4	2021	Approvazzjoni ta' kunċett ġdid ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti permezz ta' riżoluzzjoni tal-Gvern Litwan għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2027. Il-kunċett għandu jidentifika tliet prijoritajiet għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-oqsma tematiċi f'dawn il-prijoritajiet, kif ukoll mudell għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.
133	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.2. Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' xjenza u innovazzjoni	Mira	Numru ta' ċentri ta' eċċellenza fl-operat		Għadd	0	2	Q4	2025	Il-bidu tal-operat ta' żewġ ċentri ta' eċċellenza li għandhom jikkonsistu mill-elementi li ġejjin: a) infrastruttura fiżika (bħal prototipi u linji pilota, eċċ.) b) forniment ta' servizzi rilevanti (bħal ċertifikazzjoni u ġestjoni tal-proprjetà intellettwali)

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	bbażati fuq missjoni fi speċjalizzazzjoni intelliġenti									
134	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.2. Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' xjenza u innovazzjoni bbażati fuq missjoni fi speċjalizzazzjoni intelliġenti	Mira	Proġetti tar-RuŻ ikkompletati permezz ta' tliet programmi ta' xjenza u innovazzjoni bbażati fuq missjoni		Għadd	0	21	Q2	2026	21 proġett tar-RuŻ ikkompletati, li għandhom ikunu orjentati lejn tliet strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Il-proġetti għandhom jitħejjew f'konformità mal-linji gwida bbażati fuq missjoni għall-programmi tax-xjenza u l-innovazzjoni. Il-proġetti għandhom jintgħażlu matul il-proċedura ta' sejħa għall-offerti, b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
135	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.3. It-tħeġġiġ tax-xjenza u n-negozju biex jipparteċipaw fil-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE Orizzont Ewropa u programmi ta' finanzjament internazzjonali oħra	Mira	Proġetti u servizzi ta' konsulenza għal applikanti potenzjali tal-programm Orizzont Ewropa minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u SMEs iffinanzjati		Għadd	0	200	Q1	2025	Mill-inqas 200 proġett u servizzi ta' konsulenza għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-SMEs għandhom jiġu appoġġati: a) mill-inqas 40 — biex jappoġġa t-tħejjija ta' studji ta' fattibbiltà għal benefiċjarji potenzjali biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, b) mill-inqas 160 servizz ta' konsulenza/esperti biex jappoġġaw il-kompetenzi biex jipparteċipaw fi programmi internazzjonali RuŻuI.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
136	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.3. It-tħeġġiġ tax-xjenza u n-negozju biex jipparteċipaw fil-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE Orizzont Ewropa u programmi ta' finanzjament internazzjonali oħra	Mira	Proġetti u servizzi ta' konsulenza għal applikanti potenzjali tal-programm Orizzont Ewropa minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka u SMEs iffinanzjati		Għadd	200	477	Q2	2026	Mill-inqas 477 proġett u servizzi ta' konsulenza għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' riċerka u SMEs għandhom jiġu appoġġati: a) mill-inqas 90 — biex jappoġġa t-tħejjija ta' studji ta' fattibbiltà għal benefiċjarji potenzjali biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, b) mill-inqas 32 — biex tiġi appoġġata l-kapaċità għall-implimentazzjoni ta' proġetti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u Orizzont Ewropa, c) mill-inqas 24 għal inizjattivi ta' koordinazzjoni transfruntiera tal-UE, d) mill-inqas 24 proġett minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka u SMEs li ġew iġġudikati b'mod pożittiv fil-programmi Orizzont Ewropa, iżda li ma rċevewx finanzjament (inklużi proġetti li rċevew is-Siġill ta' Eċċellenza), e) mill-inqas 27 sessjoni ta' konsultazzjoni tal-grupp biex jappoġġaw il-kompetenzi għall-parteċipazzjoni fi programmi internazzjonali RuŻuI, f) mill-inqas 240 servizz ta' konsulenza/esperti biex jappoġġaw il-kompetenzi biex jipparteċipaw fi programmi internazzjonali RuŻuI, g) mill-inqas 40 sħubija fin-networks internazzjonali.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										Il-proġetti għandhom ikunu bbażati fuq il-pjan aċċeleratur tal-Orizzont Ewropa żviluppat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, x-Xjenza u l-Isport, mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Innovazzjoni, mill-Kunsill tar-Riċerka tal-Litwanja, mill-MITA, minn STRATA, li għandu jiġi approvat mill-Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport. Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz tal-proċedura tas-sejħa għall-proposti.
137	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.3. It-tħeġġiġ tax-xjenza u n-negozju biex jipparteċipaw fil-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-	Mira	Il-pożizzjonijiet tal-Uffiċjali Xjentifiċi u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) maħluqa		Għadd	0	30	Q2	2026	30 karigi temporanji miżmuma sat-30 ta' Ġunju 2026, li minnhom: 15-il post ta' punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Orizzont Ewropa, li għandhom jaġixxu bħala l-persuni ta' kuntatt ewlenin għall-applikanti Litwani biex jinformawhom dwar il-programm Orizzont Ewropa: bħal sejħiet li għaddejjin, il-preżentazzjoni ta' proposti u t-tfittxija ta' sħab. 15-il kariga ta' uffiċjali tax-xjenza u l-innovazzjoni fil-Gvern Litwan (ministeri settorjali u l-uffiċċju tal-Gvern). Il-funzjonijiet ewlenin tagħhom għandhom ikunu: li jipprovdu pariri u joħolqu kultura ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza fis-settur pubbliku u li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u s-settur pubbliku.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	UE Orizzont Ewropa u programmi ta' finanzjament internazzjonali oħra									Il-mudell għall-istabbiliment ta' karigi ta' uffiċjali xjentifiċi għandu jitħejja f'kooperazzjoni ma' STRATA.

F. KOMPONENT 6: SETTUR PUBBLIKU EFFIĊJENTI U PREKUNDIZZJONIJIET GĦALL-IRKUPRU WARA L-PANDEMIJA

Dan il-komponent tal-pjan Litwan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi marbuta mas-sistema fiskali, mal-konformità mar-regoli tat-taxxa, mal-qafas baġitarju, mal-immaniġġar tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku u mal-ġestjoni tal-insolvenza tan-negozji. Skont il-pjan, l-objettivi tal-komponent huma li titjieb il-konformità mar-regoli tat-taxxa u li tiġi bbilanċjata s-sistema fiskali; li jitjieb l-immaniġġar tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku; li jitjieb l-ippjanar baġitarju fit-terminu medju u l-immaniġġar tan-nefqa; li tiżdied l-indipendenza finanzjarja tal-muniċipalitajiet; u li tiżdied il-varjetà ta' strumenti finanzjarji biex tingħata spinta lill-investiment pubbliku.

Il-komponent fih miżuri mmirati lejn l-espansjoni tal-bażi tat-taxxa għal sorsi li huma inqas detrimentali għat-tkabbir, kif ukoll miżuri legali u tekniċi biex titjieb il-konformità mat-taxxa, u biex jitjieb it-tfassil tas-sistema ta' taxxa u benefiċċji biex jonqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u l-faqar. Jinkorpora wkoll bosta miżuri ta' riforma relatati mal-qafas baġitarju: l-istabbiliment ta' rieżami ta' nofs it-terminu dwar l-ippjanar baġitarju u n-nefqa, l-irfinar tal-proċeduri ta' emenda tal-baġit, il-promozzjoni tal-użu ta' sħubijiet pubbliċi-privati fil-proċess tal-investiment pubbliku u r-reviżjoni tal-istruttura tad-dħul muniċipali. Il-Litwanja qed tippjana wkoll li tikkonsolida erba' istituzzjonijiet nazzjonali għall-iżvilupp f'korp pubbliku wieħed. Barra minn hekk, il-komponent fih riforma dwar l-immaniġġar tar-riżorsi umani u l-iżvilupp tal-persunal fis-settur pubbliku. Skont il-pjan, il-Litwanja għandha tiżviluppa erba' għodod diġitali li mistennija jgħinu lin-negozji biex jimmaniġġaw ir-riskji ta' insolvenza.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa u titwessa' l-bażi għat-taxxa għal sorsi li huma inqas detrimentali għat-tkabbir (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019). Barra minn hekk, permezz ta' dħul addizzjonali mit-taxxa u ffrankar potenzjali bis-saħħa tal-analiżijiet tal-infiq, il-komponent jikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-tisħiħ tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020). Għadd ta' miżuri relatati mal-qafas baġitarju jikkontribwixxu biex l-investiment pubbliku jsir aktar effiċjenti (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

F.1.1. Riforma 1 "Settur Pubbliku Effiċjenti"

Din ir-riforma għandha l-għan li tirriforma s-servizz ċivili billi ttejjeb il-proċessi amministrattivi, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u ssaħħaħ l-orjentazzjoni lejn il-klijent fis-settur pubbliku. L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha teħtieġ l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti, inklużi emendi għal-Liġi dwar is-Servizz Ċivili.

Din ir-riforma tikkonsisti fi tliet sottomiżuri: (1) l-istabbiliment ta' sistema avvanzata għall-immaniġġar tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku (is-Sottomiżura 1); (2) l-istabbiliment ta'

mekkaniżmu ċentralizzat għall-iżvilupp tal-kompetenzi tal-maniġers fis-settur pubbliku (is-Sottomiżura 2); (3) l-istabbiliment ta' qafas għall-iżvilupp ta' kompetenzi strateġiċi fis-settur pubbliku (is-Sottomiżura 3).

F.1.1.1 Sottomiżura 1: L-istabbiliment ta' sistema avvanzata għall-immaniġġar tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi żviluppata sistema avvanzata għall-ġestjoni tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku. Is-sistema hija meħtieġa biex tiċċentralizza l-ġestjoni tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku, li hija mistennija żżid l-effiċjenza tal-użu tal-għodod diġitali u tnaqqas il-frammentazzjoni tal-manutenzjoni tal-IT u l-ispejjeż operazzjonali.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

F.1.1.2 Sottomiżura 2: L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ċentralizzat għall-iżvilupp tal-kompetenzi tal-maniġers fis-settur pubbliku.

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li tistabbilixxi mekkaniżmu ċentralizzat għall-iżvilupp tal-kompetenti tal-maniġers fis-settur pubbliku. Dan jinkorpora l-ħolqien ta' moduli ta' taħriġ iffukati fuq it-tmexxija.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

F.1.1.3 Sottomiżura 3: L-istabbiliment ta' qafas għall-iżvilupp tal-kompetenzi strateġiċi fis-settur pubbliku.

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa li toħloq moduli ta' taħriġ dwar il-kompetenzi strateġiċi meħtieġa fis-settur pubbliku. Skont il-pjan, il-kompetenzi strateġiċi huma ħiliet diġitali, finanzjarji analitiċi u ta' tmexxija. Is-sottomiżura għandha tkun lesta sal-31 ta' Marzu 2024, waqt li mill-inqas 16 000 impjegat fis-settur pubbliku mistennija jikkompletaw it-taħriġ dwar il-ħiliet diġitali, finanzjarji-analitiċi u tat-tmexxija sal-31 ta' Diċembru 2024.

F.1.2. Riforma 2 "Sistema tat-taxxa aktar ġusta u li tiffavorixxi t-tkabbir"

L-objettiv tar-riforma huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-ibbilanċjar mill-ġdid tas-sistema tat-taxxa billi tiġi żgurata struttura tat-taxxa soċjalment aktar ġusta u li tiffavorixxi t-tkabbir, filwaqt li l-konsumaturi jitħeġġu jibdlu l-imġiba permezz tat-tassazzjoni biex jadattaw għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-soċjetà. Din ir-riforma tikkonsisti fi tliet sottomiżuri: (1) l-abolizzjoni ta' eżenzjonijiet tat-taxxa u reġimi tat-taxxa speċjali li kienu ineffiċjenti, li ma baqgħux jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istat jew li mhumiex konformi mal-Patt Ekoloġiku (is-Sottomiżura 1); (2) aktar espansjoni tal-bażi taxxabbli għal sorsi li ma jfixklux it-tkabbir ekonomiku (is-Sottomiżura 2); (3) valutazzjoni tal-effett utli tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tal-assigurazzjoni soċjali għall-prevenzjoni tal-faqar u biex tonqos l-inugwaljanza fl-introjtu (is-Sottomiżura 3).

F.1.2.1. Sottomiżura 1: L-abolizzjoni ta' eżenzjonijiet tat-taxxa u reġimi tat-taxxa speċjali li kienu ineffiċjenti, li ma baqgħux jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istat jew li mhumiex konformi mal-Patt Ekoloġiku.

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li jiġu identifikati eżenzjonijiet mit-taxxa u reġimi speċjali tat-taxxa li huma ineffiċjenti, li ma għadhomx jirriflettu l-prijoritajiet tal-istat jew li ma jikkonformawx

mal-Patt Ekoloġiku u li jemendaw il-liġijiet tat-taxxa rispettivi. Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jwettaq analiżi kost-benefiċċji u jabbozza l-emendi meħtieġa għal-leġiżlazzjoni li għandha tiġi adottata mill-Parlament. Dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2023.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

F.1.2.2. Sottomiżura 2: Aktar espansjoni tal-bażi taxxabbli għal sorsi li ma jfixklux it-tkabbir ekonomiku

L-għan ta' din il-miżura huwa li twessa' l-bażi tat-taxxa għal sorsi li ma jfixklux it-tkabbir ekonomiku. Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jħejji studju dwar il-possibbiltajiet li titwessa' l-bażi tat-taxxa u jabbozza l-emendi meħtieġa għal-leġiżlazzjoni li għandha tiġi adottata mill-Parlament. L-analiżi se tiffoka fuq it-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, id-dazji tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija u taxxi ekoloġiċi oħra. Dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2023.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

F.1.2.3. Sottomiżura 3: Valutazzjoni tal-effett utli tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tal-assigurazzjoni soċjali għall-prevenzjoni tal-faqar u biex tonqos l-inugwaljanza fl-introjtu

L-għan ta' din il-miżura huwa li taġġusta t-taxxa fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali sabiex jiġi evitat aħjar il-faqar u titnaqqas l-inugwaljanza fl-introjtu. Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jħejji studju dwar aġġustamenti possibbli għat-taxxa fuq id-dħul personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u jabbozza l-emendi meħtieġa għal-leġiżlazzjoni li għandha tiġi adottata mill-Parlament. L-emendi għandhom jiġu adottati mill-Parlament sal-31 ta' Diċembru 2022, bil-għan li jidħlu fis-seħħ mhux qabel l-2024.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

F.1.3. Riforma 3 "Sostenibbiltà fit-tul u trasparenza tal-baġit nazzjonali"

L-għan tar-riforma huwa li żżid is-sostenibbiltà fit-tul tal-baġits tal-istat u muniċipali, it-trasparenza tal-ibbaġitjar fuq terminu medju u l-finanzjament tas-servizzi tal-istat. Huwa jiffoka wkoll fuq analiżijiet tal-infiq u modi biex tiżdied l-indipendenza finanzjarja tal-muniċipalitajiet. Din ir-riforma tikkonsisti f'ħames sottomiżuri: (1) titjib tal-qafas baġitarju (is-Sottomiżura 1); (2) rieżamijiet tal-infiq (is-Sottomiżura 2); (3) titjib tal-istruttura tad-dħul muniċipali (is-Sottomiżura 3); (4) promozzjoni tas-sħubijiet pubbliċi-privati (is-Sottomiżura 4); (5) konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali (is-Sottomiżura 5).

F.1.3.1. Sottomiżura 1: Titjib fil-qafas baġitarju

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tħejji u tadotta metodoloġiji dwar l-ibbaġitjar fit-terminu medju u l-kalkolu tal-kostijiet bażiċi. Timmira wkoll li tadotta l-emendi tal-Liġi dwar l-Istruttura tal-Baġit sabiex tiċċara r-regoli tal-emendi baġitarji. Minbarra dan, jenħtieġ li tiġi żviluppata għodda awtomatizzata li tiffaċilita l-ibbaġitjar fit-terminu medju u tkun disponibbli għall-maniġers tal-approprjazzjoni. Għandu jitħejja u jiġi approvat mill-Gvern baġit ta' terminu medju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2027.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

F.1.3.2. Sottomiżura 2: Rieżami tal-infiq

L-għan ta’ din is-sottomiżura huwa li jiġi żviluppat kunċett ta’ rieżamijiet tal-infiq u li jitwettaq l-ewwel rieżami komprensiv tal-infiq. Ir-riżultati tar-rieżami tal-infiq komprensiv għandhom jiġu ppubblikati u għandhom jitqiesu fit-tħejjija tal-ewwel baġits fuq terminu medju għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2025 sal-31 ta’ Diċembru 2027.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2023.

F.1.3.3. Sottomiżura 3: It-tisħiħ tal-istruttura tad-dħul muniċipali

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jiġu identifikati modi kif tista' tittejjeb l-istruttura tad-dħul muniċipali, speċjalment billi jiżdied is-sehem tad-dħul li jiġi ddeterminat direttament mill-muniċipalitajiet. L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha tirrikjedi l-emenda tal-Liġi dwar il-Metodoloġija tad-Determinazzjoni tad-Dħul tal-Baġit Muniċipali u toħloq għodod analitiċi li bihom ikun possibbli t-tqabbil tal-indikaturi fiskali muniċipali u l-valutazzjoni tal-kapaċità muniċipali li jsir dħul.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

F.1.3.4. Sottomiżura 4: Il-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati

L-għan tas-sottomiżura huwa li tfassal u tadotta pakkett leġiżlattiv li:

- jippermettu l-implimentazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati fl-aktar oqsma strateġikament importanti, bħall-effiċjenza enerġetika, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-trasport sostenibbli, u oqsma bl-akbar ħtiġijiet ta' investiment, bħall-ġustizzja u l-ordni pubbliku u s-sikurezza pubblika;
- — tgħin biex tattira investituri privati lejn proġetti pubbliċi billi tipprovdi pjanijiet ta' investiment sostenibbli fit-tul u tiżviluppa mekkaniżmi bbilanċjati ta' allokazzjoni tar-riskju ta' benefiċċju reċiproku.
- tippermetti r-raggruppament ta' proġetti ta' investiment muniċipali, li jagħmilhom aktar attraenti għall-investituri;
- il-muniċipalitajiet ikunu jistgħu jipparteċipaw fi programmi ta' sħubija pubblika-privata organizzati mill-istat, li huwa mistenni li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

F.1.3.5. Sottomiżura 5: Konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-iżvilupp

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tikkonsolida erba' istituzzjonijiet nazzjonali għall-iżvilupp f'korp pubbliku wieħed. L-objettiv tal-istituzzjoni l-ġdida għandu jkun li tikkonċentra l-għarfien u l-kompetenzi f'istituzzjoni tal-iżvilupp nazzjonali waħda b'saħħitha, li tgħaqqad u tottimizza l-prattiki operazzjonali tal-istituzzjoni tal-iżvilupp nazzjonali u tiffinanzja l-maniġment, toħloq prekundizzjonijiet biex tattira investituri istituzzjonali, issaħħaħ is-sħubija pubblika-privata, u żżid b'mod sostenibbli l-provvista ta' strumenti finanzjarji għall-finanzjament ta' proġetti finanzjarjament vijabbli.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

F.1.4. Riforma 4 "Titjib tal-konformità tat-taxxa"

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-konformità fiskali f'setturi b'riskju għoli u li żżid it-trasparenza tat-tranżazzjonijiet. Din ir-riforma tikkonsisti f'ħames sottomiżuri: (1) aktar trasparenza fil-kummerċ tal-vetturi użati (is-Sottomiżura 1); (2) tassazzjoni ġusta tal-attivitajiet ekonomiċi online (is-Sottomiżura 2); (3) il-limitazzjoni tal-użu tal-flus kontanti (is-Sottomiżura 3); (4) kontribwenti futuri b'litteriżmu finanzjarju (is-Sottomiżura 4); (5) aktar trasparenza fis-settur tal-kostruzzjoni (is-Sottomiżura 5).

F.1.4.1. Sottomiżura 1: Aktar trasparenza fil-kummerċ tal-vetturi użati

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jitjieb il-kontroll tal-bejgħ ta' vetturi użati billi tingħabar *data* dwar is-sidien u l-bejjiegħa attwali tagħhom. Bid-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-Liġi dwar is-Sikurezza fit-Toroq, ġiet introdotta sistema ta' kontijiet tas-sidien tal-vetturi biex jiġu identifikati l-bejjiegħa u s-sidien attwali tal-vetturi u biex jiġi żgurat li l-obbligi tat-taxxa tagħhom jiġu osservati. L-aċċess għad-*data* tas-sistema kontabilistika tas-sidien tal-vetturi ġie żgurat għall-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

F.1.4.2. Sottomiżura 2: Tassazzjoni ġusta tal-attivitajiet ekonomiċi online

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex l-operazzjonijiet tal-pjattaformi online jiġu obbligati jiġbru u jirrappurtaw *data* dwar it-tranżazzjonijiet imwettqa fuq pjattaformi online lill-awtoritajiet tat-taxxa sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li magħha tkun relatata l-informazzjoni. L-Ispettorat Statali tat-Taxxa għandu jirċievi l-ewwel sett ta' *data* sal-31 ta' Marzu 2024.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

F.1.4.3. Sottomiżura 3: Il-limitazzjoni tal-użu tal-flus kontanti

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li temenda l-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tillimita l-użu tal-flus kontanti f'ċerti setturi ekonomiċi u/jew għal ċerti tipi ta' tranżazzjonijiet, bil-ħsieb li jitnaqqas id-daqs tal-ekonomija klandestina. L-emendi għal-leġiżlazzjoni għandhom jiġu proposti fuq il-bażi tal-analiżi mwettqa mill-Ministeru tal-Finanzi.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

F.1.4.4. Sottomiżura 4: Letteratura finanzjarja tal-kontribwenti futuri

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tiżviluppa materjal edukattiv għall-istudenti biex ittejjeb il-fehim tagħhom tat-taxxi u l-konformità mat-taxxa. Barra minn hekk, skont il-Pjan, fl-iskejjel għandha tiġi żviluppata infrastruttura għal pagamenti mingħajr flus kontanti, u l-kards tal-istudenti għandu jkollhom funzjoni integrata ta' pagament elettroniku. Barra minn hekk, għandha tiġi organizzata kampanja ta' informazzjoni dwar it-tassazzjoni u l-attivitajiet tal-amministrazzjoni tat-taxxa.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

F.1.4.5. Sottomiżura 5: Aktar trasparenza fis-settur tal-kostruzzjoni

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tiżviluppa għodda diġitali (is-sistema tal-ID tal-Bennej) li għandha tippermetti r-reġistrazzjoni obbligatorja tal-persuni li jaħdmu fis-settur tal-kostruzzjoni u l-identifikazzjoni ta' dawn il-persuni b'kodiċi tal-identità speċjali tal-bennej. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom iwettqu 1400 spezzjoni ppjanata u 30 % addizzjonali tal-ispezzjonijiet mhux ta' rutina sal-31 ta' Diċembru 2025 sabiex jivverifikaw jekk il-ħaddiema humiex irreġistrati fis-sistema tal-ID tal-Bennej u jekk għandhomx kodiċijiet tal-identità speċjali tal-bennej. Din il-miżura għandha tgħin biex jiġu identifikati aħjar każijiet ta' xogħol illegali.

Din is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

F.1.5. Ir-riforma 5 "Għodod disponibbli għan-negozji biex jimmaniġġaw ir-riskju ta' insolvenza"

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tgħin lin-negozji jsaħħu l-mekkaniżmi ta' awtokontroll meta jiffaċċjaw riskji ta' insolvenza u tinvolvi lill-awtoritajiet pubbliċi biex jagħtu pariri lil dawn in-negozji. L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha teħtieġ il-ħolqien ta' erba' għodod diġitali li jappoġġaw lin-negozji li jiffaċċjaw riskji ta' insolvenza:

1) il-portal tal-insolvenza;

2) għodda diġitali (wiżard) li tgħin biex jitfassal pjan ta' ristrutturar ta' kumpanija;

3) għodda diġitali (wiżard) li tgħin fil-proċess tal-valutazzjoni tal-assi biex jiġu applikati standards ta' valutazzjoni internazzjonali billi tipprovdi l-aħjar prattiki, eżempji u spjegazzjonijiet f'post wieħed;

4) għodda biex isir tqabbil tal-valwazzjoni tal-assi u tat-tranżazzjoni.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2024.

F.1.6. Riforma 6. "Amministrazzjoni tat-taxxa intelliġenti biex tnaqqas id-distakk tal-VAT aktar malajr"

L-għan tar-riforma huwa li timmodernizza l-analiżi tad-*data* u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet imwettqa mill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u d-Dwana Litwana bl-użu ta' metodi analitiċi avvanzati u metodi bbażati fuq l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, u li jitjiebu l-kompetenzi tal-persunal. Din ir-riforma tikkonsisti f'sitt sottomiżuri: (1) l-introduzzjoni ta' għodod ġodda tal-analitika tad-*data* fl-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat (is-Sottomiżura 1); (2) it-titjib tal-kwalità tad-*data* tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u ta' istituzzjonijiet oħra (is-Sottomiżura 2); (3) ir-robotizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju fl-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat (is-Sottomiżura 3); (4) id-diġitalizzazzjoni tat-taxxi tal-boll (is-Sottomiżura 4); (5) għodod ġodda għall-analiżi tad-*data* u l-aġġornament tas-sistemi tal-IT tad-Dwana (is-Sottomiżura 5); (6) it-titjib tal-kompetenzi tal-persunal tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u d-Dwana Litwana (is-Sottomiżura 6).

F.1.6.1. Sottomiżura 1: L-introduzzjoni ta' għodod ġodda tal-analitika tad-*data* fl-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tintroduċi għodod ġodda li għandhom jaqbdu *data* addizzjonali mhux strutturata u għandhom jikkalkulaw il-profili tar-riskju għall-kontribwenti. Ir-riżultati ta' tali analiżi għandhom ikunu disponibbli għall-kontribwenti sabiex ikunu jistgħu jaġġustaw l-imġiba tagħhom fir-rigward tal-konformità tat-taxxa.

Din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

F.1.6.2. Sottomiżura 2: Titjib tal-kwalità tad-*data* tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u ta' istituzzjonijiet oħra

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tibni bażi ta' *metadata* integrata tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u li twassal il-metodoloġija rilevanti (rakkomandazzjonijiet) għall-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi (l-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat, il-Bord tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Istat, il-Ministeru tal-Finanzi u d-Dipartiment Doganali). L-iskambju tad-*data* mal-bażi tal-*metadata* għandu jkun irregolat mid-dħul fis-seħħ ta' att legali adottat mill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat. Il-kwalità tad-*data* fil-bażi tal-*metadata* għandha tiġi żgurata permezz ta' algoritmi u proċeduri għall-kontroll tal-kwalità tad-*data*.

Din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

F.1.6.3. Sottomiżura 3: Ir-robotizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju fl-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jinkisbu l-liċenzji tas-software tal-awtomatizzazzjoni robotika tal-proċessi u li jintużaw għall-awtomatizzazzjoni ta' żewġ proċessi tan-negozju tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat:

1) il-ħruġ ta' deċiżjonijiet u protokolli għal ksur tal-liġi amministrattiva;

2) reviżjoni tal-arretrati u l-multi l-antiki tat-taxxa.

Din is-sottomiżura għandha tkun lesta sal-31 ta' Marzu 2022.

F.1.6.4. Sottomiżura 4: Diġitalizzazzjoni tal-bolol tat-taxxa

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tesplora l-possibbiltajiet għas-sostituzzjoni tat-taxxa tal-boll fuq karta li jintużaw attwalment biex is-suq jiġi protett minn xorb alkoħoliku illegali permezz ta' soluzzjonijiet diġitali għat-tikkettar ta' prodotti bħal dawn permezz ta' proġett pilota. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-proġett pilota, l-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat għandu jiddeċiedi jekk jiżviluppax modulu ddedikat li jippermetti t-tikkettar elettroniku tax-xorb alkoħoliku.

Din is-sottomiżura għandha tkun lesta sal-31 ta' Marzu 2024.

F.1.6.5. Sottomiżura 5: Għodod ġodda għall-analiżi tad-*data* u l-aġġornament tas-sistemi tal-IT tad-Dwana

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li jiġu introdotti għodod ġodda għall-analiżi tad-*data* li jaqbdu wkoll *data* ġdida minn sorsi ta' *data* addizzjonali. Dan għandu jtejjeb il-ġestjoni tar-riskju fiskali tad-dwana fl-oqsma li ġejjin:

- valutazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali;
- il-ġestjoni tal-garanzija;
- l-applikazzjoni u l-validazzjoni ta' miżuri tariffarji;
- identifikazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni li għandhom jintużaw għall-proċess ta' valutazzjoni doganali.

Barra minn hekk, is-sistemi tal-IT tad-Dwana Litwana għandhom jiġu aġġornati billi tiġi stabbilita interfaċċa:

- bejn is-Sistema għall-Preżentazzjoni ta' Merkanzija għall-Kontroll Doganali, Sistemi ta' Ġestjoni tal-Vetturi u tal-Merkanzija u tat-Traffiku;
- b'sistemi tal-IT ta' mill-inqas ħames sħab li jimmaniġġaw l-aċċess tal-mezzi tat-trasport għall-postijiet ta' preżentazzjoni tal-merkanzija lid-dwana, approvati mill-awtoritajiet doganali, u/jew li jikkontrollaw il-moviment ta' vetturi jew kunsinni (bħall-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat, id-Direttorat tal-Infrastruttura tal-Qsim tal-Fruntiera taħt il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni u AB Lietuvos geležinkeliai, l-Awtorità tal-Port tal-Istat ta' Klaipėda).

Din is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

F.1.6.6. Sottomiżura 6: Titjib tal-kompetenzi tal-persunal tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u d-Dwana Litwana

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiżviluppa għodda tat-taħriġ diġitali li għandha tikkonsisti f'sistema ta' maniġment u amministrazzjoni tat-taħriġ u tmien moduli ta' taħriġ għall-uffiċjali u għall-klijenti tad-dwana. Barra minn hekk, għandha l-għan li toħloq għodda ta' taħriġ għall-persunal tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat fl-oqsma tal-analitika tad-*data*, il-kontroll tal-kontribwenti, l-assigurazzjoni

tal-konformità fiskali u t-titjib tal-kompetenza tal-apprendiment ta' lingwi barranin. Dan it-taħriġ għandu jitlesta minn 800 impjegat tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u 250 impjegat u klijent tad-Dwana Litwana.

Din is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

F.1.7. Riforma 7. "Żvilupp ta' ekosistema ta' dokumenti elettroniċi"

L-għan tar-riforma huwa li n-negozji jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni u *data* elettroniċi mal-awtoritajiet pubbliċi b'mod awtomatizzat. Ir-riforma għandha tiffoka fuq id-*data* tar-reġistri tal-flus kontanti, l-irċevuti tax-xiri u n-noti tal-konsenja. L-emendi għal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u leġiżlazzjoni oħra għandhom jistabbilixxu rekwiżiti obbligatorji għad-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti msemmija qabel u t-trasferiment tagħhom lill-awtoritajiet. Il-leġiżlazzjoni emendata għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2025. Din ir-riforma għandha wkoll żewġ sottomiżuri: (1) il-ħolqien ta' soluzzjoni li tippermetti riċevuti elettroniċi (is-Sottomiżura 1); (2) il-ħolqien ta' soluzzjoni li tippermetti kunsinni elettroniċi internazzjonali (is-Sottomiżura 2).

F.1.7.1. Sottomiżura 1: Ħolqien ta' soluzzjoni li tippermetti l-irċevuti elettroniċi

L-għan ta' din is-sottomiżura biex jinħoloq prototip ta' rċevuta elettronika u jintuża fis-sistemi tal-IT tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat. L-Ispettorat Statali tat-Taxxa se jagħmilha disponibbli wkoll għan-negozji.

Din is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

F.1.7.2. Sottomiżura 2: Ħolqien ta' soluzzjoni li tippermetti kunsinni elettroniċi internazzjonali

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tadatta s-Sistema ta' Amministrazzjoni Fiskali Intelliġenti, li hija ġestita mill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat, biex tappoġġa d-dokumenti ta' konsenja elettronika u l-iskambju tagħhom ma' pajjiżi oħra.

Din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

F.1.8. Riforma 8. "Tieqa unika biex jitħallsu l-multi"

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb l-amministrazzjoni tal-multi. Sabiex din ir-riforma tiġi implimentata, għandu jiġi adottat pakkett ta' dokumenti legali, inklużi emendi fil-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, biex l-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat ikun jista' jamministra l-maġġoranza tal-multi u tas-sanzjonijiet ekonomiċi maħruġa mill-Istat. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha teħtieġ aġġustamenti fis-sistemi ta' informazzjoni tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat.

Din ir-riforma għandha tkun lesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

F.1.9. Riforma 9. "Sistema repożitorja għall-awditjar u l-kontrolli"

177	F.1.8. Tieqa unika biex jitħallsu l-multi	Ewlieni	Adozzjoni ta' emendi għal atti legali li jippermettu lill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat jamministra l-maġġoranza tal-multi u s-sanzjonijiet ekonomiċi	Dispożizzjonijiet fil-liġijiet emendatorji li jindikaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tittrasferixxi lill-Ispettorat tat-Taxxa l-amministrazzjoni tal-maġġoranza tal-multi u s-sanzjonijiet ekonomiċi imposti mill-Istat				Q2	2023	Il-leġiżlazzjoni meħtieġa (il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u liġijiet oħra dwar multi u sanzjonijiet ekonomiċi oħra imposti mill-Istat) li tippermetti l-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat biex jamministra l-maġġoranza tal-multi u tas-sanzjonijiet ekonomiċi għandha tiġi adottata.
178	F.1.8. Tieqa unika biex jitħallsu l-multi	Mira	Il-multi u s-sanzjonijiet ekonomiċi imposti minn 37 awtorità huma amministrati minn awtorità tat-taxxa waħda — l-Ispettorat tat-		Għadd	0	37	Q2	2026	Għandha tiġi stabbilita l-interoperabbiltà tas-sistema ta' informazzjoni bejn l-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat u l-istituzzjonijiet li joħorġu multi u jimponu sanzjonijiet ekonomiċi, biex ikun possibbli l-iskambju ta' *data* meħtieġa għar-reġistrazzjoni u għall-irkupru tal-ammonti msemmija qabel. B'riżultat ta' dan, 37 istituzzjoni għandhom jibagħtu *data* elettronika dwar multi u sanzjonijiet ekonomiċi lill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat. Din il-funzjonalità għandha tnaqqas l-ammont ta' xogħol manwali u dokumenti stampati.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			Taxxa tal-Istat							
179	F.1.9. Sistema repożitorja għall-Awditjar u l-Kontrolli	Ewlieni	Sistema repożitorja għall-Awditjar u l-Kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju				Q2	2022	Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri; (b) tiġbor, taħżen u tiżgura l-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) minn (i) sa (iii) tar-Regolament RRF.

G. KOMPONENT 7: AKTAR OPPORTUNITAJIET GĦAL KULĦADD BIEX B'MOD ATTIV JIBNI L-BENESSERI NAZZJONALI

L-objettiv ġenerali tal-komponent huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jindirizza wħud mill-isfidi li ilhom jeżistu relatati mal-esklużjoni soċjali, il-faqar u l-inugwaljanza fl-introjtu kif ukoll mal-kopertura baxxa ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-komponent għandhom l-għan li jżidu l-impjiegi u jiżguraw l-integrazzjoni sostenibbli tan-nies fis-suq tax-xogħol kif ukoll li jtejbu l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali permezz ta' żidiet immirati ta' ċerti benefiċċji, itejbu l-mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pensjonijiet, iżidu l-kopertura tal-assigurazzjoni soċjali tal-qgħad kif ukoll bidliet fl-għoti ta' kura soċjali akkreditata.

Il-komponent jikkonsisti f'żewġ miżuri ewlenin — il-protezzjoni garantita tal-introjtu minimu u l-appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent.

Il-komponent mistenni li jgħin biex jinkiseb progress sostanzjali fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar il-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, b'żieda fil-finanzjament u l-kopertura ta' miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tal-ħiliet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020). Dan japplika wkoll għar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim għall-adulti (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019). Il-komponent għandu jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza fl-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż billi jittejjeb it-tfassil tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019) u biex jiġu żgurati l-kopertura u l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali u tittejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji għall-protezzjoni kontra l-faqar (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

G.1.1. Riforma 1 "Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit"

Ir-riformi għandhom l-għan li jtejbu l-benessri soċjali tal-gruppi l-aktar vulnerabbli u li jtaffu l-faqar. Din tikkonsisti fi tliet sottomiżuri: (1) studju dwar l-iskema ta' dħul minimu u bidliet relatati mal-leġiżlazzjoni (is-Sottomiżura 1), (2) miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali (is-Sottomiżura 2); u (3) l-akkreditazzjoni tal-kura soċjali (is-Sottomiżura 3).

G.1.1.1. Sottomiżura 1: Studju dwar l-iskema ta' introjtu minimu u bidliet relatati fil-leġiżlazzjoni

L-objettiv tas-sottomiżura huwa li titwettaq analiżi komprensiva tal-iskema tal-introjtu minimu, inkluża valutazzjoni tal-impatt *ex-ante* tar-riformi proposti. Is-sottomiżura se tirriżulta f'bidliet rilevanti fil-leġiżlazzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju, li jkopru mill-inqas assistenza soċjali fi flus, il-benefiċċji tal-mard u tal-leave tal-maternità.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

G.1.1.2. Sottomiżura 2: Miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali

L-objettiv ta' din is-sottomiżura huwa l-implimentazzjoni ta' ċerti bidliet biex tiżdied l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali, b'mod indipendenti minn studju. Dawn jikkonċernaw bidliet fil-leġiżlazzjoni li jżidu l-kopertura tal-iskema ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad, l-introduzzjoni ta' benefiċċju addizzjonali għall-anzjani li jinsabu waħedhom u għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll titjib fil-mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pensjonijiet biex jittaffa l-faqar fost l-anzjani.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

G.1.1.3. Sottomiżura 3: Akkreditazzjoni tal-kura soċjali

L-għan ta' din is-sottomiżura huwa li tiżdied il-kwalità tas-servizzi tal-kura soċjali. Għal dan il-għan se titwaqqaf skema ta' akkreditament u mill-1 ta' Jannar 2022 għandha tiġi pprovduta biss kura soċjali akkreditata.

Is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

G.1.2. Investiment 2: "Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent"

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li ttejjeb il-proċessi operazzjonali u l-appoġġ ipprovdut mis-servizz pubbliku tal-impjiegi kif ukoll tinċentiva l-intraprenditorija u ttejjeb il-ħiliet lejn żoni b'valur miżjud għoli permezz ta' sussidji mmirati. L-investiment jinkludi żewġ sottomiżuri: (1) l-ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operattivi tas-servizzi tal-impjiegi, li jiżguraw orjentazzjoni sistematika tal-konsumatur (is-Sottomiżura 1); u (2) żieda fil-kamp ta' applikazzjoni u d-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, li jikkontribwixxu għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari (is-Sottomiżura 2).

G.1.2.1. Sottomiżura 1: Ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operattivi tas-servizzi tal-impjiegi, li jiżguraw orjentazzjoni sistematika tal-konsumatur

L-ewwel sottomiżura għandha l-għan li ttejjeb il-proċessi operazzjonali tas-servizz tal-impjiegi permezz tad-diġitalizzazzjoni u ż-żieda tal-orjentazzjoni tal-konsumatur. Dan jikkonsisti f'reviżjoni tal-metodi ta' ħidma u l-awtomazzjoni tal-proċessi ewlenin tas-servizz tal-impjiegi li jwasslu għal bidliet strutturali/fit-tul għall-amministrazzjoni u l-politiki tiegħu. Dan għandu jinkiseb permezz tal-ħolqien ta' għodda tal-IT multifunzjonali ġdida (pjattaforma tal-impjiegi) interoperabbli ma' sistema ta' tagħlim tul il-ħajja, sistema ta' gwida għall-karriera u sistemi ta' informazzjoni oħra tal-pajjiż li għandhom jippermettu li jipprovdu mill-inqas 90 % tas-servizzi diġitali. L-għodda l-ġdida hija mistennija li tillibera r-riżorsi meħtieġa għal servizzi aktar individwalizzati għal dawk li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi, biex tikkontribwixxi għal aċċess akbar għal dawn is-servizzi kif ukoll għal tqabbil aħjar tal-impjegaturi u tal-impjegati mal-potenzjal li jitqassar il-perjodu ta' ritorn fis-suq tax-xogħol għall-persuni qiegħda.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

G.1.2.2. Sottomiżura 2: L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari

L-objettiv ta’ din is-sottomiżura huwa li jiżdiedu l-kamp ta’ applikazzjoni u d-diversità tal-miżuri ta’ appoġġ għall-impjiegi b’enfasi fuq l-impjiegi b’valur miżjud għoli kif ukoll it-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika. Dan jinkludi żewġ proġetti pilota għat-taħriġ u l-appoġġ għall-impjiegi. L-ewwel waħda hija ddedikata għall-intraprenditorija u għandha tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi fl-oqsma ta’ tranżizzjoni doppja u ekonomija ċirkolari, flimkien mat-titjib tal-ħiliet tal-impjegati tas-servizz pubbliku tal-impjiegi fl-oqsma ta’ tranżizzjoni doppja, l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni ġenerali tan-negozju. It-tieni skema għandha l-għan li tappoġġa lill-impjegati u lil dawk qiegħda li qed ifittxu li jiksbu kwalifiki u/jew kompetenzi għal impjiegi ta’ valur miżjud għoli. Parti minn dawn il-programmi ta’ edukazzjoni u taħriġ għandhom ikunu speċifikament iffukati fuq il-ħiliet diġitali. Il-miżura għandha tiġi implimentata f’sinerġija mal-miżuri ppjanati taħt il-komponent tal-edukazzjoni relatati mal-iżvilupp ta’ programmi ta’ edukazzjoni u taħriġ u l-ħolqien ta’ kontijiet ta’ tagħlim individwali. Għandu jipprovdi aktar opportunitajiet għal persuni impjegati u għandu jinkludi wkoll moduli ta’ edukazzjoni għolja.

Is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
180	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.1. Studju dwar l-iskema ta' introjtu minimu u bidliet relatati fil-leġiżlazzjoni	Ewlieni	Finalizzazzjoni ta' studju dwar l-adegwatezza tal-iskema ta' introjtu minimu	Rapport finali maħruġ				Q4	2022	L-istudju għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għar-riforma tal-iskema ta' introjtu minimu kif ukoll valutazzjoni tal-impatt ex-ante tar-riformi proposti.
181	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.1. Studju dwar l-iskema ta' introjtu minimu u bidliet relatati fil-leġiżlazzjoni	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-liġijiet rilevanti li jirregolaw il-protezzjoni tal-introjtu minimu	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ (il-Liġi dwar l-assistenza soċjali fi flus kontanti, il-Liġi dwar id-Determinazzjoni tal-Indikaturi				Q1	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-leġiżlazzjoni rilevanti skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju dwar l-adegwatezza tal-iskema tal-introjtu minimu (mill-inqas il-Liġi dwar l-assistenza soċjali fi flus kontanti, il-Liġi dwar id-Determinazzjoni tal-Indikaturi ta' Referenza tal-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali u l-Ammont Bażiku tal-Penali, u l-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Soċjali għall-Mard u l-Maternità).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
				ta' Referenza tal-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali u l-Ammont Bażiku tal-Penali, u l-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Soċjali għall-Mard u l-Maternità)						
182	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.2. Miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tintroduċi benefiċċju addizzjonali għal persuni waħedhom b'diżabilità u anzjani	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q3	2021	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tiżgura li persuni (mhux miżżewġin) b'diżabilità u anzjani jingħataw u jitħallsu benefiċċju addizzjonali ta' kull xahar (benefiċċju għal persuna waħda).

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
183	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.2. Miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Soċjali tal-Qgħad li żżid il-kopertura tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-qgħad	Dispożizzjoni fil-Liġi emendatorja dwar l-Assigurazzjoni Soċjali tal-Qgħad li tindika d-dħul fis-seħħ				Q1	2023	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Soċjali tal-Qgħad li għandha: tnaqqas it-tul tal-kontribuzzjonijiet minimi meħtieġa għall-assigurazzjoni tas-sigurtà soċjali mit-12-il xahar attwali fl-aħħar 30 xahar għal disa' xhur fl-aħħar 30 xahar; - l-inklużjoni tal-gruppi li jifdal ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-iskema tas-sigurtà soċjali tal-qgħad; u — jistabbilixxu rati ta' kontribuzzjoni tal-assigurazzjoni tal-qgħad adegwati (wara l-kalkolu mill-ġdid tal-ħtiġijiet għall-benefiċċji tal-qgħad u l-ġbir tal-introjtu).
184	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.2. Miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar bidliet fil-mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pensjonijiet	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2024	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li għandha: — tirrevedi l-mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pensjonijiet biex tipprovdi għal żieda aktar mgħaġġla fil-pensjonijiet sabiex tnaqqas ir-rata ta' riskju ta' faqar għall-anzjani.
185	G.1.1. Protezzjoni tal-	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar ir-	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q1	2022	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li għandha: — jistabbilixxu rekwiżiti uniformi (għall-bini (jekk il-

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	introjtu minimu garantit — G.1.1.3. Akkreditazzjoni tal-kura soċjali		rekwiżiti għall-għoti ta' kura soċjali akkreditata							bini jkun meħtieġ għall-għoti tas-servizz) u l-kwalifiki tal-persunal) għall-provvista ta' kura soċjali akkreditata (10 servizzi); - regolazzjoni li mill-1 ta' Jannar 2022 tista' tiġi pprovduta biss kura soċjali akkreditata.
186	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.1. Ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operattivi tas-servizzi tal-impjiegi, li jiżguraw orjentazzjoni sistematika tal-konsumatur	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-proċessi operattivi tas-Servizz tal-Impjiegi	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li għandha tinkludi bidliet fil-proċessi operazzjonali tas-Servizz tal-Impjiegi biex tkun tista' ssir it-trasformazzjoni diġitali tiegħu.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
187	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.1. Ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operattivi tas-servizzi tal-impjiegi, li jiżguraw orjentazzjoni sistematika tal-konsumatur	Mira	Tlestija tat-trasformazzjoni diġitali tas-Servizz tal-Impjiegi		%	30	90	Q3	2024	90 % tas-servizzi tal-impjiegi huma disponibbli permezz tal-Pjattaforma tas-Servizz tal-Impjiegi, li għandha tkun is-sistema ewlenija tas-servizz għall-klijenti tas-Servizz tal-Impjiegi b'rabtiet mas-sistema ta' tagħlim tul il-ħajja, is-sistema ta' gwida għall-karriera u sistemi ta' informazzjoni oħra tal-pajjiż.
188	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.2. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-iskema ta' appoġġ għall-impjiegi għall-implimentazzjoni ta' miżuri pilota (Il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-	Il-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ				Q2	2022	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li għandha tispeċifika: il-limitu ta' żmien għall-applikazzjoni tal-miżuri l-ġodda; — il-gruppi fil-mira; — il-kriterji tal-għażla u r-rekwiżiti għall-konformità mal-objettivi tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u l-ekonomija ċirkolari; — ir-rekwiżiti fir-rigward tas-sostenibbiltà ta' impjiegi ġodda.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari		appoġġ għat-tagħlim li jipprovdi kwalifiki u kompetenzi ta' valur miżjud għoli, b'enfasi fuq it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika)							
189	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.2. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi,	Mira	Tlestija tal-proġett pilota għall-promozzjoni tal-intraprenditorija		Għadd ta' parteċipanti appoġġati	0	1772	Q2	2026	It-tlestija tal-proġett pilota għall-promozzjoni tal-intraprenditorija li tippermetti li jiġu appoġġati 1772 parteċipant (li minnhom 900 għall-impjiegi jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali u 872 għal impjiegi biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u l-ekonomija ċirkolari). Il-gruppi fil-mira tal-miżura tal-promozzjoni tal-intraprenditorija huma persuni li jkunu qed jibdlu l-attività ekonomika tagħhom, li huma milquta minn bidliet fl-attivitajiet tal-kumpaniji jew minn waqfien tal-attivitajiet minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kkawżata mill-pandemija.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari									
190	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.2. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-	Mira	Tlestija tal-proġett pilota biex jiġi appoġġat it-taħriġ għall-kisba ta' kwalifiki u/jew kompetenzi		Għadd ta' parteċipanti appoġġati	0	14985	Q2	2025	L-ikkompletar tal-proġett pilota insostenn tal-ksib ta' kwalifiki u/jew kompetenzi, li ppermetta t-taħriġ ta' 14 985 parteċipant (7 643 minnhom f'programmi għall-ksib tal-ħiliet diġitali u 7 342 f'programmi għall-ksib ta' kwalifiki u kompetenzi oħra b'valur miżjud għoli). Il-proġett pilota għandu jinkludi t-tagħlim għall-adulti mwassal permezz ta' diversi mezzi inklużi programmi jew moduli ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, programmi ta' edukazzjoni mhux formali għall-adulti, u moduli ta' edukazzjoni għolja. Il-grupp fil-mira tal-miżura huwa l-persuni li qed ifittxu impjieg li jfittxu li jiksbu kwalifiki u kompetenzi ta' valur miżjud għoli.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari									
191	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.2. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-	Mira	Tlestija tal-proġett pilota biex jiġi appoġġat it-taħriġ għall-kisba ta' kwalifiki u/jew kompetenzi		Għadd ta' parteċipanti appoġġati	14985	19350	Q2	2026	L-ikkompletar tal-proġett pilota insostenn tal-ksib ta' kwalifiki u/jew kompetenzi, li ppermetta t-taħriġ ta' 19 350 parteċipant (10 000 minnhom fi programmi għall-ksib tal-ħiliet diġitali u 9 350 fi programmi għall-ksib ta' kwalifiki u kompetenzi oħra b'valur miżjud għoli). Il-proġett pilota għandu jinkludi t-tagħlim għall-adulti mwassal permezz ta' diversi mezzi inklużi programmi jew moduli ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, programmi ta' edukazzjoni mhux formali għall-adulti, u moduli ta' edukazzjoni għolja. Il-grupp fil-mira tal-miżura huwa l-persuni li qed ifittxu impjieg li jfittxu li jiksbu kwalifiki u kompetenzi ta' valur miżjud għoli.

Nru	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	Titolu	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari									

2. Spiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Litwanja huwa EUR 2 224 686 966.

TAQSIMA 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

1. Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-pagamenti msemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-ewwel Installazzjoni (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
21	B. 1.1 Aktar elettriku sostenibbli prodott fil-pajjiż	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni biex jittejbu l-mekkaniżmi istituzzjonali u legali għall-promozzjoni tal-produzzjoni, it-trażmissjoni u l-konsum tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli
28	B.1.2 Moviment mingħajr ma jitniġġes l-ambjent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' qafas leġiżlattiv li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-effiċjenza enerġetika u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għax-xiri ta' vetturi tat-trasport bit-triq u għal każijiet li fihom huma obbligatorji
29	B.1.2 Moviment mingħajr ma jitniġġes l-ambjent	Ewlieni	Il-Fond għall-Mobilità Sostenibbli li għandu jiffinanzja l-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi u infrastruttura tal-vetturi huwa stabbilit u operattiv
37	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' sistema ta' informazzjoni għall-punti tal-iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi għall-vetturi elettriċi
43	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.3. Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv	Ewlieni	Adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni biex jiġi integrat in-network tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku
44	B.1.2 Vjaġġar mingħajr tniġġis ambjentali — B.1.2.4. Appoġġ biex tiżdied il-produzzjoni lokali tal-fjuwils RES (gass bijometan, bijofjuwils likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu ekoloġiku)	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' sistema tal-IT ta' unitajiet ta' kontabbiltà tal-fjuwil tat-trasport rinnovabbli

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
70	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' ċentru ta' kompetenza għad-*data* miftuħa u t-trasformazzjoni diġitali
83	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.1. Pjan direzzjonali tal-5G	Ewlieni	Frekwenzi tar-radju assenjati għall-introduzzjoni ta' networks 5G
84	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.1. Pjan direzzjonali tal-5G	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-liġijiet rilevanti li jippermettu l-installazzjoni aktar rapida tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet elettroniċi
89	C.1.5 Passi lejn il-5G — C.1.5.3. Innovazzjoni fil-mobilità	Ewlieni	Jaħtru awtorità kompetenti għall-amministrazzjoni ta' miżuri ta' innovazzjoni fit-trasport
91	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.1: It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-metodoloġija tal-proċedura għall-evalwazzjoni esterna tal-kwalità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet edukattivi li jimplimentaw programmi ta' edukazzjoni skolastika
93	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.2. Riorganizzazzjoni TAN-NETWORK TAL-ISKEJJEL	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regoli dwar l-Istabbiliment ta' network ta' skejjel li jmexxu programmi edukattivi formali
94	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.2. Riorganizzazzjoni TAN-NETWORK TAL-ISKEJJEL	Ewlieni	Pjanijiet għat-trasformazzjoni tan-network ta' skejjel tal-edukazzjoni ġenerali mhejjija u approvati mill-muniċipalitajiet skont ir-regoli li għadhom kif ġew approvati għall-iżvilupp tan-network tal-iskejjel li jimplimentaw programmi edukattivi formali
95	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.3: Programm tal-iskejjel tal-millennju	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-Programm ta' Progress tal-Iskejjel tal-Millennju

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
105	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.7: Titjib tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal	Ewlieni	Studju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' infrastruttura tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal fil-muniċipalitajiet
110	D.1.3. Sistema ta' gwida vokazzjonali biex tibbilanċja l-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern dwar il-proċeduri li jirregolaw is-sistema tal-gwida vokazzjonali (gwida għall-karriera)
112	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.1 Pjattaforma Nazzjonali għall-progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali	Skaluna Ewlenija	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment tal-Pjattaforma Nazzjonali dwar il-Progress fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali
116	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali D.1.4.3: Apprendistati u tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi skema ta' appoġġ għall-apprendistat u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol
126	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.4. Il-promozzjoni sistematika tar-RuŻ fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u analiżi tar-riċerka	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-att legali li jistabbilixxi l-aġenzija ta' implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza
127	E.1.2. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.1. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tar-riżoluzzjoni tal-Gvern li joħloq l-Aġenzija għall-Innovazzjoni u t-trasferiment tal-funzjonijiet tal-promozzjoni tal-innovazzjoni minn aġenziji oħra

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
128	E.1.2 Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.1. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni riveduta dwar attivitajiet innovattivi
132	E.1.3. Missjonijiet konġunti għax-xjenza u l-innovazzjoni fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti — E.1.3.1. Id-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-kunċett ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti rivedut
142	F.1.2. Sistema tat-taxxa aktar ġusta u li tiffavorixxi t-tkabbir. - F.1.2.1. It-tneħħija ta' eżenzjonijiet mit-taxxa u reġimi speċjali tat-taxxa li huma ineffiċjenti, ma għadhomx jirriflettu l-prijoritajiet tal-istat jew ma jikkonformawx mal-Patt Ekoloġiku.	Skaluna Ewlenija	It-twassil tal-proposti magħmula fuq il-bażi ta' analiżi fil-fond għall-irtirar ta' eżenzjonijiet mit-taxxa u reġimi fiskali speċjali lill-parlament
144	F. 1.2. Sistema fiskali aktar ġusta u aktar favorevoli għat-tkabbir — F.1.2.2. Sottomiżura 2: Aktar espansjoni tal-bażi taxxabbli għal sorsi li ma jfixklux it-tkabbir ekonomiku	Skaluna Ewlenija	It-twassil tal-proposti għall-espansjoni tat-taxxi ambjentali u t-tassazzjoni ta' sorsi oħra li huma inqas detrimentali għat-tkabbir ekonomiku fuq il-bażi ta' analiżi fil-fond lill-Parlament
146	F.1.2. Sistema fiskali aktar ġusta u aktar favorevoli għat-tkabbir — F.1.2.3. Valutazzjoni tal-effett utli tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tal-assigurazzjoni soċjali għall-prevenzjoni tal-faqar u biex tonqos l-inugwaljanza fl-introjtu	Skaluna Ewlenija	It-twettiq tal-istudju dwar l-effettività tat-tassazzjoni fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali fit-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza fid-dħul
152	F.1.3. Is-sostenibbiltà fit-tul u t-trasparenza tal-baġit nazzjonali — F.1.3.4. Promozzjoni tas-sħubijiet pubbliċi privati	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regoli dwar it-Tħejjija u l-Implimentazzjoni ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
155	F.1.4. Titjib tal-konformità mat-taxxa — F.1.4.1. Aktar trasparenza fil-kummerċ tal-vetturi użati	Ewlieni	L-Ispettorat Statali tat-Taxxa u d-Dwana jiksbu *data* dwar is-sidien tal-vetturi mis-sistema kontabilistika tas-sidien tal-vetturi
168	F.1.6. Amministrazzjoni tat-taxxa intelliġenti biex id-diskrepanza fil-ġbir tal-VAT tonqos aktar malajr — F.1.6.3. Ir-robotizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju fl-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat	Skaluna Ewlenija	Tlestija tal-awtomazzjoni ta' żewġ proċessi tan-negozju mwettqa mill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat
179	F.1.9. Sistema repożitorja għall-Awditjar u l-Kontrolli	Ewlieni	Sistema repożitorja għall-Awditjar u l-Kontrolli informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF
182	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.2. Miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tintroduċi benefiċċju addizzjonali għal persuni waħedhom b'diżabilità u anzjani
185	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.3. Akkreditazzjoni tal-kura soċjali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżiti għall-għoti ta' kura soċjali akkreditata
186	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.1. Ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operattivi tas-servizzi tal-impjiegi, li jiżguraw orjentazzjoni sistematika tal-konsumatur	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-proċessi operattivi tas-Servizz tal-Impjiegi
188	G.1.2. Appoġġ għall-impjiegi orjentat lejn il-klijent — G.1.2.2. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-iskema ta' appoġġ għall-impjiegi għall-implimentazzjoni ta' miżuri pilota (Il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-appoġġ għat-tagħlim li jipprovdi kwalifiki u kompetenzi ta' valur miżjud għoli, b'enfasi fuq it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika)
		Ammont tal-ħlas parzjali	EUR 649 543 707,00

1.2. It-tieni Installazzjoni (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1	A.1.1. Titjib tal-kwalità u tal-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.1. Qafas leġiżlattiv li jirregola l-organizzazzjoni, il-maniġment u l-għoti tas-servizzi ta' ambulanza	Skaluna Ewlenija	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar is-Servizzi Mediċi ta' Emerġenza u l-leġiżlazzjoni relatata
2	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u tal-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni — A.1.1.2. Żvilupp tas-sistema tas-saħħa diġitali li tiffaċilita l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa
3	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u tal-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni — A.1.1.3. Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja 2016–2025	Ewlieni	Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni aġġornat dwar l-Iżvilupp tal-Mediċina tal-Familja għall-2016–2025
27	B.1.1 Elettriku aktar sostenibbli prodott fil-pajjiż - B.1.1.3 Installazzjoni ta' infrastruttura oħra għall-ħżin tal-elettriku	Mira	Kapaċità installata ta' faċilitajiet ġodda għall-ħżin tal-elettriku (MW)
50	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli - B.1.3.2. Għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika	Ewlieni	Iċ-Ċentru tal-Kompetenzi għar-Rinnovazzjoni tal-Bini huwa stabbilit u operazzjonali
57	B.1.4 Żieda tal-kapaċità tal-assorbiment tal-gassijiet serra	Ewlieni	Daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tirregola r-restawr tal-artijiet mistagħdra (torbieri) u l-protezzjoni ulterjuri u l-użu sostenibbli tagħhom.
64	C.1.2 Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa	Ewlieni	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-ipproċessar effiċjenti tad-*data*
67	C.1.2 Żgurar tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa	Mira	Dħul fl-operat tal-għodda għall-iskambju tad-*data*

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
80	C.1.4 Prerekwiżiti għal soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju u fil-ħajja ta' kuljum — C.1.4.4. Strumenti finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u għall-innovazzjoni diġitali	Ewlieni	Pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti u approvazzjoni tat-termini ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi fin-negozju
92	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.1: It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-programmi riveduti ta' edukazzjoni qabel il-primarja, primarja, sekondarja baxxa u sekondarja (kurrikulu)
99	D.1.1. Edukazzjoni ġenerali moderna — Sfond għall-kompetenzi bażiċi D.1.1.4: Tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema, tad-deputati u l-maniġers	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi rekwiżiti kwalitattivi għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għall-iżvilupp tal-kwalifiki għall-għalliema
107	D.1.2. Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-adulti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti li tistabbilixxi mudell koordinat ta' sistema ta' tagħlim tul il-ħajja (lifelong learning system, LLL) u li tistabbilixxi l-prinċipji għall-funzjonament
115	D.1.4. Kompetenzi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali D.1.4.2: Valutazzjoni tal-kompetenzi	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-liġi dwar it-Taħriġ Vokazzjonali dwar Ċentri ta' Eċċellenza fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali
129	E.1.2. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni, domanda akbar għall-innovazzjoni, ekosistema żviluppata ta' negozji ġodda u żvilupp tal-innovazzjoni ekoloġika — E.1.2.1. Implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' aġenzija unika għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-aġenziji eżistenti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-qafas imġedded ta' inċentivi għan-negozji biex jinvestu fir-RuŻ
147	F.1.2. Sistema fiskali aktar ġusta u aktar favorevoli għat-tkabbir — F.1.2.3. Valutazzjoni tal-effett utli tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tal-assigurazzjoni soċjali għall-prevenzjoni tal-faqar u biex tonqos l-inugwaljanza fl-introjtu	Skaluna Ewlenija	Dħul fis-seħħ ta' emendi għal-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni fuq id-dħul personali u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali bil-ħsieb li jidħlu fis-seħħ mhux qabel l-2024

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
153	F.1.3. Is-sostenibbiltà fit-tul u t-trasparenza tal-baġit nazzjonali — F.1.3.4. Promozzjoni tas-sħubijiet pubbliċi privati	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-pakkett leġiżlattiv li jistabbilixxi qafas imsaħħaħ għall-użu ta' sħubiji pubbliċi-privati strateġiċi u fit-tul
158	F.1.4. Titjib tal-konformità mat-taxxa — F.1.4.3. Il-limitazzjoni tal-użu tal-flus kontanti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tillimita l-pagamenti fi flus kontanti f'setturi ekonomiċi riskjuży u/jew tipi individwali ta' tranżazzjonijiet
180	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit — G.1.1.1. Studju dwar l-iskema ta' introjtu minimu u bidliet relatati fil-leġiżlazzjoni	Ewlieni	Finalizzazzjoni ta' studju dwar l-adegwatezza tal-iskema ta' introjtu minimu
		Ammont tal-ħlas parzjali	EUR 322 803 539,00

1.3. It-tielet ħlas parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
4	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u tal-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.4. Stabbiliment ta' mudell tal-implimentazzjoni bażiku għas-servizz tas-saħħa pubblika	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' mudell bażiku ta' għoti ta' servizz tas-saħħa pubblika li jistabbilixxi kundizzjonijiet ugwali biex wieħed jirċievi servizzi meħtieġa u ta' kwalità għolja għall-gruppi kollha fis-soċjetà, speċjalment vulnerabbli u soċjalment esklużi
5	A.1.1. It-titjib tal-kwalità u tal-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni A.1.1.5. Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kwalifiki professjonali tal-professjonisti tas-saħħa
18	A.1.3. It-titjib sistematiku tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa biex taħdem f'emerġenzi A.1.3.1. Pjan ta' azzjoni li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' Pjan ta' Azzjoni dwar it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza
30	B. 1.2 Moviment mingħajr ma jitniġġes l-ambjent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tintroduċi sistema elettronika ta' pedaġġ ibbażata fuq il-prinċipji ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas"

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
48	B.1.3 Aċċellerazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u ambjent urban sostenibbli - B.1.3.1. Aġġornament u ttestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-ħolqien ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-atti leġiżlattivi li ġejjin: a) il-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Rinnovazzjoni tal-Bini fuq Terminu Twil, b) Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni "Disinn u Ċertifikazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini", approvata bid-Digriet Nru D1-754 tal-Ministru għall-Ambjent tal-11 ta' Novembru 2016 c) Linji gwida għal Żvilupp Urban Sostenibbli approvati bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Litwan d) Emenda tar-Regolament Tekniku tal-Kostruzzjoni CTR 2.05.07: 2005 "Disinn ta' Strutturi tal-Injam", approvata bid-Digriet Nru D1-79 tal-Ministru għall-Ambjent tal-10 ta' Frar 2005
58	B.1.5 Lejn ekonomija ċirkolari	Ewlieni	Dħul fis-seħħ Pjan ta' Azzjoni għat-tranżizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari
68	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tar-regolament emendat dwar l-għoti ta' informazzjoni lil persuni b'diżabilità
69	C.1.3 Servizzi orjentati lejn il-klijent	Ewlieni	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għal soluzzjonijiet u għodod innovattivi biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' komunikazzjoni aħjar għall-persuni b'diżabilità
108	D.1.2. Aċċess għall-iżvilupp tal-kompetenzi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-adulti	Ewlieni	Dħul fis-servizz tas-sistema ta' informazzjoni one-stop-shop għat-tagħlim tul il-ħajja
121	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom — E.1.1.1. It-titjib tal-finanzjament għall-edukazzjoni għolja u s-sistemi ta' ammissjoni għall-istudenti	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-atti legali li jistabbilixxu sistema ta' kuntratti ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
122	E.1.1. Edukazzjoni ogħla ta' kwalità u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'saħħithom - E.1.1.1. It-titjib tal-finanzjament tal-edukazzjoni għolja u s-sistemi ta' ammissjoni tal-istudenti - E.1.1.2. It-titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja billi jiġu rfinati l-missjonijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-Liġi emendata dwar ir-Riċerka u l-Istudji, li tbiddel is-sistema għall-finanzjament u r-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni għolja
143	F.1.2. Sistema fiskali aktar ġusta u aktar favorevoli għat-tkabbir - F.1.2.1. It-tneħħija ta' eżenzjonijiet mit-taxxa u reġimi speċjali tat-taxxa li huma ineffiċjenti, ma għadhomx jirriflettu l-prijoritajiet tal-istat jew ma jikkonformawx mal-Patt Ekoloġiku.	Skaluna Ewlenija	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi fil-leġiżlazzjoni tat-taxxa li jabolixxu l-eżenzjonijiet tat-taxxa u reġimi tat-taxxa speċjali
145	F.1.2. Sistema fiskali aktar ġusta u aktar favorevoli għat-tkabbir - F.1.2.2. Sottomiżura 2: Aktar espansjoni tal-bażi taxxabbli għal sorsi li ma jfixklux it-tkabbir ekonomiku	Skaluna Ewlenija	Dħul fis-seħħ tal-emendi għal-leġiżlazzjoni dwar id-dazji tas-sisa, it-taxxi ambjentali u t-taxxi fuq il-proprjetà
151	F.1.3. Is-sostenibbiltà fit-tul u t-trasparenza tal-baġit nazzjonali - F.1.3.3. It-tisħiħ tal-istruttura tad-dħul muniċipali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-Liġi dwar il-Metodoloġija tad-Dħul mill-Baġit Muniċipali tad-Determinazzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejbiet tat-tqabbil sistematiku tal-indikaturi fiskali muniċipali u l-valutazzjoni tal-kapaċità muniċipali biex jingħabar id-dħul
156	F.1.4. Titjib tal-konformità mat-taxxa - F.1.4.2. Tassazzjoni ġusta tal-attivitajiet ekonomiċi online	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tar-rekwiżit legali għall-operaturi tal-pjattaformi online biex jiġbru u jirrappurtaw lill-awtoritajiet tat-taxxa *data* dwar tranżazzjonijiet imwettqa fuq pjattaformi online
177	F.1.8. Tieqa unika biex jitħallsu l-multi	Ewlieni	Adozzjoni ta' emendi għal atti legali li jippermettu lill-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat jamministra l-maġġoranza tal-multi u s-sanzjonijiet ekonomiċi

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
183	G.1.1. Protezzjoni tal-introjtu minimu garantit - G.1.1.2. Miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali	Ewlieni	Dħul fis-seħħ tal-emenda għal-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Soċjali tal-Qgħad li żżid il-kopertura tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-qgħad
		Ammont tal-ħlas parzjali	EUR 334 613 425,00

